# Soċjetà Filarmonika L-Unjoni A.D. 1880



Festa
2014


Lawrence Cassar ltd.
we specialize in:
Feast lighting and church decorations
Christmas decorations for streets, shops, hotels and more
Lighting and cabling contracts
''Kuntakita'' Angelo Mangion Str, Tarxien
Tel:27891217 Mob:77774673
E-mail:lawrencecassar1@hotmail.com
Now also hiring cherry pickers



Il-Martirju ta' Sant'Andrija,
Peter Paul Rubens

**SOĊJETÀ FILARMONIKA L-UNJONI A.D. 1880**
'Palazz Sant'Andrija'
90, Triq Sant'Andrija,
Luqa
Tel: 21676583
**www.unionbandmalta.org**

**FESTA 2014**

**Bord Editorjali**
Neil Zammit
Clifford Micallef

**Qari tal-Provi**
Neil Zammit

**Ġbir ta' Reklami**
Andrew Aquilina
Clifford Micallef
Albert Cassar
James Ciappara
Dr Noel Camilleri
Joe Aquilina
Jonathan Costa
Malcolm Muscat

**Ritratti**
Neil Zammit, Kevin Camilleri
Roderick Bajada, Massimo Cassar
Andrè Farrugia, Karl Camilleri,
Salvu Sant, Sandro Farrugia,
Emanuel Cauchi, Massimo Borg
Sit Uffiċjali tal-Parroċċa
www.luqaparish.com
Arkivji tal-Każin




**Ritratt tal-Qoxra**
*Bozzett għall-istatwa ta' Sant'Andrija, Kav. Alf. Camilleri Cauchi (1984)*

# Werrej

Kumitat 2013-2015 .......... 3
Il-Festa Maltija .......... 7
Inkomplu nkabbru l-Festa .......... 15
Jikteb il-Kaxxier .......... 23
Id-dixxiplina fit-tagħlim tal-mużika .......... 26
Insaħħu t-tagħlim tal-mużika .......... 30
Il-Mużika fil-Festa .......... 35
Unur għal Ħal Luqa u Rebħa Storika .......... 39
Fis-Suċċessjoni r-Rivelazzjoni .......... 43
Dalwaqt naslu fejn xtaqna .......... 47
Ġejna lura bil-kbir .......... 53
Sehem in-Nisa fis-Soċjetà .......... 55
Ħidmet iż-Żgħażagħ .......... 57
Il-Websajt tas-Soċjetà .......... 59
Radju Sant'Andrija 88.4FM .......... 61
Tislima lill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija .......... 63
Rebħa Storika għall-*Kamra tan-Nar Sant'Andrija* .......... 67
Żjara Uffiċjali mill-President tar-Repubblika .......... 72
Ġejjieni sabiħ għall-Banda L-Unjoni .......... 77
*Recording* ta' Sett Marċi Brijużi .......... 79
Manutenzjoni fil-Każin matul is-sena .......... 81
Wirjiet ġewwa l-Każin .......... 85
Awguri lil Federica Falzon .......... 89
Il-Festa f'ġieħ il-Patrun tagħna Sant'Andrija .......... 91
100 Sena f'Palazz Sant'Andrija .......... 95
Anniversarji ta' interess għal Ħal Luqa li jaħbtu fl-2014 .......... 97
Programm tal-Festi Solenni .......... 100
Programm tal-Festi Esterni .......... 102
Programm tan-Nar .......... 107
Programm mill-Banda 12th May .......... 111
"Sant'Andrija – Ġgant fil-Fidi u fit-Tama!"
Il-Papa Benedittu XVI .......... 113
Il-Kapitelli fil-Knisja tal-Ftajjar .......... 117
Għaliex Ħal Luqa saret Parroċċa fl-1634? .......... 123
L-Iskultur Francesco Saverio Sciortino u ħidmietu f'Ħal Luqa .......... 127
L-Innijiet tal-Banda L-Unjoni u ta' Sant'Andrija tul iż-żminijiet .......... 131
Indrì jiltaqa' ma' ħuh Pietru wara aktar minn disa' sekli .......... 135
Tusè Mallia .......... 139
Tliet Traġedji fis-Snin Ħamsin .......... 151
Insalvaw il-fjuri selvaġġi tagħna…
nibżgħu għall-flora u l-fawna .......... 153
Il-Knisja ta' Sant'Andrija fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar .......... 159
Papa Luciani u Papa Bergoglio .......... 163
Anniversarji Nazzjonali .......... 171
L-Istorja tal-istrumenti tar-ramm u l-manifattura tagħhom .......... 177
Sant'Andrija .......... 187
Tislima lill-Baruni Kelinu Vella Haber S.O.S.J.(1913-2014) .......... 188
Obitwarju .......... 191
Min irreklama .......... 192



# Kumitat 2013-2015

**Presidenti Onorarji**
E.T. Mons. Pawl Cremona O.P. Arċisqof ta' Malta,C
Lino Abela Scolaro, Carmelo Psaila, Carmel Spiteri, Salvu Spiteri, Carmelo Camilleri, Frank Ciappara, Joe Mizzi, Carmelo Penza, Francis Magri, Twanny Camilleri, Charles Camilleri, Trofimo Baldacchino, Emmanuel Magri.

**Membri Onorarji**
Donna Carmen Vella Haber, Joseph Brincat, John Camilleri, Maria Camilleri, Twanny Ellul, Francis Costa, Alex Spiteri, Paul Fiorentino, Lino Cremona, Dr Jamie H. Cremona, Charles Cremona, Paul Cremona, Raymond Penza, Joe Camilleri, Mario Cardona.

**Surmast Emeritus**
Prof. Charles E. Zammit
*Ph.D., D.Mus., FRSA., FLCM., GLSM., FIBA., FASC., FGMS., FVCM., FCSM., FWTC, FNSCM., KCSJ.*

**Segretarju**
James Ciappara

**President**
Dr. Noel Camilleri
*B.A. (Law), L.P. LL.D. Dip. Tax*

**Teżorier**
Albert Cassar

**Asst. Segretarju**
Neil Zammit
*B.Accty. Hons, CPA, AIA, A.L.C.M., A.Mus. L.C.M., L.Mus. LCM*

**Viċi-President**
Lawrence Cassar

**Asst. Teżorier**
Clifford Micallef

**Uffiċjali Relazzjoni Pubbliċi**
Clayton Psaila, André Magri

**Delegat tas-Soċi**
Jonathan Costa

**Arkivista u Rapp. Kummissjoni Banda**
Noel Brincat

**Membri**
Joe Aquilina, Patrick Camilleri *Dip. Mus. A.T.C.L.*

**Kuratur**
Andrew Aquilina

**Direttur Spiritwali**
Fra. Adrian Jos. Cachia *O.F.M.*

**Surmast Direttur**
Mro. John David Zammit
*F.V.C.M., F.G.M.S., L.L.C.M., (T.D.) A.Mus. L.C.M., A.L.C.M.*

**Asst. Surmast**
Mro.Norbert Camilleri *A.L.C.M., L.V.C.M., L.Mus L.C.M., Dip. Sacred Music*

**Għalliema tal-Mużika**
Victor Borg


Kamra tan-Nar Sant'Andrija
Rebbieħa bl-unuri kollha







St. Andrew Fireworks
MALTA
AERIAL AND GROUND FIREWORKS
DOUBLE CHAMPIONS 2014


the MALTA RECORDS
St. Andrew Fireworks
L-Unjoni, Luqa, Malta
www.unionbandmalta.org
Two Fireworks Awards
in a short period of time ...


# B&G
# Hardware Store




**St Thomas Str, Luqa**

**Tel: 2767 5362 Email: bandg@onvol.net**

**Mob: 9987 4609 9987 1859**

# Il-Festa Maltija

**Avv. Noel Camilleri**
**President**



Il-festa Maltija hija espressjoni tal-identità kulturali u reliġjuża ta' pajjiżna. Għalhekk huwa importanti li nkunu kapaċi li ngħożżu u nkomplu naħdmu ħalli l-festa tagħna tibqa' festa sabiħa bit-tradizzjonijiet tagħha imma b'taħlita ta' innovazzjoni kif tiġi organizzata mingħajr ma ninsew is-sinifikat tagħha kemm f'dak li huwa kult reliġjuż u kulturali. Is-sinifikat tal-festa jiżdied għaliex l-organizzazzjoni tagħha hija turija tal-ħidma volontarja ta' mijiet ta' nies li juru li għad hawn ħafna li lesti jagħtu l-ħin u l-enerġija tagħhom mingħajr ħlas sabiex il-festa u allura l-ħidma tas-Soċjetà tagħna jibqgħu relevanti fil-ħajja tagħna. Ma rridux ninsew li s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni bħala l-ewwel formazzjoni bandistika għandha rabta storika mal-ewwel festa ġewwa Ħal Luqa.

Illum, aktar minn qatt qabel huwa affermat li pajjiżna huwa stat ċivili u għalhekk il-liġijiet tal-Istat jiżbqu dawk tal-Knisja. Dan l-istat ta' fatt għandu jiġi rispettat minn kull min hu involut fl-organizzazzjoni tal-festa u għalhekk għandha tibqa' bbażata fuq rispett ugwali u reċiproku bejn il-parroċċa u l-Għaqdiet li għandhom ir-responsabbiltà li flimkien jorganizzaw u jikkordinaw il-festi esterni li huma marbutin intrinsikament ma' dawk interni. Waħda mingħajr l-oħra jintilef il-vera sens tal-festa tagħna.

Il-festa dedikat lill-patrun tagħna Sant'Andrija hija festa li l-poplu Malti u Għawdxi jiġi bi ħgaru biex jipparteċipa għaliex għandna tempju dedikat lil Sant'Andrija li kull ma tmur qiegħed jerġa' jikseb is-sbuħija li kellu qabel ma ġġarraf fit-Tieni Gwerra Dinjija u dan mertu ta' Fr Gordon Refalo u l-kollaboraturi tiegħu. Imma għaliex bħala Soċjetà Filarmonika L-Unjoni mhux biss nagħtu importanza lill-banda u lill-bandisti tagħna imma wkoll għaliex noffru esperjenzi uniċi f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi esterni. Biżżejjed insemmi l-marċ tal-anġlu u t-tlugħ tiegħu fuq il-pedestall majistuż fiċ-ċentru tal-pjazza Sant'Andrija, simbolu ta' tradizzjoni antika li tmur il fuq minn mitt sena. L-Anġlu li jirrappreżenta l-glorja tal-martirju tal-appostlu Sant'Andrija huwa mument emozzjonanti għal kull min ikun preżenti.

Iżda appuntament ferm importanti u fundamentali għas-Soċjetà tagħna huwa l-programm mużikali li jiġi mħejji mis-Surmast John D Zammit, programm li dejjem wera l-kapaċità tas-surmastrijiet li dina s-Soċjetà kellha imma anke ta' numru sabiħ tal-bandisti tal-post mgħejjuna minn bandisti mistednin. Is-sena l-oħra kienet l-ewwel darba li kantat Federica Falzon li skopriha proprju s-Surmast Zammit u llum l-istorja tagħha kulħadd jafha. Għalhekk


Newwes Garage
Prop. Horace Spiteri
A Wide range of Wedding Cars for Hire • Taxi Service • Mini Bus Service 24 Hours a Day • Rent Cars
Triq Alfred Cachia Zammit, Żejtun Tel: 21 693247 / 21 694212 • Mobile: 9949 8829



Purċissjoni Solenni
bil-vara ta’ Sant’Andrija
Appostlu – 2013



Dione Mini Bus Service
Tel: 99429127




G. DARMANIN SERVICE STATION
Valletta Road, Luqa. Tel: 21/2766 7109
NEW TYRES AND PUNCTURE REPAIRS
OILS, SERVICE PARTS & CAR CARE PRODUCTS
SISTEMA AWTOMATIKA
24 SIEGĦA SERVIZZ

il-programm mużikali tal-Banda tagħna dejjem ikun ferm mistenni għaliex juri l-kapaċità bandistika tal-mużiċisti tagħna u m'għandniex dubju li dina s-sena hekk ser ikun u persważ li ser ikun programm milqugħ mill-mijiet ta' nies li jattendu. Huwa ta' pjaċir enormi tiegħi li fi ħdan il-banda fil-preżent hemm jitgħallmu l-mużika għal kważi sena il fuq minn 30 student u studenta u dan jawgura tajjeb għall-futur. Dan it-tagħlim isir kollu mingħajr ħlas u ta' dan irid nirringrazzja lis-Surmast, l-Assistent Surmast, l-Għalliem u l-koordinatur ta' dan it-tagħlim. Imma ma nistax ma ngħidx grazzi lill-istudenti kollha għall-impenn tagħhom u lill-ġenituri għall-appoġġ sħiħ li jagħtu biex jaraw lil uliedhom ikomplu bit-tagħlim u fl-istess ħin qegħdin japprovaw ix-xogħol li qed jitwettaq b'serjetà mis-Soċjetà tagħna. Inħeġġeġ aktar studenti jiġu u jibdew jitgħallmu. It-Tagħlim huwa dejjem importanti fil-ħjja tagħna.

Madankollu din il-festa ser tkun l-ewwel waħda wara r-rebħ ta' żewġ unuri prestiġjużi mis-*St Andrew's Fireworks Factory* fi ħdan is-Soċjetà tagħna ftit tal-ġimgħat ilu. Żewġ unuri li, magħqud ma' dak mogħti mill-*Malta Records Award* jirrijafferma, jekk qatt kien hemm dubju, li isem dina l-fabbrika tal-piroteknika hija mnaqqax fl-annali tal-istorja tal-piroteknika Maltija u dan ser jintwera matul il-ġranet tal-festa. Dan ngħidu b'umiltà u b'sens ta' responsabbiltà.

L-impenn tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni lejn il-komunità kollha hija waħda mifruxa u kontinwa u dan permezz tat-trażmissjoni li siru f'żewġ perjodi tas-sena minn Radju Sant'Andrija, ir-radju komunitarju ta' Ħal LUqa li bil-ħidma kontinwa tat-tim kollu u l-impenn tagħhom hu li jibda jittrażmetti għall-perjodi itwal ħalli jsaħħaħ is-servizz tiegħu favur il-poplu Ħalluqi permezz ta' aktar programmi edukattivi u varjati.

Kull soċjetà jew għaqda għandna tinkoraġixxi l-impenn żagħżugħ fi ħdan il-ħidma ta' Soċjetà bħal tagħna għaliex il-preżenza tagħhom tagħti nifs ġdid lejn l-attività tagħna. Madanakollu dan in-nifs irid ikun dejjem mogħti b'entużjażmu imma fl-istess ħin b'serjetà ħalli ma nħallu lil ħadd jinqeda bihom biex ipinġi liż-żgħażagħ tagħna bħala persuni li ma jafux xi tfisser responsabbiltà u dixxiplina.

Huwa ta' pjaċir tiegħi li s-Sezzjoni tal-Armar f'ħidma mingħajr waqfien biex dak li għandha ippjanat jiġi attwat fiż-żmien opportun biex hekk iżomm l-isem għoli li dina s-Sezzjoni għandna f'dak li għandu x'jaqsam mal-armar tal-festa. Proġett ambizzjuż imma li żgur ser ikun ta' sodisfazzjon għall-Ħalluqin kollha. Irid nesprimi l-gratitudni lejn il-Kummissjoni Nisa li kontinwament jimpenjaw irwieħhom biex jersaqu aktar nisa lejn is-Soċjetà tagħna u fl-isess ħin bl-għajnuna u anke l-parir siewja tagħhom inkompu nsebbħu l-bini tas-Soċjetà tagħna.

Qatt mhuwa faċli li torganizza festa meta wieħed jikkonsidra li Soċjeta bħal tagħna għandha responsabbiltà kbira f'dak li għandu x'jaqsam mal-festi esterni imma jiena kburi li l-membri tagħna flimkien mal-benefatturi u l-awtoritajiet ċivili u ekkleżjastiċi nqumu għall-okkażjoni u kull ena ssir festa li hija espressjoni tal-fidi nisranija tagħna lejn il-patrun Sant'Andrija u t-tagħlim ta' Kristu imma wkoll riaffermazzjoni tat-tradizzjonijiet kulturali ta' pajjiżna. Huwa għalhekk ferm importanti li aħna niċċelebraw dina l-festa b'entużjażmu imma b'dixxiplina u serjetà għaliex hekk jixraq. L-eċċessi ġejjin minn fejn ġejjin huma ħażin għal min jagħmilhom u mhux lil min ikunu ndirizzati.

F'ismi u f'isem is-Soċjetà, nixtieq inwassal l-isbaħ awguri minn qalbi lill-Ħalluqin kollha għall-festa dedikata lill-ewwel appostlu Sant'Andrija ħalli flimkien niċċelebraw b'sens reliġjuż, ċivili u dixxiplinat u minn qalbi nirringrazzja lil kulħadd għall-għajnuna, mpenn u appoġġ li tingħata mhux biss lis-Soċjetà tagħna imma anke lill-komunità kollha. Bil-ħidma kollettiva ta' kulħadd nistgħu ngħidu li qegħdin verament niċċelebraw festa sabiħa u li jixraq lil Ħal Luqa u lil Sant'Andrija.


GORI
BUTCHER
Jispeċjalizza fil bejgħ ta :
◆Ċanga Friska
◆Majjal
◆Laħam Tal - Friża
◆ZALZETT Frisk Malti
15A, triq Santa Marija,
Ħal Luqa ✆21678484
GORI
BUTCHER


Vision
2000
SALON PROFESSIONAL
SCULPTING
GEL
200ml ℮
6.67Fl. oz
Vision
2000
VISION 2000
SCULPTING GEL
NOW AVAILABLE IN TWO SIZES;
200ML IN A TUBE
AND THE ORIGINAL
500ML JAR
Available only from hair salons.
If you own a hair salon and wish to stock
Vision 2000 sculpting gel, please call Ray on
21665882 / 99407462
FOR IMMEDIATE DELIVERY!



# HUSYL

## HOUSEHOLD & GIFTWARE



Loose Furniture and Giftware



Tableware and Cookware



Kitchen Appliances and Utensils



Quality Mattresses



Outdoor and Leisure

New Street, Luqa

Tel. 99471706

# Inkomplu nkabbru l-Festa

**James Ciappara**
**Segretarju**



Għaddiet sena oħra ta' ħidma kontinwa u reġgħet waslet festa oħra, festa li titlob preparamenti kbar, għax mhux kemm taqbad u tgħid li waslet il-festa, ghax din tinvolvi ħafna xogħol minn kull persuna li jagħmel xi ħaġa sabiex il-festa tkun suċċess. Ikun hemm ħafna nies involuti, però dawn mingħajr ħafna daqq ta' trombi jaħdmu għal dan l-għan. Issir ħidma b'ħafna sagrifiċċji personali li mbagħad din tissarraf matul dik il-ġimgħa tal-festa, jekk ma jkollokx ukoll taħdem bla għeda f'dik il-ġimgħa wkoll kif normalment jiġri minn dawn in-nies involuti.

Sabiex ikollok festa kbira kif ikollna aħna, bilfors li jrid ikun hemm ħidma kontinwa u organizzazzjoni sħiħa bejn il-Kumitat Ċentrali u s-sotto Kumitati fi ħdan is-Soċjetà, li nista' ngħid li dina teżisti fis-Soċjetà tagħna. Dawn is-sotto kumitati flimkien mal-kumitat ċentrali jaħdmu id f'id sabiex jaraw lis-Soċjetà timxi 'l quddiem, u dan jagħmluh mingħajr ħafna daqq ta'trombi u ħafna drabi ikollom ukoll jiċċaħdu mill-familji tagħhom. Ta'dan, jien bħala segretarju ngħid grazzi lilhom u l-familji tagħhom.

Hu ta' nkorraġament għas-Soċjetà li tara grupp ta' tfal jitgħallmu l-mużika taħt id-direzzjoni tas-Surmast John D. Zammit, l-Ass. Surmast Norbert Camilleri u l-għalliem tar-ram Victor Borg. Dawn it-tlieta jwettqu ħidma kbira ma' dawn it-tfal fejn il-frott tagħhom ma jdumx li jibda jinqata'. La qiegħed insemmi lil dawn l-allievi nixtieq ngħid grazzi lill-ġenituri tagħhom, tal-paċenzja li jieħdu sabiex iġibuhom għat-tagħlim. Nista' ngħid li x-xogħol tas-Surmast ma waqafx hawn għax barra s-servizzi li jkollha l-banda matul is-sena, din is-sena sar ukoll ir-recording ta' marċi brijużi u baqgħu għaddejjin il-kunċerti ġewwa l-każin regolarment. Hawn ma nistax ma ngħidx grazzi lil dawn il-persuni kollha li taw daqqa t'id kif ukoll lill-arkivista u d-delegati tal-banda, kif ukoll lill-bandisti, ghal-ħidma kontinwa tagħhom matul is-sena. Jekk ma jinqala' xejn is-sena d-dieħla se jkollhom is-sala tal-kunċerti attrezzata b'dak kollu li tinvolvi sala tal-kunċert, u jien persważ li naslu kif ippjanat.

Ħafna soċjetajiet fi ħdanhom għandhom is-sotto kumitat tan-nisa. Bi pjaċir ngħid li għandna kumitat tan-nisa li hu ħabrieki ħafna u kull darba li xi għaqda oħra fi ħdan is-soċjetà ssejħilhom għall-għajnuna dawn tarahom sejrin mill-ewwel. Dan is-sotto kumitat minn din is-sena neħħa t-tradizzjoni li kellu, li l-flus li jiġbor kien jgħaddihom



# International Forwarders



*We offer*

- European Car Transport
- Weekly Groupage from Italy
- Daily Groupage from Sicily
- Dry/Chilled/Frozen Transport
- Full/Part Loads Available

**Tel: +356 2339 2250 | +356 79428152**

**svella@fahrenheit.com.mt**



*Cum pervenisset Beatus Andreas*
*ad locum ubi Crux parata erat, exclamavit et dixit:*
*O bona Crux diu desiderata et jam concupiscenti*
*animo praeparata securus et gaudens venio ad te:*
*ita et tu exultans suscipias me discipulum ejus,*
*qui pependit in te.*

lill-kumitat. Minn din is-sena l-kumitat bi ftehim ma' din s-sezzjoni sar qbil li l-flus jinżammu għandhom, biex bihom huma jsebbħu l-każin b'dak kollu li jkun jeħtieġ. Nista' ngħid mingħajr tlaqliq li din is-sezzjoni eżatt wara l-festa se tibda xogħol kbir fis-Soċjetà li għandu jkun proġett li se jieħu bejn tlieta u erba' snin. Hawn ngħid grazzi lill dan il-grupp ta'nisa għax xogħol kollu li jagħmlu għas-Soċjetali tant iħobbu.

Sezzjoni oħra fi ħdan is-soċjetà hi Radju Sant'Andrija, ir-radju komunitarju f'Ħal Luqa. Dan ir-radju hu mmexxi tajjeb minn grupp ta' nies li wkoll iħobbu lis-Soċjetà, u li b'dedikazzjoni kbira jagħtu ħafna ħin għal dan l-istazzjoni, li ta' kull sena jżid l-udjenza tiegħu. Hawn ngħidilhom grazzi tal-kollaborazzjoni sħiħa li insibu minn naħa tagħhom.

Zgur li kull Soċjetà għandha għall qalbha l-pulmun taghha; iż-żgħażagħ. Soċjetà mingħajr żgħażagħ ma' għandek xejn. Dawn mhux bilfors ikunu l-każin kuljum għax ħa ngħiduha kif inhi, m'għadux dak iż-żmien, però nassigura lil kulħadd li dawk il-ftit li jkun hemm ikunu qed jaħdmu għal sena sħiħa. Lil dawn nixtieq ngħidilhom grazzi minkejja li jkunu impenjati anke bl-istudju tagħhom.

Il-pjazez u t-toroq f'dan iż-żmien tal festa jkunu imżejna b'libsa sabiha li m'hawnx bħalha, grazzi għall-grupp tal-Armar fi ħdan is-Soċjetà. Dan il-grupp jaħdem qatih matul is-sena kollha, u barra mill-attivitajiet li jorganizzaw b'risq l-armar, dawn jaghtu daqqa t'id kbira f'dak kollu marbut mal-każin. Hafna mill-membri tal-Armar huma wkoll membri fil-Kumitat Ċentrali, u għalhekk ma jistax jonqos illi dawn in-nies ikunu involuti wkoll fil-ħajja ta' kuljum tas-Soċjetà tagħna. Apparti dan kollu, dan il-grupp ma' jiqafx bix-xogħol kontinwu tiegħu ġewwa l-imħażen tas-soċjetà u alla ħares ma jkunx hekk għax l-armar ikollu bżonn it-tiswijiet tiegħu ukoll. Kif tafu, dan il-grupp bħalissa għaddej fuq proġett kbir li jekk alla jrid jiżżanżan fil-festa li ġejja u jkompli jpaxxi kemm lill-Ħalluqin kif ukoll lid-dilettanti Maltin. Grazzi kbira tmur għal dawn in-nies tal-hidma u l-impenn matul is-sena kollha.

L-aħħar għaqda u żgur mhux l-inqas hi l-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà. Dan il-grupp ta'nies immexxija tajjeb u b'dixxiplina mill-licensee s-Sur Joe Aquilina din is-sena għamluna kburin għax kif jaf kulħadd, ġabu tlett unuri kbar lejn is-Soċjetà li żgur se jibqgħu imnaqqxin fl-istorja tas-Soċjetà tagħna. Nhar is-27 t'April inżamm il-Festival Nazzjonali tan-nar tal-ajru ġewwa Buġibba mtellgħa mill-Malta Tourism Authority, u f'dan il-Festival is-*Saint Andrew's Fireworks Factory* wara assenza ta' sentejn ma'tista tagħmel xejn peress li l-permess tan-nar kien miżmum, irnexxiela tirbaħ dan il-Festival Nazzjonali, minkejja li kien hemm kmamar tan-nar oħra lesti li se jirbħu dan il-festival u kważi kienu ċerti. Eżatt sitt ijiem wara nhar it-3 ta'Mejju, il-kamra tan-nar tagħna reġgħet ħadet sehem fil-kompetizzjoni tal-logħob tan-nar tal-art li nżamm ġewwa l-Floriana , organizzat mill-istess kunsill. Hawn ir-riżultat ħareġ l-għada l-Ħadd għall-ħabta ta'12.15pm, u hawn reġgħet ġiet dikjarata rebbieħa l-kamra tan-nar tagħna ukoll. Mela issa dawn il-persuni sa issa kienu għamlu rebħa doppja, rebħa li sa issa f'Malta ħadd għadu m'għamel. Għal dan l-għan, nhar il-Ġimgħa 16 ta'Mejju nżammu ċelebrazzjonijiet li bdew b'quddiesa quddiem il-każin, fejn wara ingħataw xi rigali u sar xi diskors minn membri parlamentari, però żgur li kien jonqos xi ħaġa għax hawn beda jitkellem rappreżentant tal-Malta Records u dan ħabbar li l-kamra tan-nar tagħna kisret ir-record nazzjonali li f'inqas minn sitt ijiem rebħet id-double tan-nar u dan ġie rikonoxxut mill-istess għaqda. Għalhekk m'għandiex kliem sabiex nirringrazzja lill dawn in-nies li b'dedikazzjoni kbira komplew jghollu l-fuq l-isem tas-Soċjetà tagħna, u żgur li se

jkomplu jagħmlu hekk fi żmien li ġej speċjalment fil-festa ta' din is-sena. Grazzi kbira tmur għal dawn sħabi tan-nar kif ukoll grazzi lill-familji tagħhom li qegħdin jagħmlu ħafna sagrifiċċju minħabba l-għeżież tagħhom.

Fl-aħħar ma nistax ma nirringrazzjax lil sħabi tal-kumitat li dejjem ikunu ta' ispirazzjoni għaliha, kif ukoll għall-ideat ġodda li dejjem joħorġu bihom sabiex inkomplu jmexxu 'l quddiem lil din is-Soċjetà tant għażiża għalina. Grazzi speċjali tmur għall-membri ta' din s-Soċjetà għax mingħajr il-preżenza tagħhom ma jkun jista' jsir xejn.

Fl-aħħar nagħlaq b'appell lejn il-membri sabiex waqt il-marċi li jinżammu fil-ġimgħa tal-festa jipparteċipaw bis-sħiħ, nifirħu però ma nweġġgħu lil ħadd bi kliemna, u kulħadd jisma' mill-kelma tal-kumitat.

VIVA SANT'ANDRIJA

VIVA l-BANDA L-UNJONI


eretric ltd

Importers & Distributors Of Auto-Marine Electrical Parts & Accessories

WHERE QUALITY COMES FIRST

Auto and Marine Electrical Parts and Accessories Specialising in exchange of starter and alternator units.






Find us on: facebook

Triq il-Mithna ta' Caraffa
Luqa LQA1521
**Tel**: 21665 642 / 21 677 570 / 21 821 769
**Email**:- sales@eretric.com
**Website**:- www.eretric.com


pizza
PETRUS
I love my cheezy crown!
A truly
Maltese
Speciality
by
JM
OPERATIONS
available at
Discount Depot
CASH & CARRY
2166 3304


Phone Booth
Mobile & Hi-Fi Center Tel : 21820878
Mob: 79706821 79057161. 38, St Andrew Str' Luqa
Iphone 5
Samsung Galaxy S3
Nokia Lumia
Digital Cameras
Laptops
LED & 3D Televisions
Home Cinema
Find us on facebook
Hi-Fi
Tablets
3D


Il-Bar tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
miftuħin kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd.
Joffri drinks b'appetizers ġenwini f'atmosfera bejn il-ħbieb.
Isiru wkoll ikliet, fenkati u laħam taż-żiemel.
Matthew u Christabel
jawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.



# Tal-Parrina

**BOTTLE SHOP • CONFECTIONERY • CAFETTERIA**

**Daily fresh baguettes, ice-cream, frozen food, large selection of wines & spirits, hot snacks**



**We accept orders for private functions**

***Tel: 21802300***

***Triq Sant'Andrija Luqa***

***(Quddiem l-Iskola)***

***Miftuħin mit-Tnejn sal-Ħadd,***

***06:00am sa 09:00pm***

# Jikteb il-Kaxxier

**Albert Cassar**



Sena oħra għaddiet u reġa' wasal iż-żmien li ngħid kelmtejn fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tas-Soċjetà tagħna.

Matul is-sena li għaddiet komplejna fuq il-pjan li għamilna s-sena ta' qabel biex insaħħu s-sitwazzjoni finanzjarja tas-Soċjetà li kienet kemxejn imwiegħra. Sar eżerċizzju qawwi min-naħa tal-Kummissjoni Banda biex innaqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż relatati mal-bandisti barranin li jkollna naqilgħu, biex kull meta jkollna servizz tal-banda, inkunu nistgħu nippreżentaw banda kompluta u armata sew. Il-kumitat dejjem ta' prijorità lill-banda u hekk se jkompli jagħmel fiż-żmien li ġej, madankollu rridu nżommu quddiem għajnejna li hemm limitu ta' kemm nistgħu nonfqu. Nittamaw li fil-futur qarib, l-allievi li għandna jitgħallmu bħalissa, jingħaqdu mal-banda u b'hekk inkunu nistgħu ntaffu xi ftit mill-ispejjeż tal-bandisti barranin. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lis-Surmast, l-Assistent Surmast u l-Għalliema tax-xogħol siewi li qed jagħmlu mal-allievi tagħna, li ta' min jgħid huwa numru inkoraġġanti ferm.

Bi pjaċir ngħid li s-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjetà matul is-sena marret 'il quddiem sew u nistgħu ngħidu li mexjin fit-triq it-tajba. Ringrazzjament speċjali lill-kumitat tan-nisa li bl-attivitajiet li jorganizzaw matul is-sena jirnexxielhom jiġbru somma sabiħa biex itaffu ftit mill-ispejjeż ta' matul is-sena.

Nixtieq pubblikament nirringrazzja lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni. Żgur li mingħajr dawn ir-reklami, il-ktieb ma jkunx jista' jsir. Nappella biex tagħmlu użu mis-servizzi tagħhom.

Minn hawn nixtieq nifraħ lis-St Andrew's Fireworks Factory tas-suċċess doppju li akkwistaw fil-Malta International Fireworks Festival u l-Festival tan-Nar Mekkanizzat fil-Furjana. Is-Soċjetà kburija bikom.

Nagħlaq billi nappella lis-soċi biex ikunu ġenerużi meta nagħmlu l-ġabra matul il-ġimgħa tal-festa, kif ukoll nagħmel appell biex tattendu l-attivitajiet li norganizzaw matul is-sena għax b'hekk biss inkunu nistgħu nsaħħu l-finanzi tas-Soċjetà u norganizzaw festa xierqa kif nafu nagħmlu aħna, festa kompluta minn kollox.

Viva Sant'Andrija.


NEWWES
NEWWES
NEWWES
Horace Spiteri
Tan-Newwes
HRS-017
RIP-012
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta jew ta' Barra • Fjuri • Reffija • Permessi
• Karozzi tal-Mejtin • Karozzi Privati • Xandir fuq ir-Radju • Santi • Defina
u dak kollu li għandhom x'jaqsmu mal-Funerali.
Prezzijiet Moderati
24 Siegha Servizz
'Franjes', 18, Triq Dun Lawrenz Degabriele. Żejtun
Mobile: 9949 8829 • Tel: 2169 4212 / 2169 3247



centrestage

FROM PAGE TO STAGE!

# A MUSICAL SUMMER Experience 2014

## Singing, moving and acting.

This course will finish off with a production at the end of summer.

A fun and energetic experience giving the chance to those students that want to take their skills a step further. Individual attention given.

Mob: 99897765
Email: tcalleja@gmail.com

Date: Every Wednesday
Time: 5.00pm - 6.00pm
Place: CentreSTAGE Studios

# T. SPITERI



## MINI READY-MIX & MATERIAL TRANSPORT

## Mob. 7906 3000

# Id-dixxiplina fit-tagħlim tal-mużika

**Mro John D. Zammit**
Surmast Direttur



Din il-kelma dixxiplina hija xi ftit jew wisq ħarxa magħna. Dan għar-raġuni li aħna nifhmu li dixxiplina tista' tfisser kastigi. Fil-prattika dixxiplina hija l-pern tal-irġulija. Min veru jaf it-tifsira tagħha, jaf kemm din hija l-qofol tat-tifsil ta' ħajjitna.

Għaldaqstant, hija ħaġa minn awl id-dinja li din l-imbierka dixxiplina hiaj t-tapit tal-mixja tagħna lejn kull għan. It-tagħlim ta' wliedna huwa msejjes fuq dixxiplina - din tista' tkun moħbija jew fid-dieher. Ħaġa li tiddependi fuq il-karattri varjati ta' wliedna. Nafu kif aħna qegħdin bħal isqra fuq it-tagħlim tal-iskola fuq uliedna, għax nafu li b'dan it-tagħlim uliedna jsawru ħajjithom 'l quddiem. Dan nistgħu nżiduh billi nħeġġuhom biex jitgħallmu l-mużika.

Dan it-tagħlim fil-każin tagħna jitwettaq minn tliet għalliema kwalifikati. Iżda mhux biżżejjed li nibagħtu lil uliedna l-każin biex jitgħallmu u daqshekk. Jeħtieġ li naraw li wliedna qegħdin jagħmlu ħilithom biex jitgħallmu u mhux biex jaħlu ħinhomu ħin l-għalliem tagħhom.

Kemm hemm minna l-ġenituri li jistaqsu lil uliedhom jekk marx tajjeb fil-lezzjoni jew jekk hux ser jerġa' jagħmel l-istess lezzjoni biex jitgħallimha aħjar? Jekk dan mhux qiegħed isir huwa nuqqas ta' dixxiplina fejn hemm nuqqas ta' nteress lejn it-tagħlim tal-mużika. It-tfal meta jaraw li m'hemmx interess min-naħa tagħna dawn malajr jittraskuraw u b'hekk flok progress ikun hemm rigress. Min-naħa tal-każin tifhmu li dawk l-aljievi li juru nuqqas ta' dixxiplina fl-istudju tal-mużika ma jkunx jista' jkompli jgħallimhom. Li jkun ġara huwa li sar ħela ta' ħin u flus kemm min-naħa tal-każin, kif ukoll min-naħa tal-aljiev.

Personalment nixtieq li nħeġġeġ lil dawk il-ġenituri kollha biex iħajru lil uliedhom jiġu l-każin għall-istudju tal-mużika u bid-dixxiplina kollha meħtieġa isegwu l-istudj ta' wliedhom biex b'hekk il-każin ma jkollux biss bandisti tal-isem iżda bandisti dixxiplinati li jkunu jafu japprezzaw dik id-daqsxejn kultura li huma jkunu gawdew minna fi tfulithom, u li sawwrithom f'irġiel u nisa t'għada.

Il-każin tagħna, li mit-twaqqif tiegħu dejjem laqa' tfal fi ħdanu fejn l-għan ewlieni kien dejjem it-tagħlim tal-mużika. Dan jeħtieġ li jitkompla kif għamlu missirijietna. Il-

każin ra alterazzjonijiet kbar strutturali, ra surmastrijiet ta' fama kif ukoll ra bandisti li jibqgħu jissemmew għat-talent mużikali li kellhom.

Uliedna wkoll jistgħu jkunu fost dawn għada pitgħada. Dan imma jista' jsir biss billi nħeġġu lil uliedkom biex bid-dixxiplina kollha meħtieġa jiġu l-każin u jitgħallmu l-mużika. Nixtieq infakkarkom li dak li nitgħallmu, sakemm huwa moralment tajjeb, huwa ta' fejda għalina nfusna kif ukoll għal ta' warajna.

Fuq nota kompletament differenti nixtieq nifraħ mill-qalb liċ-ċkejkna Federica Falzon għas-suċċess kbir li kisbet din is-sena bit-talent kbir li tippossiedi. Nemmen bis-sħiħ li Federica għad trid tagħmel isem kbir għaliha nnifisha u għal pajjiżna. Prosit tassew!

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor taw il-kontribut tagħhom biex il-banda L-Unjoni tibqa' miexja fit-triq tal-progress.

Lilkom ilkoll, minn qalbi, nawguralkom il-festa t-tajba.




Is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
tawgura l-Festa t-Tajba
lill-Ħalluqin kollha,
b'mod speċjali
lil dawk li jaħdmu kontinwament
b'imħabba u devozzjoni
f'ġieħ il-Patrun

Sant'Andrija Appostlu


PAUL SCORFNA
FUNERAL SERVICES
27223394 Day and Night 79912912
Prezzijiet Moderati
24 siegħa servizz
Xogħol ta' Funerali
Twiebet ta' Malta u ta' Barra, Fjuri, Reffiha ,Permessi, Karozzi tal-Mejtijn, Xandir fuq ir-Radju, Santi ,Deffina u dak kollu li għandu x'jaqsmu mal-Funeral.
95, St. Joseph Street, Luqa - info@scorfnagarage.com
79 912 912 - 2722 3394


Andrew Vassallo Ltd
GENERAL TRADING
TEL: 21692917 MOB: 79494438
www.andrewvassallo.com
Specialising In:
Liquid Membrane
Skylights
Raised Flooring
Water Gutters
Manhole Covers
Street Furniture
Expanding Joints
All Types Of Staircases
Permanent Cold Asphalt
And Much More...
Raised Flooring
Skylights
Stair Cases
Gutters
Floor Drains
Manhole Covers
Glass Doors


LOUIS DARMANIN
DAR SERVICES
CCTV SYSTEMS
INTRUDER ALARMS
FIRE ALARMS
AIR CONDITIONING
ELECTRICAL & MECHANICAL
info@darservicesmalta.com
www.darservicesmalta.com
+356 7900 3388
+356 2166 8022

# Insaħħu t-tagħlim tal-mużika

**Norbert Camilleri**
**Assistent Surmast**



L-għan ewlieni ta' kull soċjetà tal-banda huwa li żżid in-numru ta' bandisti tal-post. Dan ma jistax jkun possibli jekk il-banda ma jkollhiex struttura soda ta' tagħlim tal-mużika, kemm mill-att ta' teorija kif ukoll il-prattika tal-istrument. Huwa stat ta' fatt li llum it-tfal minn età żgħira qed jkunu mgħobbija bl-istudju tal-iskola u ħafna minnhom jattendu lezzjonijiet wara l-ħin ukoll, apparti t-tagħlim tad-duttrina. B'hekk ħafna mill-ġenituri qegħdin jaħsbuha darbtejn biex jibagħtu t-tfal tagħhom jitgħallmu strument fil-kazini tal-baned tal-lokal.

Ta' min wieħed jsemmi li bit-taghlim tal-mużika, it-tfal minbarra li hu mezz ta' rikrejazzjoni għalihom iservi ta' ġid ukoll fl-iżvilupp personali u soċjali tagħhom. Insibu wkoll studji li jindikaw li tfal li jistudjaw il-mużika jmorru ferm aħjar fis-suġġetti oħra bħal Matematika u x-Xjenza.

Kien għalhekk li is-soċjetà tagħna ħasset il-ħtiega li tqajjem *awareness* fl-iskola primarja tar-raħal kif ukoll f'iskejjel tal-madwar fuq l-importanza tat-tagħlim tal-mużika filwaqt li tħeġġeġ lill-istess tfal biex jitgħallmu strument tal-banda.

Il-Banda tagħna bħalissa qiegħda tħarreġ ħamsa u ghoxrin student/a, li wara li s-sena l-oħra ġew mgħallma r-recorder mis-surmast direttur, din is-sena bdew jitgħallmu strument tal-banda. Dawn l-istudenti permezz tas-surmast, flimkien miegħi u ma' Victor Borg qed jiġu mħarrġa fuq strumenti tar-ram kif ukoll tal-qasba.

Ma nistax ma nsemmix u f'istess ħin infaħħar lill-aljievi tagħna li individwalment urew l-isforzi u l-abbiltajiet tagħhom fit-tagħlim tal-istrument billi daqqew siltiet qosra f'attività li s-Soċjetà ħadet ħsieb torganizza matul il-ġimgħa ta' Jum l-Omm. Nixtieq ngħid prosit kbira wkoll lill-istudenti tiegħi li flimkien ma' żewġ studenti li qegħdin jitħarġu mas-surmast direttur, daqqew quddiem udjenza numeruża f'attività li ġiet organizzata mill-Agenzija Żgħażagħ ġewwa Pembroke.

Huwa proprju bis-saħħa ta' din l-Aġenzija li s-Soċjetà tagħna setgħet tapplika għall-fondi matul is-sena li għaddiet biex b'hekk xtrajna strumenti ġodda li tant huma bzonnjużi biex l-istudenti jkomplu l-istudju tagħhom.

Din is-sena erġajna applikajna għall-fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ biex nidħlu fit-tieni fażi ta' tagħlim.

Issa li t-tagħlim tal-istrument fil-każin tagħna qabad ir-ritmu mixtieq, aħna l-għalliema

nistgħu niffukaw aktar fuq it-tagħlim tat-teorija. Għaldaqstant fassalna pjan ta' kif jista' jissokta dan it-tagħlim billi nattrezzaw aħjar il-postijiet fejn ngħallmu.

1. Jitwaħħlu *whiteboards* biex fuqhom tinkiteb il-mużika.
2. Jinxtara pjanu digitali biex l-istudenti jisrilhom eżerċizzji fuq is-smigħ – Aural tests. Il-pjanu jintuża wkoll biex l-għalliem jakkumpanja lill-istudenti tiegħu fid-daqq tal-istrument tagħhom. B'hekk jitgħallmu jdoqqu ma' strument differenti. Għaldaqstant l-istudenti jersqu għall-eżamijiet fid-daqq tal-istrument akkumpanjati mill-għalliem tagħhom stess.
3. Jinxtara software għall-kompjuter biex l-istudenti tagħna jitgħallmu jiktbu l-mużika u f'istess ħin permezz ta' dan is-software jisimgħu dak li jkunu kitbu.

Permezz tal-fondi tal-Agenzija Żgħażagħ hemm ukoll il-ħsieb li jinxtraw strumenti ġodda kemm għall-istudenti kif ukoll għal bandisti diġà stabbiliti fil-banda tagħna.

Għalhekk jidher li l-ġejjieni tas-Soċjetà tagħna ha jkun wieħed impenjattiv u aħna l-għalliema ħa nkomplu naħdmu sabiex nagħtu l-frott meħtieġ, jiġifieri li nkabbru l-ammont ta' bandisti fis-Soċjetà tagħna.

Nixtieq nirringrazzja minn qalbi lis-Surmast u lil Victor Borg li flimkien miegħi qegħdin nkomplu nagħtu sehemna biex nwettqu l-ħolma tagħna, ħolma li ssarraf f'ġid lis-Soċjetà tagħna li tant għandna għal qalbna.

Nixtieq ukoll nirringrazzja lill-Kummisjoni Banda li minkejja d-diffikultajiet kbar li tiffaċċja tibqa' taħdem għal ġid tas-Soċjetà.

Finalment nawgura festa mill-isbaħ lill-Ħalluqin kollha.


COMPUTER BARGAINS™

Computer Systems, Notebooks, Upgrades, Repairs, Peripherals and Networking

Computer Bargains
Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 1250
Tel/Fax: +356 2167 7999
Mob: 9945 3187.
www.computerbargains.com
Email: info@computerbargainsmalta.com




Selection of Wedding Cars
Chauffeur Driven Cars
Minibus Service/Airport Transfers
Towing Service/Vintage Buses
Karozzini for Weddings
Traditional Maltese Daghjsa Tours
Insurance Intermidiaries
Executive transport Cooperative Ltd
Always there to offer a package to suite YOUR needs!!!
Tel:- 21221572
Mob:- 79426332 / 79403544
e-mail:- exectran@go.net.mt
Find,Like & Share us on
26,Binja tal-Gvern Triq il-Gdida Hal-Luqa


WELCOME
Bar/Snackbar
PREMIUM
Quality
genuine snacks
Open For All Inclusive Group Dinner:
Fenkati, Majjalata & Private functions
Triq Il-Mitjar Luqa
21663409 . 99864200
facebook.com/welcomesnackbar

CONSTRUCT
FURNITURE

40,Industrial Estate,Luqa, LQA 3000
Tel: (+356)21220610, 21257029/30
info@constructfurniture.com.mt
www.constructfurniture.com.mt

Kitchens



Wall Units



Main Bedroom



Spare Bedroom



Loose Furniture



Doors



SILJOE garage

**RENT-A-CAR**
**Chauffeur Driven & Mini Bus Service**
**& Wedding Cars**

Gate Street Luqa

Tel: 2166 3576 - 2166 6098  Mobile: 9949 5993

# CARMEL'S

*Fruit & Vegetable*
*Seller*

**Mobile: 9946 2411**

Frott u ħaxix frisk bi prezzijiet
moderati ħafna kuljum fil-pjazza ta' Ħal Luqa

Bejn l-4.30pm u s-7.30pm

# Il-Mużika fil-Festa

**W. R. Dun Gordon Refalo**
**Kappillan**



M'hemmx dubju li l-mużika tagħmel parti integrali mill-festa tagħna, u dan grazzi għall-Chorus Excelsior waqt il-funzjonijiet liturġiċi kif ukoll grazzi għaż-żewġ każini tal-baned li jipprovdu mużika sabiħa waqt il-marċijiet li jsiru fit-toroq tal-Parroċċa tagħna.

Il-Mużika tagħmel differenza kbira fil-ħajja. Tgħinek tifraħ, tgħinek titlob, tgħinek taħseb, tgħinek tirrefletti, tgħinek tingħaqad ma' ħaddieħor u tgħinek tiċċelebra. Naħseb li mingħajr il-mużika, il-ħajja tkun tilfet ħafna mis-sbuħija tagħha. Fil-Bibbja nsibu ħafna referenzi għall-mużika, l-iktar bħala mezz ta' talb jew tifħir lil Alla.

Hafna qaddisin kienu mużiċisti. L-iktar magħrufa minnhom hija Santa Ċeċilja li hi l-Patruna tal-Mużiċisti kollha. Fi żmienna għandna lill-Papa Emeritu Benedittu XVI li jħobb ħafna jdoqq il-pjanu u li jingħad li jifhem ħafna fil-mużika klassika, speċjalment lil Mozart li jħobb tant.

Il-mużika turi il-kapaċità tal-bniedem, kapaċità li Alla taha lill-bniedem. Il-mużika speċjalment f'banda jew orkestra tgħinek taħdem id f'id ma' ħaddieħor. Il-mużika tgħinek tistrieħ u tinsa ftit mill-problemi li niffaċċjaw kuljum.

Għalhekk nixtieq permezz ta' dan l-artiklu żgħir ngħid grazzi mill-qalb lilkom li tipprovdulna mużika sabiħa speċjalment matul il-festa ta' Sant'Andrija. Jalla l-mużika tagħkom isservina napprezzaw iktar is-sbuħija ta' Alla u tgħinna nkunu iktar magħquda bejnietna, lilna li minkejja d-differenzi ta' bejnietna għandna ħafna iktar li jgħaqqadna milli jifridna.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.

Inħeġġu lil kulħadd
biex jattendi l-funzjonijiet
ġewwa l-Knisja Parrokkjali



Beauty Elegance
• Facials, Waxing, Electrolysis, Eyebrow & Eyelashes tinting, IPL (Laser),
• Slimming treatments, Cavitation...to eliminate hard cellulite, Various massages, Make-up for all occasions
• Semi-permanent make up
DENISE CECI
CIDESCO & CIBTAC (Hons.)
Beauty Therapist
Gorg Zahra street,Luqa Tel: 27210808
Ana's Creations CIBTAC
Mob: 79271058
Email: anewage52@gmail.com

Tesor
JEWELLERY & GIFTS
*Unique as you are…*

Carmel Street, Luqa LQA 1131.
Tel/Fax: +356 2125 7507
Email: info@tesor.com.mt

**Opening Hours:**
Monday to Saturday – 9.00am till 7.00p.m. (Open All Day)




TIME

GOLD

DIAMONDS

SILVER

HOME

PEARLS






# STARTING POINT



A wide variety of domestic appliances including:

- Food processors, coffee and tea makers
- Kettles, toasters and irons
- Washing machines (automatic and twin-tub)
- Cookers, microwave ovens, pizza ovens, and B.B.Q.
- Refrigerators and freezers
- Televisions and video recorders/playbacks
- Hi-fi equipment and satellite receivers
- Vacuum cleaners
- Heaters, fans, dehumidifiers and airconditioners
- Pots, pans and cutlery sets
- Hair dryers, shavers, kitchen and bathroom scales and other household goods.

***St. Thomas Street, Luqa LQA 05. Tel/Fax: 2180 3017***



# Unur għal Ħal Luqa u Rebħa Storika

**John Schembri**
**Sindku**



Huwa bi pjaċir kbir tiegħi li ta' kull sena meta toqrob il-festa tagħna niġi mistieden miż-żewġ soċjetajiet mużikali li għadna fir-raħal tagħna sabiex inwassal messaġġ għal din l-okkażjoni.

Illum nixtieq nibda dan l-artiklu sabiex infakkar is-suċċess kbir doppju li għamlet il-Kummissjoni tan-nar ftit ta' xhur ilu mmexxija mill-bravu s-Sur Joe Aquilina fil-Festival Nazzjonali. Dan is-suċċess kbir ma kienx l-ewwel darba, imma irrepeta ruħu fix-xahar ta' April ta' sena 2007 fl-ewwel Festival Nazzjonali tan-nar tal-Art Mekkanizzat li sar fuq il-Fosos tal-Furjana. Dak iż-żmien, il-Festival kien missielet ma' erbatax (14) mill-aqwa kmamar ta' nar ġewwa pajjiżna u għalhekk r-rebħa tal-fama qawwija tal-kapaċità li għandhom il-membri kollha delittanti tan-nar ta' St. Andrew's Fireworks Factory, li kienet immexxija minn Carmelo Spiteri. Inħossni kburi bħala Sindku li din is-sena, iż-żewġ soċjetajiet mużikali tar-raħal tagħna kisbu suċċessi kbar għall-ispettaklu tan-nar kemm dawk tal-arju kif wkoll dak tal-art.

Din ir-rebħa storika li kienet verament rebħa kbira għaliex tista' tgħid ħadu l-unuri kollha u dan kien il-frott ta' ħidma kontinwa mill-membri tal-kummissjoni tan-nar. Lil dawn in-nies ngħidulhom grazzi mhux biss tas-sagriffiċċju kbir li jagħmlu matul ħajjiethom imma talli għal darb' oħra poġġew isem ir-raħal ta' Ħal Luqa kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Mur ġib lil missieri li qatta madwar 20 sena President, lil Ġużeppi l-Paddy, lil Ninu, Pawlu tas-Salf, lil Ċensinu Camilleri, lil Ġanni l-Baglu u oħrajn, jaraw lis-Soċjetà Filarmonika Unjoni tikseb dawn l-unuri prestigjużi lil dawn insellmilhom u għalkemm illum m'għadhomx magħna nirringrazzjhom tal-ħidma li wettqu sabiex is-Soċjetà Filarmonika Unjoni tinsab soda.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nirringrazzja lill-President, lis-Segretarju u lill-membri kollha tal-kumitat fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Unjoni, u nappella sabiex filwaqt niċċelebraw il-festa ta' barra, ma ninsewx dak li jsir fil-Knisja.

F'ismi u f'isem il-familja u sħabi l-kunsilliera nawgura l-festa t-tajba lil Ħal Luqin kollha.


Funeral Service 24 Hr
Malcolm Mifsud
37, Bird of Paradise
Triq Ċensu Decadia, Luqa
HRS 016
HRS 017
Tel: 2782 2975
Mob: 9987 4970


Josef Penza
Refrigeration & Air Conditioning
79 202 626
josefpenza@gmail.com
facebook.com/AirconditioningMalta
Installation and repairs on all kinds of ACs
Prices for Inverter ACs starting from
€580
Be COOL this Summer and install one of our TOP BRAND ACs
Haier
Airwell
ELECTRA
LG
HITACHI
DAIKIN

Thomas Smith

HOME
BUSINESS
MOTOR
TRAVEL
HEALTH
MARINE
LIFE

## WE'RE INSURANCE BROKERS THAT SAVE YOU TIME & MONEY!

Whatever form of insurance you're looking for, we'll source the right policy with the right company and at the right price for you.




**Opening hours**
Monday to Friday 8.00am to 6.00pm
Saturday 9.00am to 12.00pm

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd,
1, War Victims Square, Luqa LQA 1010

**22058580**
**info@tcsinsurancebrokers.com**

www.tcsinsurancebrokers.com

Find us on: facebook®

Thomas Smith Insurance Brokers Ltd is authorised to carry out business of Insurance Broking by the Malta Financial Services Authority.


StyleDesign
Bathroom Centre
20% Off
on wholesale prices
▪ Floor Tiles
▪ Wall Tiles
▪ Bathroom Suites
▪ Sauna Units
▪ Kitchen & Outdoor Tiles
▪ Hydromassage Systems
▪ Shower Cubicles
▪ Faucets & Accessories
▪ Mirrors
▪ Bathroom Furniture
▪ Medicine Chests
10, Carmel Street, Luqa LQA 1321 - Malta.
Tel: 2780 6097 Fax: 2780 5086
Mob: 7949 0355
Email: info@styledesign.com.mt
www.styledesign.com.mt


Stephen Mini Market
St George's Street, Luqa
Mob: 9946 5227
Stephen
mini market
For all kind of groceries,
fresh fruit, vegetables and detergents

# Fis-Suċċessjoni r-Rivelazzjoni

**Patri Adrijanu Cachia OFM**
Direttur Spiritwali



Il-kontinwità hija dik il-forza jew qawwa li hiha proġett, inizjattiva jew pjan jista' mhux biss jinbeda imma jitkompla. Ikun iblah dak il-bniedem li jaħdem u jagħti ħajtu għal xi ħaġa u ma jaħsibx biex meta jiġi żmienu li jieqaf jew jgħaddi għal ħajja oħra dak li wettaq ma jitkomplix anzi dan ikun il-ħlas u s-sodisfazzjon li jara li ħidmietu ser jibqgħu frott.

Hekk il-Knisja. Kristu meta ġie biex mill-fdal ta' Iżrael jibda l-Knisja tiegħu ħa ħsieb li jħalliha mibdija fl-organizzazzjoni. Għalhekk sejjaħ l-appostli li investihom b'setgħat, barra li ried li wieħed minnhom ikun dak li jmexxi, jieħu ħsieb u jqawwi lill-oħrajn. Anzi ried li b'simboliżmu wkoll juri din is-setgħa li ma kinetx biss serja tkun ta' hawn fl-art imma marbuta mas-sema wkoll. Jiena nagħtik l-imfietaħ dak li tħoll hawn fl-art ikun maħlul fis-sema u dak li torbot hawn fl-art ikun marbut fis-sema.

Issa però Kristu ma ġiex biex jifdina biss imma ġie biex jurina lill-Missier u jkellimna fuq l-Ispirtu s-Santu. Hekk mela ġie biex jirrevelalna l-misteri t'Alla. Dan iż-żmien ta' wara l-għid, il-liturġija hija mibnija fi stqarrijiet bħal Jiena u l-Missier aħna ħaġa waħda. Lil Filippu jgħidlu Min ra lili ra l-Missier. Dawn ir-rivelazzjonijiet però ma waqfux hemm. Anzi għadhom għaddejjin fil-Knisja. Kull darba li l-maġisteru tal-Knisja ċioè t-tagħlim uffiċjali tal-fidi, permezz tal-Papa u l-Isqfijiet jgħallmuna fuq il-veritajiet tal-fidi.

Xtaqt nagħlaq dan il-ħsieb billi issa nitfa ħarsti magħkom fuq Sant'Andrija. Jiena x'nifhem meta nitkellem mis-suċessjoni appostolika. Nifhem li din il-Knisja tagħna Kattolika hija l-Knisja li waqqaf Kristu għax baqgħet dejjem ġejja mill-appostli li Sant'Andrija kien u għadu kolonna tagħha. Għalija nifhem ma' Sant'Andrija li dak li l-Knisja tistqarr ħa l-kliem tal-ħajja ta' dejjem. Kliem ieħor mingħand dawk li m'huwiex fis-suċċessjoni hu bħal ma jgħidlu l-appostlu *"Tagħlim ieħor u barra"*, ċioè barra mir-Rivelazzjoni. Ma dan mela nistaqsi jiena x'qed nieħu għax inkun parti minnu dan kollu. Konvint li din hija l-forza li għandha tmexxini l-quddiem u minkejja kollox nibqgħu nemmnu fil-Knisja bħala waħda, Kattolika u Appostolika. Jekk ma nistqarrx dan u nemmnu fih ikunu x'ikunu ċ-ċirkustanzi ma nistax inqis ruħi fis-suċċessjoni ta' Sant'Andrija appostlu u li għandi r-rivelazzjonijiet li sselalu mal-appostli Kristu nnifsu.

Nixtiqilkom festa ta' għaqda, ferħ u sliem.

DMS
IMPORT EXPORT

D.M.S. Import / Export Co. Ltd.

Fresh & Frozen Foods Importers / Manufacturers / Distributors

Patri Pelagju Str., Zebbug ZBG 3037, Malta
E.mail: dms@global.net.mt
Tel: (+356) 21 466 288 • Mob: 9944 2026
Fax: (+356) 21 464 974


LUQA ST.ANDREW'S FOOTBALL CLUB
XORB ĠENWIN U APPETIŻERS SERVUTI MAD-DRINKS
JINTWERA FOOTBALL LIVE FUQ BIG SCREEN U FLATSCREEN TV
NAĊĊETTAW BOOKINGS GĦAL-IKLIET U FENKATI
JISTA JINTLGĦAB DARTS GĦAD-DILETTANTI U PROFESSJONISTI
INDIRIZZ: 210, NEW STREET, LUQA ▪ GĦAL-BOOKINGS ĊEMPEL LILL-GEJTU "IL-BELLS" FUQ: +356 99471331

LUQA ST.ANDREW'S FC
YOUTH NURSERY
LUQA ST.ANDREW'S F.C.
Youth Nursery
ISSIEHEB ISSA
SUBIEN U BNIET
ĊEMPEL 9980 9443
WWW.LUQASTANDREWSFC.ORG
FACE BOOK PAGE: LUQA SAINT ANDREWS FOOTBALL NURSERY




We specialize in:

- Hair Extensions
- Wedding Upstyles
- Hair Cutting
- Hair Colouring
- Straightening
- Blow Dries

*Get a great new look at our hairdressing salon*

*Staff trained by the best Schools of London*

**62, Sir Ugo Mifsud Street, Luqa**
**Tel: 2180 3636**
**Mob: 9936 3680**

Opening hours:
Tue to Sat 09.00-18.00

# Atomic Garage




Car Sprayer & Panel Beating
Specialising in Modern Oven Bake &
Water Base for Auto Spray painting
Insurance approved

Tel: 2124 4659 • Mob: 9945 8525
Simon Ciantar
Atomic Garage 58, 59, 60,
Industrial Estate, Luqa LQA 3000
atomicgarageluqa@gmail.com







# Dalwaqt naslu fejn xtaqna...

**Neil Zammit**
**Sezzjoni Armar**

Reġgħet waslet festa oħra, u dan jagħtina sens ta' sodisfazzjon għax dak li ħdimna għalih matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, jagħti l-frott meħtieġ propju fil-jiem tal-festa. U propju għalhekk qed niktbu dawn il-kelmtejn f'din il-pubblikazzjoni annwali, biex nagħtu rendikont dettaljat tal-ħidma mwettqa mill-membri tas-Sezzjoni Armar matul l-2013/2014. B'hekk jingħata sodisfazzjon lil dawk is-soċi u l-partitarji li taw l-offerta ġeneruża tagħhom b'risq xi wieħed mill-proġetti li wettaqna.

Tajjeb insemmu illi matul is-sena nżammu numru ta' seduti fejn matulhom iddiskutejna bil-galbu kollu x-xogħol li għandu jsir, kemm mil-lat ta' manutenzjoni fuq l-armar eżistenti, kif ukoll ħidma fuq il-proġetti l-ġodda li nbdew matul dawn l-aħħar xhur.

## Pavaljuni u Bandalori għal Triq Sant'Andrija

Din is-sena nistgħu ngħidu illi l-isfumar fuq l-aħħar erba' bandalori għal Triq Sant'Andrija tlesta fil-ħin, biex b'hekk issa nistgħu ngħidu li dan il-proġett ambizzjuż huwa finalizzat. Ix-xogħol tal-isfumar sar minn Radrien Micallef.

Sadanittant, tkompla x-xogħol fuq l-irjus tal-bandalori biex dawn jiġu ndurati, liema xogħol sar minn Clifford Micallef. Inbeda wkoll ix-xogħol ta' żebgħa u sfumar fuq żewġ sopraporti biex jintramaw mal-bandalori ta' fejn il-każin. Ix-xogħol ta' xkatlar u żebgħa sar minn Andrew Aquilina, Andrè Farrugia, Joseph Piscopo u Neil Zammit, waqt li l-isfumar ħa ħsiebu Clifford Micallef. Nittamaw illi għas-sena d-dieħla nkunu nistgħu inlestu aktar sopraporti biex b'hekk il-bandalori jiġu kompluti b'kollox.



Mill-ġdid nirringrazzjaw lill-benefatturi kollha li taw is-sehem tagħhom biex l-ispejjeż kollha setgħu jitħallsu fl-iqsar żmien possibbli. Grazzi lil Raymond Penza li kien ħa l-inizjattiva biex inġabru l-flus kollha meħtieġa.


INTERNATIONAL
auto centre
Tel: 2149 1671
BMC
Commercials
Secondhand
Japan cars
&
European
Imports
Specialise in
Commercial
Vehicles
& Buses
Auto Parts
Contact us:
177/226 Mdina Road
Qormi
Tel: 21491671
Fax: 21470728
email: bmcmalta@nextgen.net.mt

## Restawr ta' San Ġwann il-Battista



Kien ilu jinħass il-bżonn illi l-istatwa ta' San Ġwann il-Battista tiġi rrestawrata biex tieħu dehra aħjar. Dan ukoll bil-ħsieb illi din l-istatwa tiġi armata quddiem il-każin minn din is-sena stess biex isiru l-alterazzjonijiet li hemm bżonn fi Triq Sant'Andrija bi preparazzjoni għall-proġett il-kbir. Għaldaqstant, ġie nkarigat is-Sur Andrew Bugeja biex jiżbogħ mill-ġdid din l-istatwa, liema xogħol tlesta f'April li għadda.

## Xogħol ieħor ta' manutenzjoni

Il-membri tas-Sezzjoni Armar ħadu ħsieb ukoll jagħmlu xogħol ieħor ta' manutenzjoni li kien meħtieġ. Fil-fatt, inżebgħu uħud mill-kavallieri tal-antarjoli biex dawn ikunu jistgħu jiġu ndurati ħalli jaqblu mal-oħrajn. Dan ix-xogħol sar minn Andre Farrugia, Neil Zammit, Clifford Micallef u John Camilleri.

Saru wkoll xi alterazzjonijiet fit-toqob fi Triq Sant'Andrija biex b'hekk l-antarjoli jitqassmu aħjar. Dan ix-xogħol sar minn Andrew Aquilina u membri oħra tal-każin.



Din is-sena kien imiss ukoll ir-restawr tal-pedestalli tal-erba' Evanġelisti. Dawn ġew irtukkati fejn kien hemm xi ħsarat żgħar, waqt li l-iskultura kollha ngħatat ix-xelakk mill-ġdid biex tifriska ruħha. Dan ix-xogħol sar minn Clifford Micallef, waqt li l-verniċ ħa ħsiebu Andrew Aquilina.

Ġiet irħamata mill-ġdid it-tarġa tal-pedestall ta' Sant'Andrija wara li s-sena l-oħra ġarrbet xi ħsarat żgħar kawża tal-ħruq ikkawżat minn xi nar li nħaraq minn fuq il-bjut waqt il-jiem tal-festa. Ix-xogħol ta' xkatlar sar minn Andrew Aquilina waqt li l-irħamar sar minn Andrew Vella.

## Lift ġdid għall-maħżen

Ġie deċiż ukoll illi din is-sena jġi nstallat lift ġdid biex l-istatwi kollha jkunu jistgħu jittellgħu fis-sular ta' fuq u b'hekk ikollna aktar spazju isfel għall-pedestall u l-istatwa l-ġdida. Dan il-proġett kien jinvolvi ftit tal-ħsieb mhux ħażin biex isir bil-galbu u bl-aħjar mod possibbli. Wara diversi pariri li ngħatajna mingħand l-inġinier John Hili, nxtara l-apparat li kellna bżonn, grazzi għal Clifford Micallef. Inxtara wkoll il-ħadid kollu li kien hemm bżonn u minnufih beda l-*welding* minn Antoine Borg. Bil-għajnuna ta' Andrew Aquilina, Reno u Dylan Spiteri, Leli Magri, John Hili u l-membri l-oħra



tas-Sezzjoni Armar, tħaffret parti mill-art tal-ewwel sular u twaħħal il-ħadid kollu biex b'hekk il-lift ikun jista' jaħdem faċilment. B'hekk issa kif tgħaddi l-festa, dan l-armar kollu jitla' fis-sular ta' fuq u jagħmel il-wisa' għall-armar il-ġdid, b'utilizzazzjoni aħjar tal-maħżen.



### Attivitajiet soċjali

Ħidmet is-Sezzjoni Armar kienet tinvolvi wkoll l-organizzazzjoni ta' numru ta' ikliet għall-membri u l-partitarji bħala *fund-raising* b'risq il-proġett il-kbir u l-ispejjeż l-oħra ta' matul is-sena. Fil-fatt, minn wara l-festa tas-sena l-oħra saru tliet ikliet ġewwa s-sede tas-Soċjetà li għalihom attendew numru sabiħ ta' membri u familjari. Grazzi mill-qalb tmur lil John Zarb talli dejjem sibnih ta' għajnuna kbira fil-preparamenti meħtieġa u t-tisjir. Grazzi wkoll lil Joseph Piscopo, Clifford Micallef, Andrew Aquilina, André Farrugia u Joseph Bezzina għall-għajnuna fl-organizzazzjoni tal-attivitajiet imsemmija, kif ukoll lil lil Matthew Camilleri *(barman)*, Clayton Psaila u Giovanna Magri għall-kontribut u l-għajnuna minn naħa tagħhom. Nirringrazzjaw ukoll lil Marie Psaila, Andrew Micallef, Joe Jacono, Carmen Camilleri u Katy Galea għall-għajnuna siewja tagħhom kull meta ġejna bżonn.



### Kopji minjatura tal-istatwa tal-Anġlu għall-bejgħ

Kienet ilha x-xewqa ta' numru ta' membri illi ssir kopja fil-minjatura tal-istatwa artistika tal-anġlu li jintuża fil-marċ ta' lejliet il-festa biex il-partitarji kollha ikollhom din ix-xbieha ġewwa djarhom ukoll. Għaldaqstant, is-Sezzjoni Armar ħasbet biex tagħmel kopji ta' din l-istatwa, maħduma fil-ġibs mill-iskultur Twanny Ellul u li jinbiegħu għall-prezz raġonevoli ħafna, bil-qligħ kollu jmur għall-proġett il-ġdid. S'issa diġà għandna numru sabiħ ordnati. Inħeġġu lil dawk li għadhom ma ordnawx kopja biex jagħmlu dan

għax in-numru huwa limitat ħafna. Kull min huwa interessat, ġentilment mitlub ikellem lil xi membru tas-Sezzjoni Armar.

### Proġett tal-Martirju ta' Sant'Andrija



Kull min huwa midħla tas-Soċjetà L-Unjoni sema' illi l-proġett ewlieni li daħlet għalih is-Sezzjoni Armar jikkonsisti f'pedestall u statwa ġdida li jirrappreżentaw il-Martirju ta' Sant'Andrija Appostlu. Mill-bidu għedna illi dan il-proġett huwa wieħed ambizzjuż ferm, u aktar meta tqis illi l-maġġoranza tal-membri tas-Sezzjoni Armar huma żgħażagħ, u għalhekk forsi xi kultant nuqqas ta' esperjenza f'oqsna partikolari. Iżda dan żgur illi ma qatalniex qalbna, anzi meddejna għonqna għax-xogħol minnufih u ħdimna lkoll id f'id.

Ix-xogħol fl-injam qed isir minn Joe Aquilina waqt li l-iskultura qed tinħadem minn Henry Camilleri. Il-parti t'isfel tal-pedestall hija lesta minn kollox, anke mill-iskultura u issa beda x-xogħol fuq il-parti ċentrali tal-istess pedestall. Ovvjament, ix-xogħol li qed isir huwa tal-ogħla livell u għalhekk ma stajniex ngħaġġlu biex inlestu. Hawnhekk ta' min nirringrazzjaw lil Joe Aquilina u lil Henry Camilleri għall-impenn sħiħ minn naħa tagħhom. Nittamaw li wara l-festa, ix-xogħol jibqa' għaddej b'rittmu tajjeb biex jitlesta kollox għas-sena ddieħla.

F'dak li jirrigwardja l-istatwa, is-Sezzjoni Armar kellha ftehim mal-artisti Alfred u Aaron Camilleri Cauchi biex din titlesta għall-festa ta' din is-sena. Iżda minħabba ċirkostanzi li ma kellniex kontroll fuqhom, sar qbil bejn iż-żewġ partijiet biex għall-festa ta' din is-sna jkollna fostna l-figura ta' Sant'Andrija filwaqt li l-kumplament tal-figuri jkunu lesti sa Novembru li ġej. B'hekk, kif mistenni, l-istatwa kompluta sa tkun lesta għall-festa liturġika ta' din is-sena.

Bħas-soltu, is-Sezzjoni Armar għal darb'oħra qed tilqa' donazzjonijiet b'risq dan il-proġett. Il-ġbir jinsab fi stadju avvanzat, però għad fadal somma li trid tinġabar biex jitħallsu l-ispejjeż relatati mal-pedestall. Għalhekk, matul il-jiem tal-festa se jerġa' jkun esebit id-disinn ta' dan il-proġett biex il-membri jkunu jistgħu jaraw il-proġett propost. Napellaw għall-ġenerożità tagħkom is-soċi u l-partitarji, biex tgħinuna finanzjarjament ħalli din il-ħolma ssir tassew realtà. Kull min huwa interessat li jagħti l-offerta tiegħu ġentilment mitlub javviċina lil xi membru tal-kumitat tas-Sezzjni Armar. Kull donazzjoni hija apprezzata mill-qalb.

### Għeluq

F'isem is-Sezzjoni Armar inroddu ħajr lill-benefatturi kollha li matul is-sena jagħtu l-għajnuna finanzjarja tagħhom b'risq l-armar tal-festa titulari. Grazzi speċjali tmur lil Lawrence Cassar għas-sostenn min-naħa tiegħu, kif ukoll lil Ġanni Formosa, Shawn Cassar u John Cauchi għall-għajnuna tagħhom ukoll. Grazzi wkoll lill-membri kollha tal-kumitat tas-Sezzjoni Armar, li lkoll ħdimna id f'id matul din l-aħħar sena, kif ukoll lil dawk kollha illi jiġu jgħinuna waqt l-armar u ż-żarmar għal żmien il-festa.

Dalwaqt naslu fejn xtaqna, grazzi għall-għajnuna li dejjem sibna min-naħa tagħkom il-membri u l-partitarji. Nistennew ftit oħra biex dak li ħdimna għalih tassew ikun opra artistika li tixraq lil Sant'Andrija u lis-Soċjetà L-Unjoni.

Fl-aħħarnett, bix-xieraq nifirħu lil sħabna d-dilettanti tan-nar tal-unuri kollha li rnexxielhom jġibu lejn is-Soċjetà tagħna. Prosit tassew u jalla Sant'Andrija jżomm idejh fuqkom.

Viva Sant'Andrija Appostlu.

Viva s-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni.









# Ġejna lura bil-kbir

**Joseph Aquilina**
**Sezzjoni Nar**

Ħbieb,

Erġajna ltqajna permezz ta' dawn l-erba' kelmiet wara sena oħra mill-festa ta' sena ilu. L-ewwel ħaġa li nista' nitkellem dwarha hi li aħna bħala St Andrew's Fireworks Factory bqajna u se nibqgħu naħdmu sabiex il-ħolma li l-maħżen il-ġdid fil-post tan-nar issir realtà titwettaq, bħalissa għandna applikazzjoni bil-pjanti ta' dan il-maħżen ġewwa l-MEPA, nittamaw li kollox jgħaddi b'wiċċ il-ġid. Bħala dilettanti tan-nar matul din is-sena kellna ħidma mhux ħażin. Is-St Andrew's Fireworks ħadu sehem f'żewġ festivals tan-nar ġewwa pajjiżna, wieħed kien dak ġewwa Buġibba li kien jikkonsisti f'wirja nar tal-ajru minn fuq barkun u l-oħra ġewwa l-fosos tal-furjana tan-nartal-art, fis-27 t'April u fit-3 ta' Mejju rispettivament. Kif jgħid l-isem ta' dan l-artiklu "Ġejna lura bil-kbir" għax ikklassifikajna fl-ewwel post fiż-żewġ kompetizzjonijiet.

Kien ta' unur kir għall-kamra tan-nar tagħna u s-soċjetà filarmonika L-Unjoni kif ukoll għal Ħal Luqa inġenerali, fis-16 ta' Mejju saru ċelebrazzjonijiet kbar ġewwa r-raħal tagħna, bdejna b'Quddiesa fi triq San Andrija, daqqet il-filarmonika L-Unjoni sar it-tberik tal-każin kif ukoll inxtegħlu t-toroq minn fejn għadda l-marċ u ntramat il-liedna wkoll. F'kelma waħda ċċelebrajna bil-kbir għax l-Għaqda tagħna kien jixirqilha tassew. Wara dawn is-suċċessi l-kamra tan-nar tagħna nista' ngħid illi ġiet invaduta minn ġurnalisti minn barra minn Malta, u dan jawgura tajjeb għall-ġid tal-piroteknika Maltija.

Rigward il-ħidma għall-festa ta' din is-sena nista' ngħid illi ser ikollna ħarqa kif tassew jixraq lir-raħal tagħna, speċjalment lejliet il-festa.

Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi issa iżjed minn qatt qabel nerġa' nħeġġeġ lil kulħadd sabiex ngħinu finanzjarjament li jiena persważ illi dan ser isir, sabiex il-proġett tal-post tan-nar ikun jista' jseħħ. Nirringrazza lil dawk kollha illi s'issa kkontribwew kull meta tlabna.

Grazzi ħafna lil dawk li kkontribwew finanzjarjament sabiex ikkompetejna fil-*festivals* tan-nar li rbaħna.

Grazzi kbira tmur lil sħabi d-dilettanti tan-nar li b'sagrifiċċju personali flimkien mal-familji tagħhom ituna dawn is-suċċessi u wirjiet piroteknċi.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.


PAC MAN'S
TAKE AWAY
exquisite....fresh...affordable
MENU
Address: St. Andrews Street Luqa (LUQA SQUARE)
Tel No: 21806055 / 79806055
@ www.pacmanstakeaway.com
OPENING HOURS:
Mornings: Tuesday till Friday from 9:30am till 1:30pm
Evenings: Monday till Sunday from 5:00pm till 11:30pm
FREE HOME DELIVERY SERVICE!!!
Fridays , Saturdays & Sundays
@ €2 charge applies on orders
less than €15
Last Delivery Order by 11.00pm
SPECIAL OFFER !!!
pepsi
FREE 1.5 ltr Pepsi
Offer valid from Monday to Friday on orders over €25



# Sehem in-Nisa fis-Soċjetà

**Sezzjoni Nisa**

Għeżież Ħalluqin,

Għaddiet sena oħra u reġgħet waslet il-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija.

Bħal snin oħra kienet sena impenjattiva għalina. Saru diversi attivitajiet ġewwa każin. Barra l-impenji tagħna bħala sezzjoni nisa nagħtu daqqa t'id lis-sotto kumitati kollha meta jitolbu l-għajnuna tagħna.

Għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm ġew mistiedna l-ġenituri tal-allievi biex jisimgħu lil uliedhom idoqqu siltiet mużikali. Bħala rikonoxximent ingħata rigal ċkejken lill-ommijiet. Din kienet inizjattivi ta' Mro J. D. Zammit u l-Assistenti tiegħu u l-Kumitat Ċentrali. Nirringrazzjaw lis-Surmast J. D. Zammit tal-paċenzja u ta' xogħol li jagħmel fi ħdan is-soċjetà tagħna.

Nixtiequ nifirħu liċ-ċkejkna Federica Falzon li rebħet il-festival *"Ti lasco una canzone"* ma' Vincenzo Carni li kien jintwera fuq it-televiżjoni Taljan RAI UNO. Jalla tibqa' sejra f'dan is-suċċess li kisbet għalkemm ta' età żgħira "Brava Federica".

Ferħa kbira ħadna meta l-għaqda ta' nar tas-soċjetà. Rebħu ż-żewġ festivals tan-nar. Kemm tal-ajru kif ukoll tan-nar tal-art. Dawn għamlu unur kbir lis-Soċjetà L-Unjoni u lil Ħal Luqa. Nifirħulhom għax ħaqqhom. Prosit lil kulħadd.

Nagħlqu billi nirringrazzjaw lill-Kumitat Ċentrali tal-għajnuna li nsibu mingħandhom.

Nawguraw minn qalbna l-festa t-tajba lill-Ħalluqin kollha b'mod speċjali lill-membri tagħna u l-familji tagħhom.

Viva l-patrun tagħna Sant'Andrija.

Zneiber

CONFECTIONERY & PASTIZZERIA

*Orders accepted for*
*Weddings and all occasion parties*

134, Carmel Street, Luqa
Tel: 2180 3999 Mob: 9988 3692

J.B. GLASS WORK



For crystal & ordinary glass
• Mirrors
• Polish Edge
• Bevelled
• Stained Glass
• Emergency Repairs

DOMESTIC & COMMERCIAL

19, Qalb ta' Ġesù, Triq L-Imtall, Żurrieq
Tel: 21 689 948 Mob: 99 402 279



# Ħidmet iż-Żgħażagħ

**Dylon Spiteri**
**Sezzjoni Żgħażagħ**

Ma nafx kif imma għaddiet sena oħra u nikkonferma li sew jgħidu liż-żmien itir, u l-2014 ma kienet xejn b'inqas. Nagħti titwila lejn din l-aħħar sena nara kif bħala sezzjoni għalkemm fil-limitazzjonijiet tagħna kollha xorta wasalna u rnexxejna.

Il-qofol tal-ħidma tagħna titkejjel minn bosta fl-organizzazzjoni tal-marċi. Iżda dan mhux biss xogħolna bħala sezzjoni, biex naslu rridu nkunu ilna naqdfu sena, iżda b'wiċċna minn quddiem ngħidu li f'dan dejjem wasalna. U xejn inqas is-sena l-oħra, l-atmosfera li nħolqot il-Ġimgħa waqt il-marċ kienet xi ħaġa fenomenali, ridt tkun preżenti biex tapprezza kull ħaġa li kienet qed issir. Bħal dejjem qabel il-marċ ta' Sant'Andrija assistejna għall-kunċert li l-banda esegwit minn fuq il-planċier u hawn nieħu l-opportunità li nsellem lill-bravissima Federica Falzon, li nista' ngħid li saħret lil kulħadd bil-vuċi tagħha u anke kien hemm minn ħarġitlu xi demgħa. Kulħadd kelma waħda xi ġmiel, banda, nar, briju u armar. L-elementi biex ikollox suċċess miġbura kollha f'daqqa. U s-Sibt lejlet il-festa, il-marċ tal-anġlu jibqa' uniku għalina. Il-ferħ li jġib miegħu dan il-marċ kulma jżid iktar jiżdied. U din is-sena bi ħsibna nkomplu fejn ħallejna.

Matul is-sena apparti ikliet, lotteriji u wirjiet li tista' tgħid saru komuni fil-kalendarju annwali tas-SŻA nagħmlu minn kollox biex inżidu attivitajiet oriġinali u ta' suċċess. U hekk għamilna fi Frar konna oriġinali u għall-ewwel darba f'Ħal Luqa ġie ċċelebrat il-Karnival. Qatt f'dan ir-raħal ma konna għadna esperjenzajna l-ferħ li jġibu miegħu dan iż-żmien tas-sena. 'Il fuq minn għoxrin skola taż-żfin ilkoll fil-pjazza ta' Ħal Luqa. Ħadu gost it-tfal imma anke l-kbar.

Wara l-entużjażmu li bdejna s-sena bih indunajna li konna lesti għal sena oħra ta' sfidi. Sena li fiha rajna x'kien importanti għas-Soċjetà tagħna. U għalhekk din is-sena s-sehem tagħna ma setax jonqos f'għajnuna kontinwa lil sħabna tas-Saint Andrew Fireworks Factory. Ftit wara li ħareġ il-permess bdiet ħidma sfieqa, l-għaqda tan-nar ħasbet li tagħmel ir-ritorn tagħha kemm b'nar matul il-ġimgħa tal-festa imma wkoll billi tipparteċipa fiż-żewġ festivals li jsiru f'Malta, dak tal-ajru u kemm tal-art. Bla tlaqliq ta' xejn indħalna għax-xogħol u nistqarr li ma kinitx biċċa xogħol faċli. Ħinijiet twal ta' ħidma li laħqet il-qofol tagħha nhar il-Ħadd 27 t'April u s-Sibt 3 ta' Mejju. Ħdimna u stinkajna imma dak li nġibu lura fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Unjoni huwa uniku. Rebbieħa assoluti taż-żewġ festivals. Ma nistax ma nifraħx minn qalbi lil ħutna tan-nar

u ngħidilhom li kien ta' unur li ħdimna id f'id biex isem is-Soċjetà llum huwa wkoll imniżżel fil-Malta Records.

Dan kollu wassalna biex tajna bidu għal sensiela ta' ċelebrazzjonijiet, ġimgħa wara l-oħra, u issa li wasalna għall-festa, dawn ħa jilħqu l-qofol tagħhom. Filwaqt li nirringrazzjakom tas-sostenn li dejjem tajtuna, nistedinkom biex intom ukoll tkunu magħna f'dawn il-ġranet sbieħ tal-festa biex b'hekk inkunu nistgħu nagħmlu festa kif nafu nagħmlu aħna ulied il-Banda Unjoni ad unur il-patrun tagħna Sant'Andrija.

Il-festa t-tajba ħbieb.








# Il-Websajt tas-Soċjetà

**Kevin Camilleri**
**Webmaster**

Fid-dinja moderna tal-lum, wieħed ma jistax ma jżommx ruħu aġġornat b'dak kollu li jkun qed jiġri madwaru. Nieħu gost niltaqa' man-nies u jgħiduli kemm iżuru l-website tagħna u l-paġna fuq facebook. U dan ikompli juri l-interess li ħafna nies għandhom fis-Soċjetà tagħna u f'dak kollu li nagħmlu.

Din is-sena kienet waħda impenjattiva ferm għas-Soċjetà tagħna. Bla dubju ma nistax ma nsemmix is-suċċess li kellha s-Soċjetà fil-qasam pirotekniku: żewġ unuri f'temp ta' tlitt ijiem. Dan is-suċċess kien importanti għalina wara n-nuqqas ta' xhur ta' ħidma f'dan il-qasam minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom. Imma din is-sena, bil-ħidma kollettiva ġew ir-riżultati. U ċertament li, permezz tat-teknoloġija, aħbar bħal din ġriet f'ħakka t'għajn. Wieħed jista' jsib ħafna materjal u ritratti li jfakkru dan l-avveniment importanti fl-istorja tas-Soċjetà tagħna. Apparti minn hekk, din is-sena, ħejjejna bosta artikli fosthom dwar iż-żjara tal-President ġewwa l-każin tagħna, dwar il-kantanta Federica Falzon li għamlet suċċess barra minn Malta, dwar il-Karnival ġewwa r-raħal tagħna, dwar l-allievi li bħalissa qed jitgħallmu ġewwa l-każin fost ħafna artikli oħrajn. Dawn l-artikli jinsabu fis-sezzjoni *Archives* u hawnhekk ippermettuli nirringrazzja lil Neil Zammit li jieħu ħsieb jipprepara dawn l-artikli.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li jagħtuna kull tip ta' materjal biex inkomplu nagħmlu s-sit tagħna mill-aktar interessanti. Nistedinkom sabiex tħallu l-kummenti u s-suġġerimenti tagħkom sabiex inkomplu nsaħħu aktar dan il-qasam. Bħas-soltu, infakkarkom li matul il-ġranet tal-festa u wara, wieħed jista' jsib videos u ritratti dwar il-festa ta' din is-sena. Inwegħdukom li ħidma kontinwa tagħna għall-ġid tas-Soċjetà u l-Banda L-Unjoni.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.



Hardware

**M.CAUCHI HARDWARE STORE**

**201 - 202 NEW STREET, LUQA TEL: 2180 4997**

PLUMBING & ELECTRICAL FITTINGS
WATER & OIL BASED PAINTS
CARPENTRY GOODS
CEMENT
KEY CUT

# FUNERALS UNDERTAKER

FRANCIS BORG
DAY AND NIGHT SERVICE

**TAXI SERVICE AVAILABLE**
**TEL: 2189 5159**
**MOBILE: 9949 0161**

'FRANCIS', GUDJA RD., LUQA





# Radju Sant'Andrija 88.4FM

**Raymond Saliba**
**Sezzjoni Radju**

Reġġħet waslet il-festa tal-patrun tagħna Sant'Andrija u l-istazzjon tagħna bħal dawn l-aħħar snin ħa jżomm l-appuntament tiegħu b'skeda oħra interessanti għall-familja kollha. Mill-aħħar skeda li xandarna f'Novembru li għadda, komplejna għaddejjin b'xogħol t'immodanizzar t'apparat tagħna biex inkomplu ntejbu u nagħmluha aktar faċli għall-preżentaturi tagħna fil-ħidma tagħhom kif ukoll il-kwalità tal-ħoss li jasal ġewwa djarkom. Fil-fatt qegħdin nippjanaw li sal-iskeda ta' Novembru li ġej inkunu lestejna l-istudios tagħna minn kollox. Bħalma tistgħu timmaġinaw biex isir dan ix-xogħol hemm ammont ta' spejjeż u għalhekk dan l-investiment kellu jieħu bosta snin biex ma nitfgħu l-ebda piż fuq is-soċjetà tagħna.

Għall-iskeda li ġejja qegħdin nippreparaw programmi li intom semmiegħa tagħna ssuġġerejtu, bħal aktar programmi ta' marċi brijużi matul il-ġimgħa. Mhux dejjem faċli li programmi bħal dawn ikunu jistgħu jittellgħu live iżda qegħdin nippreparaw sett ta' programmi rrekordjati minn qabel biex nilqgħu x-xewqa tagħkom.Wara r-rebħiet li s-*Saint Andrews Fireworks* fi ħdan is-Soċjetà tagħna għamlu din is-sena ma jonqosx programmi relatati ma' dan is-suċċess, fejn se nerġgħu nieħdukom lura għal dawn il-mumenti sbieħ b'intervisti mal-protagonisti li ġabu dawn is-suċċessi ġewwa s-sede tagħna. Bħas-soltu ma jonqsux programmi mużikali ta' kull ġeneru, kif ukoll programmi li jeħduna barra l-istudios tagħna għal dak kollu li jkun qiegħed jiġri kemm ġewwa l-parroċċa tagħna, kif ukoll fit-toroq ewlenin.

Din l-iskeda se tibda tixxandar mit-Tnejn 16 ta' Ġunju sal-Ħadd 6 ta' Lulju Jum il-festa. Għalhekk żommu l-appuntament tagħkom billi tilqgħuna ġewwa djarkom permezz tal-frekwenza 88.4FM jew permezz tal-*live streaming* fuq www.unionbandmalta.org u għafsu fuq il-logo tal-istazzjon.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex f'isem it-tim kollu tal-istazzjon nixtiqilkom il-festa t-tajba.

Matul il-jiem tal-festa segwi l-andament tal-festa
u programmi informattivi fuq

**Radju Sant'Andrija 88.4 FM**

# TIME TO WATERPROOF YOUR HOME & FIX YOUR PROBLEMS WITH MOULD?



**Add value to your home:**
- Waterproofing Membrane for Residential & Industrial Projects
- Effective & Safe Waterproofing material
- Maintenance Of Old Waterproofing Membrane
- Damp Proofing (Appoġġ)
- Best Quality Material Used with an Advanced Technology ISO 9001
- Competitive Pricing & Professional Services
- Easy Payment Terms



**10 Years Guarantee**

**EXPERTS**
**IN**
**WATERPROOFING**
**MEMBRANE**




**Add VALUE to your home**
***Our Customers Are Our Best Sales People***



www.kendawaterproofing.com
email: kwaterproofing@melita.com

KENDA LTD
SOLVES THE PROBLEM

74, Triq Pawlu Magri,
Luqa LQA 1472

***CALL NOW FOR A FREE ESTIMATE ON 7972 9967 / 9987 9221***





# Tislima lill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija

*Rebbieħa f'Kompetizzjoni Nazzjonali tan-Nar tal-Ajru nhar il-Ħadd 27 ta' April 2014 - Buġibba.*
*Rebbieħa f'Kompetizzjoni Nazzjonali tan-Nar tal-Art nhar is-Sibt 3 ta' Mejju 2014 - Il-Fosos, Furjana*

**Saviour Bianchi**

Ħallu l-ferħ jiġri fi qlubna
waqt li ngħożżu dal-ġrajjiet
hekk kif b'ħila w sena kbira
aħna xegħlna is-smewwiet.

Għaġġibna lil Malta kollha
x'ħin mill-braken bdew telgħin
bċejjet, forom u disinji
ill żgur ipaxxu l-għajn.

Il-blalen movumentati
serpentelli kull kulur
nokkli bil-beraq imżewqa
ħarġu sew, għamilna wnur.

Fjammi w kaxxi infernali
fkieren b'raxx u b'tempijiet,
komplew juru safejn jaslu
tal-qalbiena l-ħiliet.

Denb iż-żiemel ħareġ tajjeb
farfarli w beraq idur
kompla jkabbar l-entużjażmu
ta' min ġie x-xatt iżur.

Biex il-ħarqa tkun kompluta
u biex ġieħ jibqa' jinżamm
logħob biċ-ċrieki fil-murtali
l-għaqda żiedet f'dal-programm.

Spikka sew il-kulur aħmar
x'ħin inħaraq it-tleblib
riċetti kif għandna aħna
ġewwa Malta mhux se ssib.

Il-kulur illi inħaraq
bħalu żgur ma ssib imkien
l-istess ngħidu għall-isfafar
bihom naħsdu kullimkien.

Bil-wirja spettakolari
ħadna w tajna ħafna gost
b'hekk ġejna klassifikati
ir-rebbieħa fl-ewwel post.

Daqs kemm xegħel id-dawl fis-sema
l-istess xegħlu 'l qlub bl-aħbar
bit-trofej f'idejna għajjatna
*tal-Unjoni huma l-kbar*.

Qarrieq ħareġ kull min ħaseb
illi xogħolna kien intemm
flokk ġar'hekk il-kmiem xammarna
w għal tal-art dħalna b'impenn.

Kburin b'dak kollu li ksibna,
issa bdejna niffukaw
biex f'din il-kompetizzjoni
suċċess doppju nakkwistaw.

# ANDREW'S GARAGE LTD

***Certified from MSA to repair class A, B, C, D, E, F, G***

**FULL ACCIDENT REPAIRS**

**• PANEL BEATING •**
**• SPRAY PAINTING •**

Qormi Road, Żona Industrijali,
Luqa LQA 9044
Tel: 2122 6311    Mob: 9929 6311
Email: andrewsg@go.net.mt




**GAUCI BORDA & CO. LTD.**

36, Ta' Xbiex Sea Front, Msida MSD 1513
53/54, Msida Road, Yacht Marina, Gzira GZR 03 GZR 1400
Tel: (+356) 21 334 255 • Fax: (+356) 21 343 604
E-mail: info@gauciborda.com

Kollettiv l-isforz għamilna
sagrifiċċji kienu kbar
waqt li f'moħħna ż-żmien ippressa
konn'qed nilagħbu man-nar.

Sew bl-għajnuna w l-għaqal tagħna
issa x-xogħol tlesta fil-ħin
fadal biss lil Malta nuru
x'jafu jagħmlu il-Luqin.

F'dik il-lejla mistennija
l-appoġġ ġie minn kullimkien
bi ħġarhom il-partitarji
sapport tawna bla waqfien.

Riħ ivenven b'qawwa kbira
lilna beda' jħarbat sew
talb wassalna lejn is-sema
biex b'kuraġġ ilkoll nimtlew.

U hekk ġara x'ħin in-niċċa
magħha kien intmess in-nar
il-qlub ta' kull partitarju
bl-entużjażmu, sploda w far.

Sittax-il tip ta' funtana
b'kollox dawn ġew esebiti,
b'iongranaġġ oriġinali
bi ġmiel ikkuluriti.

Disinn tridimensjonali,
ta' kull lewn il-gassijiet
ħarqa kbira tal-isfafar
sew lill-Fosos bl-għajta dwiet.

Funtana ikkulurita
din ma' ċirku bdiet iddur,
oħra b'raxx ta' tliet pulzieri
saħħret sew kull spettatur.

Tleblib aħmar, abjad w aħdar
qawsalla mżewqa b'ilwien,
b'dawl bajdani funtan'oħra
b'dija xegħlet kullimkien.

L-għada l-Ħadd ilkoll terraqna
għat-tħabbir tar-riżultat
il-ġurija lix-xogħol tagħna
fl-ewwel post klassifikat.

Minn erba' kategoriji
illi kellna f'dal konkors
tlieta marru għal din l-għaqda
kemm stinkat, m'għandniex rimors.

L-ewwel post għall-mekkaniżmu,
ieħor għall-prodott użat,
fil-qasam inġenerali
punti massimi ngħatat.

Mill-Furjana dritt inżilna
biex dar-rebħ niċċelebraw
ma naqasx mal-entużjażmu
merħba kbira ningħataw.

Ħajr lil Alla w Sant'Andrija
l-għadda kollox b'wiċċ il-ġid
kemm għalina lin-nar ħdimna
w għal min tana daqqa t'id.

Għax stajna pattejnieh qares
waqt li konna qed narmaw
ix-xogħol ċeda, fuqna ddendel
konna nkorru w nisfrattaw.

Iżd'Alla fil-kobor tiegħu
ħalliena bla mimsusin
Sant'Andrija interċeda
mill-gwaj ġejna meħlusin.

Nitolbuk kbir Sant'Andrija
lilna ħares tul is-snin
ixħet fuqna l-barka tiegħek
miegħek żommna maħqudin.

Das-suċċess doppju li ksibna
lill-patrun tagħna noffruh
mhemmx kliem sabiħ li joqgħod
biex nuruh kemm inħobbuh.

7 ta' Ġunju 2014

*Ħajr lis-Sur Lino Ciappara għall-informazzjoni w għall-kliem tekniku li provdieli.*


MAGRI
AUTOCARE
Tel: 2189 7917 / 2180 9376
www.magriautocare.com
WE RESTORE THE APPEARANCE
OF CAR INTERIORS & EXTERIORS
TO SHOWROOM CONDITION.
• Interior shampoo and wash including seats, carpet, roof and dashboard
• Complete renovation including external polish, interior shampoo and wash throughout
• Car wash (by hand) and interior vacuum
• Polish and wax of the external paintwork, tyres and vinyl dressing of plastic components
Triq l–Ajruport, Luqa LQA 9023
Fax: 2189 7911 | Email: magridrs@vol.net.mt

# Rebħa Storika għall-*Kamra tan-Nar Sant'Andrija*

**Neil Zammit**

Tassew jgħid il-Malti, li wara l-maltemp jiġi l-bnazzi! U hekk ġara, għax wara xhur sħaħ ta' qtigħ il-qalb u diffikultajiet fil-konfront tal-*Kamra tan-Nar Sant'Andrija* fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni, din l-istess kamra rebħet żewġ unuri prestiġjużi f'temp ta' tmint ijiem. Dan wara li rnexxielha tikseb l-ewwel post fil-Festival Internazzjonali tan-Nar tal-Ajru li sar ġewwa Buġibba, kif ukoll l-ewwel post fil-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art li sar fuq il-Fosos tal-Furjana.

Li tirbħa kompetizzjoni waħda kienet tassew mixtieqa, imma li tirbaħ iż-żewġ unuri fl-istess sena fi żmien ġimgħa kienet xi ħaġa li ħadd ma stenniha. Xi ħaġa unika fl-istorja ta' kemm ilhom jiġu organizzati festivals ta dan il-ġeneru f'pajjiżna. U kellha tkun is-Soċjetà L-Unjoni li tnaqqax isimha b'ittri dehbiena b'dan is-suċċess hekk kbir.

Id-dilettanti tan-nar ferħu, u bir-raġun, u magħhom ingħaqdu l-membri u l-partitarji tas-Soċjetà. Nistgħu ngħidu bla tlaqliq illi l-ħidma u s-sagrifiċċji kbar li wettqu d-dilettanti tan-nar f'dawn l-aħħar xhur kienu tant kbar illi saħansitra kellhom iqattgħu ġranet sħaħ il-bogħod mill-familjari tagħhom biex ikunu jistgħu ilestu x-xogħol ippjanat għal dawn iż-żewġ festivals. Ma kinetx triq faċli, iżda bid-determinazzjoni u l-kuraġġ inġiebu r-riżultati meħtieġa.


L-unuri kollha miksuba fl-2007 u fl-2014

## Festival Internazzjonali tan-Nar tal-Ajru

L-edizzjoni ta' din is-sena tal-Festival Internazzjonali tan-Nar tal-Ajru kienet imqassma fuq tliet ijiem. Dan il-festival kien organizzat mill-Ministeru għat-Turiżmu flimkien mal-Awtorità tat-Turiżmu. Ħadu sehem xejn anqas minn tmien Kmamar tan-Nar, kemm lokali kif ukoll internazzjonali. Il-kompetizzjoni kienet maqsuma f'żewġ kategoriji; l-*International Pyromusical Competition* li saret f'Marsaxlokk nhar il-25



Dehra tal-quddies ta' ringrazzjament fi Triq Sant'Andrija

t'April u n-*National Fireworks Competition* li saret ġewwa Buġibba. Din tal-aħħar saret il-Ħadd 27 t'April minħabba r-riħ qawwi li laqat il-gżejjer Maltin fil-jum ta' qabel. Il-*grand finale* sar nhar l-Erbgħa 30 t'April ġewwa l-Port il-Kbir tal-Belt Valletta biex jitfakkar għeluq l-10 snin anniversarju minn meta Malta saret membru sħiħ tal-Unjoni Ewropeja.

Fil-kompetizzjoni ta' Buġibba ħadu sehem erba' Kmamar tan-Nar, li isimhm qed jidher fl-ordni tal-programm:

*Saint Andrew's Band Fireworks Factory*, Ħal Luqa
*St. George's Fireworks Factory*, Ħal Qormi
*Saint Mary Fireworks Factory*, Mġarr (Malta)
*St. Andrew's Fireworks Factory* (Soċ. Fil. L-Unjoni), Ħal Luqa

Ma kienx hemm dubju illi l-parteċipanti kollha għamlu ħilithom kollha biex jirbħu din il-kompetizzjoni, iżda kien jidher ċar illi l-ispettaklu offrut mill-Kamra tan-Nar Sant'Andrija kien l-aqwa wieħed u għalhekk kien ħaqqu l-ewwel post. Dan jixhduh il-punti tal-ġurija u l-kummenti pożittivi ta' dawk kollha preżenti għal din l-edizzjoni. Dakinhar stess filgħaxija ġie mħabbar ir-riżultat u t-trofew ġie ppreżentat lil-*Licencee* Joe Aquilina għan-nom tal-Kamra tan-Nar Sant'Andrija u s-Soċjetà L-Unjoni. L-aħbar ġriet ma' Malta kollha u l-għada filgħodu il-mezzi tax-xandir irrapportaw dan l-avveniment, waqt li fuq il-belt tal-Każin perpret il-bandiera b'sinjal ta' ferh u sodisfazzjon



Parti mill-miġemgħa preżenti għall-quddiesa

## Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art

Din is-sena kien imiss it-tmien edizzjoni tal-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat, organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Floriana fuq il-Fosos tal-istess subborg. Din is-sena dan sar nhar is-Sibt 3 ta' Mejju, lejlet il-festa ta' San Publju, u fih ħadu sehem xejn anqas minn ħdax-il Kamra tan-Nar minn madwar Malta u Għawdex li kienu:
Fontana, Għawdex - *Fontana Fireworks Association*
Kalkara - *Sacred Family Fireworks Association*
Kalkara - *St. Joseph Fireworks Association*

Kirkop - *St. Joseph Fireworks Factory*
Ħal Luqa - *St. Andrew Fireworks Factory, Unione Band Club*
Mellieħa - *Maria Bambina Fireworks Assocation*
Victoria, Għawdex - *15th August Fireworks Factory*
Żebbuġ - *St. Philip Fireworks Factory*
Żebbuġ - *St. Joseph Fireworks Factory*
Żejtun - *St. Catherine Fireworks Section* - Żejtun Band Club
Żurrieq - *St. Catherine Fireworks Factory*



Rappreżentant tal-Malta Book of Records

Ta' min isemmi illi l-Kamra tan-Nar Sant'Andrija diġà kellha l-unur li rebħet l-ewwel edizzjoni ta' dan il-festival lura fl-2007 u ħadet it-tieni post fl-2010. Id-dilettanti tan-nar tal-art taw is-sehem sħiħ tagħhom biex din is-sena jerġgħu joffru spettaklu sabiħ fuq il-Fosos, u hekk għamlu, għax ġabu lura magħhom l-unuri. Ir-riżultat finali ħareġ il-Ħadd 5 t'April, biex b'hekk il-Kamra tan-Nar ġiet iddikjarata rebbieħa assoluta ta' dan il-festival ukoll. Fil-fatt, il-Kamra tan-Nar Sant'Andrija rebħet il-kategorija għall-aħjar mekkaniżmu bl-inqas ingranaġġi possibli u l-kategorija għall-aħjar prodotti wżati. Ix-*shield* ġiet ippreżentata lil-*licencee* Joe Aquilna ġewwa l-binja tal-Kunsill Lokali. Il-ferħ u l-binja tal-Kunsill Lokali. Il-ferħ u l-entużjażmu kien kbir, aktar u aktar meta tqis illi fi tmint ijiem biss inkiseb dan is-suċċess kollu. Dan kollu mertu ta' dawk kollha li ħadmu lejn u nhar biex din il-ħolma setgħet issir realtà. Saret ċelebrazzjoni spontanja dakinhar wara nofsinhar ġewwa l-każin tas-Soċjetà u kulħadd feraħ flimkien f'familja waħda.


Intervista live mill-crew ta' TVM

### Ċelebrazzjoni tar-rebħa

Ma setgħax jonqos illi f'okkażjoni storika bħal din, il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-Kamra tan-Nar Sant'Andrija jorganizzaw ċelebrazzjoni uffiċjali biex fiha jitfakkar dan is-suċċess. Għaldaqstant, il-Ġimgħa 16 ta' mejju ġiet organizzata quddiesa fi Triq Sant'Andrija bħala radd il-ħajr lil Alla li żamm idejh fuqna. Din ġiet immexxija mid-Direttur Spiritwali Patri Adrijanu Cachia OFM flimkien mal-Kappillan Rev. Dun Gordon Refalo. Anima l-quddiesa l-kor tat-tfal tal-parroċċa mmexxi mis-Sinjura Rosanne Camilleri. Wara ingħata bidu għal marċ brijuż mill-Banda L-Unjoni, li għadda mit-toroq prinċipali
















tar-raħal u spiċċa quddiem il-każin fost il-ferħ tal-partitarji ajklieri. Tajjeb insemmu wkoll illi *crew* ta' TVM ġew apposta biex jiffilmjaw dawn il-festi, u ġew imxandra *live* waqt l-aħbarijet ta' dakinhar stess.

Aħbar oħra mhux mistennija kienet meta tħabbar illi l-Kamra tan-Nar Sant'Andrija fi ħdan is-Soċjetà L-Unjoni tniżżlet fil-*Malta Book of Records* bħala l-unika Kamra tan-Nar f'Malta illi rebħet dawn iż-żewġ festivals f'temp ta' ftit jiem. Il-preżentazzjoni ta' dan l-unur se ssir waqt il-programm mużikali fuq il-planċier nhar it-Tieni Tridu.



Dehra tal-marċ tal-okkażjoni

### Żjara lill-President ta' Malta

Fuq stedina tal-E.T. Dr Marie-Louise Coleiro Preca, il-Kumitat Ċentrali flimkien mal-membri ta' *Saint Andrew's Fireworks Factory* għamlu żjara ta' kortesija lill-Eċċellenza Tagħha ġewwa l-Palazz ta' San Anton nhar il-Ġimgħa 30 ta' Mejju.

Din iż-żjara storika seħħet fl-isfond tar-rebħ taż-żewġ festivals tan-nar. Il-President ta' Malta kellha kliem ta' tifħir għal dan is-suċċess miksub, waqt li saħqet fuq l-importanza li wieħed joqgħod dejjem attent u jaħdem bil-galbu kollu biex jiġu evitati inċidenti bla bżonn. F'din l-okkażjoni ttieħed ritratt ta' tifkira mal-President ta' Malta, u wara sar trattament għad-delegazzjoni preżenti. Nirringrazzjaw lill-Eċċellenza Tagħha ta' dan il-ġest sabiħ.

### Għeluq

Dan is-suċċess kbir huwa kollu mertu tad-dilettanti tan-nar fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni. Ilkoll ħadmu u stinkaw, u llum nistgħu niftaħru illi għandna waħda mill-iprem kmamar tan-nar f'pajjiżna, u bil-fatti. Radd il-ħajr lil dawk kollha illi tul is-snin taw is-sehem tagħhom fl-iżvilupp tal-piroteknika f'Ħal Luqa u saħansitra f'pajjiżna u lil hinn minnu. Filwaqt li nawguraw aktar suċċessi lid-dilettanti tan-nar fis-snin li ġejjin, mill-ġdid intennulhom prosit u grazzi ta' kollox.

Viva l-Kamra tan-Nar Sant'Andrija.




X'kitbu l-gazzetti lokali



# Żjara Uffiċjali mill-President tar-Repubblika

**Neil Zammit**

Nhar il-Ħadd 13 t'April 2014, propju ftit tal-jiem wara li ħadet il-ġurament tal-ħatra bħala President tar-Repubblika, l-E.T. Dr Marie-Louise Coleiro Preca għamlet żjara ta' kortesija ġewwa s-Sede tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni. Din iż-żjara seħħet fuq stedina uffiċjali li l-imsemmija Soċjetà għamlet lill-President sabiex tiltaqa' mal-Kumitat, membri u partitarji tas-Soċjetà, filwaqt li tinawgura l-esebizzjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa organizzata mis-Sezzjoni Armar fi ħdan l-istess Soċjetà.

Għal din l-okkażjoni tħejja wkoll programm ta' marċi funebri peress li dakinhar ħabar nhar Ħadd il-Palm. Għaldaqstant, il-Banda L-Unjoni tħejjiet tajjeb biex tesegwixxi dan il-programm ta' marċi, iżda minħabba l-intemperji, dan il-programm kellu jitħassar u minflok il-banda daqqet dawn il-marċi ġewwa l-każin:

| | |
|---|---|
| Ġimgħa Mqaddsa 2007 | Charles E. Zammit |
| Piange e Prega | Angelo Pullcino |
| In Gethsemane (B'Tifkira ta' Mons. Innoċenz Borg) | Neil Zammit |

Mal-wasla tal-President, hija ġiet milqugħa mill-President u l-Kumitat tas-Soċjetà, u wara saru d-diskorsi tal-okkażjoni. Waqt id-diskors imqanqal tagħha, il-President ta' Malta saħqet kemm-il darba biex nibqgħu poplu magħqud viċin ta' xulxin, waqt li ngħożżu l-valuri nsara li writna mingħand missirijietna. B'emozzjoni kbira tenniet li hija tassew tħossha fit-tieni dar tagħha kull meta tiġi f'Ħal Luqa, b'mod partikolari ġewwa s-Soċjetà tagħna. Ħabbret ukoll li kienet għadha kemm ħatret lill-Kappillan Dun Gordon Refalo bħala d-Direttur Spiritwali tagħha. Dan wara kollox għandu jservi biex il-valuri nsara jibqgħu bla mittiefsa, waqt li ngħinu lill-proxxmu u l-batut.

Intant, iċ-ċerimonja kompliet bl-inawgurazzjoni tal-esebizzjoni *'In Gethsemane'* mill-President ta' Malta kif ukoll it-tberik tagħha mill-Wisq Rev. Kappillan Dun Gordon Refalo. L-E.T. Dr Coleiro Preca innotat il-livell artistiku tal-esebiti f'din il-wirja, waqt li faħħret dawn l-inizjattivi li jiġbdu għadd ta' persuni lejhom f'dan iż-żmien tas-sena. Tkellmet ukoll dwar l-importanza tas-sehem taż-żgħażagħ f'attivitajiet simili biex b'hekk ngħaddu l-patrimonju ta' pajjiżna lil dawk ta' warajna.

Il-mistednin distinti mbagħad kienu mistiedna għal bibita flimkien, u ttieħdu xi ritratti tal-okkażjoni. Sar ukoll l-iskambju tar-rigali, fejn is-Soċjetà ppreżentat gwarniċ tal-fidda

b'ritratt ta' Sant'Andrija kif ukoll ktieb dwar l-istorja tas-Soċjetà. Minn naħa tagħha, il-President apprezzat ferm dan il-ġest u wiegħdet l-għajnuna kollha tagħha lis-Soċjetà tagħna kif, wara kollox, dejjem għamlet.

Tassew kienet żjara memorabbli li tkompli ssebbaħ il-paġni tad-deheb fl-istorja glorjuża tas-Soċjetà L-Unjoni. Il-Kumitat irodd ħajr lill-i*staff* tal-Uffiċċju tal-President li ħa ħsieb jorganizza din iż-żjara.

Nawguraw lill-E.T. Dr Marie-Louise Coleiro Preca ħidma fejjieda b'risq pajjiżna.


# LORENZA BAZAAR

*Fejn issibu kull kwalità*

ta' Haberdashery, żraben tal-kbar u ż-żgħar, ħwejjeġ għall-familja kollha, kif ukoll ħwejjeġ ta' taħt, bħal qliezet u flokkijiet, nightdresses u oħrajn.

# TWO 9 SIX

**LADIES' - GENTS', CHILDREN'S WEAR & UNDERWEAR**

**NEW STREET, LUQA**

*Opening Hours*

**9.00am - 1.00pm & 4.15pm - 7.00pm**

*Jawguraw lill-klijenti kollha tagħhom il-Festa t-Tajba*

**Tel: 2182 0672**





Żjara
mill-President
tar-Repubbblika
13-IV-2014




A.D.1880





# Frankie Green Grocer

**Triq il-Karmnu**
**Luqa**

**Tel: 2180 6809**
**Mob: 9987 8638**



# Carly's

STATIONERY,
GIFTS AND TOYS

Printing from Pen-drive/USB, Photocpying, Colour,
Binding & Film Developing Service available.

Selection of Communion, Book Covering, Confirmation and Christening souvenirs
also available.

Triq Censu De Candia, Luqa Tel.: 2180 3774
**NEAR LELA PET SHOP**

# Ġejjieni sabiħ għall-Banda L-Unjoni

**Neil Zammit**

Ħafna jilmentaw illi n-numru ta' aljievi qed jonqos drastikament. Biż-żejjed insemmu illi llum il-ġurnata, it-tfal għandhom wisq aljenazzjonijiet u l-ħin biex jitgħallmu xi strument fi ħdan is-soċjetajiet mużikali huwa limitat ħafna. Iżda minkejja dan kollu, qatt m'għandu wieħed jaqta' qalbu, iżda għandu jibqa' jistinka biex jattira lejh it-tfal u l-adoloxxenti li għadapitgħada jkunu huma li jmexxu s-soċjetajiet mużikali ta' pajjiżna, għax wara kollox dawn kienu u jibqgħu il-benniena tal-arti mużikali f'pajjiżna.

U f'dan l-isfond, nistgħu ngħidu tabilħaqq illi s-Soċjetà L-Unjoni għandha ġejjiena sabiħ f'dak li jirrigwardja l-banda tagħha. Dan għall-fatt illi aktar minn għoxrin tifel u tifla bħal issa qegħdin jitgħallmu l-mużika biex fiż-żmien li ġej jingħaqdu bħala mużiċisti mal-Banda L-Unjoni bex din tkompli tikber u tissaħħaħ.

Kien grazzi għall-fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ u l-Unjoni Ewropea, meta madwar sentejn ilu, is-Surmast John David Zammit flimkien mal-Assistant Surmast Norbert Camilleri u l-Għalliem Victor Borg bdew programm ta' taħriġ għal grupp sabiħ ta' tfal bil-għan illi dawn jingħaqdu mal-Banda tagħna u jsiru bandisti tal-post.

L-għan aħħari wara dan kollu jidher li qed jintlaħaq u qed jagħti l-frott mixtieq, għax nhar il-Ġimgħa 9 ta' Mejju, fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, ġie organizzat home concert f'waħda mis-swali tal-każin għall-istudenti kollha. Għal din l-okkażjoni, t-tfal kollha kienu mitluba sabiex idoqqu xi silta mużikali quddiem il-ġenituri tagħhom. L-attendenza kienet waħda tajba ħafna, u dan jixhed il-fatt illi dan il-proġett tabilħaqq qiegħed



jirnexxi u jħalli l-frott. Wara li ndaqqu s-siltiet mużikali kollha, l-ommijiet kollha preżenti ingħataw tifkira żgħira tal-okkażjoni u kien hemm trattament għal dawk kollha preżenti.



Il-kummenti pożittivi li rċevejna, kemm mingħand it-tfal infushom kif ukoll mingħand il-ġenituri tagħhom ikompli jimlina bil-kuraġġ biex fis-snin li ġejjin, jittieħdu aktar inizjattivi bħal dawn bil-għan li l-Banda L-Unjoni tkompli tikber fin-numru u tissaħħaħ fil-livell tagħha.

Nieħu din l-okkażjoni biex filwaqt li nirringrazzjaw lil dawk kollha nvoluti f'dan il-proġett, nifirħu lill-istudenti kollha u nawgurawlhom kull suċċess mal-Banda L-Unjoni. Nirringrazzjaw ukoll lill-ġenituri tat-tfal kollha, għall-fiduċja li urew fis-Soċjetà tagħna, għax dan tassew jimlina b'kuraġġ u determinazzjoni biex il-ħidma b'risq il-banda tibqa' għaddejja tul is-sena kollha.

Fl-aħħarnett, inħeġġu aktar tfal biex, bħal ħafna minn sħabhom, jingħaqdu huma wkoll mas-Soċjetà L-Unjoni biex jitgħallmu l-mużika. B'hekk flimkien inkabbru din il-banda għażiża tagħna.


**EMMANUEL GATT**

**PETROL SERVICE STATION**



GENERAL TYRE REPAIRS
ALSO
NEW TYRES

NEW STREET, LUQA - MALTA
TEL: 2180 9351



# Recording ta' Sett Marċi Brijużi

**Neil Zammit**

Wieħed mill-proġetti maħsuba għal din is-sena mill-Kumitat Ċentrali b'risq il-banda tas-Soċjetà tagħna kien fil-fatt *recording* ta' sett marċi brijużi. Minnufih bdew jintgħażlu l-marċi li kellhom jiġu nklużi f'din il-*compact disk*. Il-Kumitat qabel li dan ir-*recording* għandu jinkludi fih kemm marċi antiki li għandha s-Soċjetà fl-arkivji tagħha, kif ukoll marċi ġodda miktuba għal din l-okkażjoni. Dan biex, waqt li nagħtu ġieħ lis-surmastrijiet u l-mużiċisti li kellha l-Banda L-Unjoni tul is-snin, nagħtu wkoll spazju għall-kompożituri relattivament ġodda biex jesprimu t-talent tagħhom.

Fil-fatt, wara diskussjoni u qbil mas-Surmast Direttur, ġew magħżula sett ta' tnax-il marċ u żewġ innijiet, imniżżlin hawn taħt skont l-ordni ta' fuq il-*compact disk*:

| | |
|---|---|
| Andreas Damian | John D. Zammit |
| L-Ajkla Rebbieħa | Norbert Camilleri |
| L'Unione Brass Quintet | Victor Borg |
| Forza Universali | Andrew Borg Fiorentino |
| Janice | John B. Zarb |
| The Union Band Stand | Andrew Zarb |
| Indrì u Ġuża | Charles E. Zammit |
| El Chevalier | Joseph Casapinta |
| Victory | Joseph Abela Scolaro |
| L-Ewwel Appostlu | Andrew Fava |
| 30th November | Neil Zammit |
| Spirit of Victory | John D. Zammit |
| Innu lil Sant'Andrija Appostlu | Gaetano Grech |
| Innu lill-Banda L-Unjoni | Joseph Abela Scolaro |

Ir-*recording* sar minn Vanni Farrugia ġewwa l-Iskola Primarja ta' B'Bugia nhar l-Erbgħa 26 ta' Marzu.

Fl-aħħar nett, inħeġġu lill-membri, partitarji u ammiraturi ta' din is-Soċjetà biex jakkwistaw kopja ta' din il-*compact disk*, biex, waqt li tkunu qed tapprezzaw ix-xogħol siewi li sar għall-ġid tal-banda, tkunu wkoll qed tgħinu lill-istess banda tkompli bil-ħidma tagħha.




# HYGRADE BUTCHER

GĦALL-AQWA KWALITÀ TA'
ĊANGA FRISKA, TIĠIEĠ,
ĦARUF U LAĦAM TAL-FRIŻA

Tel: 2166 3549

*NIXTIEQU L-FESTI T-TAJBA*
*LILL-ĦALLUQIN KOLLHA*

# Manutenzjoni fil-Każin matul is-sena

**Clifford Micallef**

Is-sede tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni hija binja prominenti fit-triq prinċipali tar-raħal tagħna. Kien fis-sena 1914, proprju mitt sena ilu li l-każin sab postu hawnhekk. Inbena mill-ġdid fis-snin ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija wara d-diżastru li din ħalliet warajha u matul is-snin saru diversi interventi fl-istruttura tal-każin biex illum nistgħu ngħidu li l-każin hu mgħammar b'dak kollu meħtieġ biex iservi għall-ħtiġijiet tal-membri u l-bandisti li jagħmlu użu minnu.

Kif wieħed jista' jimmaġina binja bħal din tirrikjedi manutenzjoni kontinwa biex tinżamm fi stat tajjeb u ta' kull sena tista' tgħid li jsir xogħol ta' manutenzjoni f'xi parti jew oħra tal-każin. Din is-sena kien imiss li jsir xogħol ta' manutenzjoni fil-bitħa tal-Każin. Dan kien jikkonsisti f'xogħol ta' tikħil u żebgħa. Ix-xogħol sar b'mod volontarju bħal dejjem mill-kuratur Andrew Aquilina. Membri oħra li għenu fix-xogħol kienu Ċikku Costa, Jonathan Costa u Reno Spiteri.

Xogħol ieħor li sar kien jikkonsisti fil-bdil tal-għatba tal-bieb prinċipali u ta' wieħed mill-bibien tal-ġenb. Sar ukoll xogħol ta' tindif fuq iċ-ċangatura taz-zokklatura tal-faċċata. Dan ix-xogħol sar mid-ditta Agius & Sons u bħala parti mill-fondi li s-Soċjetà bbenefikat permezz tal-Iskema tal-Iżvilupp Rurali tal-Fondazzjoni Gal Xlokk.

Wara diversi laqgħat u pariri li ħadna, il-kumitat iddeċieda li jixtri sistema ta' dawl moderna biex tiddawwal il-faċċata tal-każin mill-pavimentar tal-art. Dan ix-xogħol ġie fdat f'idejn Leli u Andre Magri u dawn ġew installati fil-bidu ta' Mejju. Bħal dejjem dax-xogħol sar b'mod volontarju u ta' dan nirringrazzjawhom minn qalbna. B'kollox ġew installati ħames 'light fittings', wieħed ma' kull pilastru tal-faċċata. M'għandniex xi ngħidu li dawn ġew jiswew somma konsiderevoli ta' flus u l-ħsieb hu li l-futur jiddawwal ukoll il-fontispizju.



Andrew Aquilina waqt ix-xogħol fuq l-arblu l-kbir




# Bar & Restaurant

Tel: 2180 0243

Luqa, Malta



# BERNARD

*ta' Twanny*

Tal-Ħaxix

Fil-pjazza ta' Ħal Luqa
KULJUM
Għall-aqwa kwalità ta'
ħaxix u frott

Sar ukoll restawr intensiv fuq l-arblu l-kbir tal-każin wara li kien ilu għal diversi snin ma jinżel. Dan ix-xogħol sar minn Andrew Aquilina. Nirringrazzjaw ukoll lil Henry Galea talli offrilna l-għajnuna tiegħu permezz tal-krejn.

### Proġett għas-sena d-dieħla

Il-kumitat diġà beda jaħseb għal sena oħra u għal darba oħra erġajna applikajna għall-fondi Ewropej tal-Fondazzjoni Gal Xlokk. Din id-darba applikajna għall-fondi biex inkunu nistgħu nagħmlu xogħol ta' tisbiħ fis-sala tal-kunċerti. Il-ħsieb hu li din is-sala jsirilha sistema ta' arja kkundizzjonata, suffett u *raised flooring* u aktar 'il quddiem il-ħsieb hu li din is-sala tiġi *soundproof* u tkun tista' tintuża anke għall-*recordings*. Ovvjament biex dan isir jeħtieġ li s-Soċjetà toħroġ is-sehem finanzjarju tagħha li dan jammonta għal somma kemxejn kbira. Imma bl-għajnuna tal-partitarji ġenerużi tagħna mhux se naqtgħu qalbna. Nixtieq nirringrazzja lill-Onorevoli Silvio Schembri li kien strumentali biex stajna nakkwistaw dawn il-fondi li mingħajrhom kien ikun ferm diffiċli li dan il-proġett iseħħ. Nittamaw li bħal daż-żmien sena nkunu nistgħu ninawguraw l-ewwel fażi ta' dan il-proġett.

Nagħlaq billi nappella lill-membri biex jagħmlu użu tajjeb mill-faċilitajiet tal-kazin u jibżgħu għall-affarijiet għax il-ħsara mhi tajba għal ħadd.


Jane's Hair Salon
For Professional & Personalised Styles
101, Carmel Street, Luqa Tel: 21803312


Hair Stylists & Tech
Jane Schembri & Antonella Camenzuli
Opening Hours:
Tuesday - Friday
9.00am – 6.00pm
Saturday
9.00am – 5.00pm
JOICO
THE ART OF HEALTHY HAIR
NIOXIN








Milied 2013



# Wirjiet ġewwa l-Każin

**Clifford Micallef**

Il-kalendarju matul is-sena jġib miegħu diversi avvenimenti kulturali u s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb torganizza diversi attivitajiet matul is-sena, prinċiparjament dawk relatati mal-festi tal-Milied u l-Ġimgħa Mqaddsa.

## Il-Milied

Għall-festi tal-Milied ta' din is-sena ġejna avviċinati mill-membru Sandro Farrugia li wera x-xewqa li jarma presepju kbir statiku fil-kamra laterali tal-każin. Il-kumitat aċċetta t-talba tas-Sur Farrugia u x-xogħol beda fix-xahar ta' Ottubru. Dan il-presepju ħa tnejn u għoxrin xkora ġibs u kwantità kbira ta' ġablo. Il-pasturi nħadmu mis-Sur Lawrence Baldacchino waqt li n-nagħaġ inħadmu minn Sandro stess. Intużat ukoll sistema ta' dawl li tirrifletti fażijiet differenti tal-ġurnata. Hawn Sandro kellu l-għajnuna tas-Sur Andre Magri u s-Sur Keith Micallef.

Ġie deċiż ukoll li l-presepju jiddaħħal fil-kompetizzjoni nazzjonali. Dan ġie kklassifikat fir-raba' post. Għas-sena d-dieħla Sandro diġà għandu l-ħsieb li jkompli jżid il-pasturi u jkompli jipperfezzjona x-xogħol tiegħu. F'isem il-kumitat nirringrazzjawh u nawgurawlu aktar suċċessi. Ta' min jgħid li dan il-presepju ġibed lejh attendenza ferm kbira u inkoraġġanti.

Ittellgħet ukoll wirja ta' presepju żgħar li ntramaw fil-kamra ta' ġewwa tal-każin u taħt it-taraġ. Minn hawn nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-parteċipanti kollha li għoġobhom iġibu presepju biex din il-wirja setgħet tkun hekk varjata. Ma jistax jonqos li ma ngħidx prosit lil Andrew Aquilina, Salvu Spiteri, Ċikku Costa u l-mibki Ġorġ Vassallo li ħadu ħsieb jarmaw presepju magħmul minn ġebel naturali li għal din is-sena ntrama f'forma tonda. Ta' min jgħid li dan il-presepju ġibed l-ammirazzjoni ta' ħafna nies għall-forma mhux tas-soltu tiegħu. Dan il-presepju wkoll iddaħħal għall-kompetizzjoni nazzjonali.

Biex ikompli jikkumplimenta kollox, din is-sena reġgħet intramat il-faċċata bid-dawl sinkronizzat mal-mużika wara nuqqas ta' sena minħabba r-restawr tal-faċċata tal-każin. Ta' min jgħid li din is-sena kompliet tissebbaħ u tiġi pperfezzjonata biex għal darb'oħra ġibdet l-ammirazzjoni ta' ħafna nies li ġew minn barra mir-raħal biex jarawha. Minn qalbi f'isem sħabi tal-kumitat, nirringrazzja lil Andrè Magri u lil missieru Leli tax-xogħol li jagħmlu f'dan ir-rigward. Grazzi wkoll lis-Sezzjoni Żgħażagħ li assistew ukoll fl-armar tal-faċċata.

# Ġimgħa Mqaddsa 2014












Intant, din is-sena wkoll saret stedina mill-Kunsill Lokali liż-żewġ soċjetajiet biex jibdew jarmaw iż-żewġ pjazez ewlenin tar-raħal, waqt li l-kunsill jagħti kumpens finanzjarju. Iż-żgħażagħ daħlu għal din il-biċċa xogħol u tista' tgħid li f'qasir żmien irnexxielhom joħolqu żewġ disinni bid-dawl li verament intlaqgħu tajjeb. Dan ix-xogħol kien jikkonsisti fil-*welding* tal-istrutturi tal-ħadid u twaħħil ta' *rope light* kif ukoll *LED lights*. Il-ħsieb hu li s-sena d-dieħla jkompli l-proġett bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Ma nistax ukoll ma nirringrazzjax lill-Viċi President tas-Soċjetà s-Sur Lorry Cassar li minn naħa tiegħu kompla żejjen il-pjazza u Triq Sant'Andrija bl-armar tad-dawl personali tiegħu. B'hekk bl-għajnuna u l-kollaborazzjoni ta' ħafna membri u partitarji tas-Soċjetà nistgħu verament ngħidu li rnexxielna noħolqu atmosfera verament sabiħa għall-festi tal-Milied.

## Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa – *IN GETHSEMANE*

Wirja oħra sinonima mas-Soċjetà tagħna hija dik li tittella' kull sena fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. Għal darb'oħra l-wirja ta' din is-sena kienet kordinata mis-Sezzjoni Armar. Ġie deċiż li għal din is-sena fil-kamra laterali tal-każin tittella' wirja ta' statwetti waqt li fil-kamra ta' ġewwa ssir rappreżentazzjoni ta' Ġesù fil-ġnien tal-Ġetsemani. Proprju minn hekk tnebbah l-isem tal-wirja *IN GETHSEMANE*.

Il-kamra laterali ġiet ambjentata bi tliet settijiet ta' statwetti, wieħed attribwit lil Karlu Darmanin u misluf lilna mill-familja Ciappara u Farrugia, sett ieħor ta' Renzo Gauci maħdum fuq il-vari tal-parroċċa, mislufa lilna minn Neil Zammit kif ukoll sett ieħor ta' John Massa mislufa lilna minn Gareth Galdes.

Fil-kamra ta' ġewwa nħoloq ambjent ta' ġnien taż-żebbuġ, fejn Sidna Ġesù Kristu qatta' l-aħħar ftit sigħat ta' ħajtu jimmedita qabel il-passjoni u l-mewt tiegħu. Il-kavallier Alfred Camilleri Cauchi għoġbu jislifna vara tassew artistika ta' Ġesù fl-Ort, xogħol fl-injam li oriġinarjament kienet tagħmel parti mis-sett tal-vari fil-Bażilika ta' San Ġorġ, Għawdex. Flimkien mal-effetti tad-dwal li ħa ħsiebhom Andre Magri u l-ambjent ta' ġnien u d-dawl tax-xemgħa, tassew inħoloq ambjent ta' ġabra u riflessjoni.

Din il-wirja nfetħet uffiċjalment nhar Ħadd il-Palm fit-13 ta' Marzu u ġiet inawgurata mill-Eċċellenza Tagħha Dr Marie Louise Coleiro Preca, President ta' Malta, li ftit wara l-ħatra tagħha ta' President tar-Repubblika għoġobha tonorana bil-preżenza tagħha fostna. Il-wirja damet miftuħa sa nhar il-Ġimgħa l-Kbira u ġibdet lejha numru sabiħ ta' nies minn madwar Malta biex iżuruha. Nirringrazzjaw ukoll lil Eman Cachia, Andrè Mercieca, Andrew Aquilina, Gareth Galdes, Patrick Muxi, Andrew Micallef, Marie Psaila u Neil Zammit tal-għajnuna tagħhom biex setgħet tittella' din il-wirja. Nirringrazzjaw ukoll lil Andrew Vella li ħadem salib tal-injam bl-arkett bis-simboli tal-passjoni u dan twaħħal mal-faċċata tal-każin.

Fl-aħħar nett, ma nistgħux ma nirringrazzjawx lill-bandisti tal-post, li fiż-żewġ okkażjonijiet għoġobhom janimaw il-ftuħ tal-wirjiet bid-daqq ta' mużika adattata għall-okkażjoni.

Kif tistgħu taraw, bl-għajnuna ta' kulħadd, is-Soċjetà tagħna kompliet iżżomm isem ir-raħal tagħna fil-quċċata. Dak li tfisser L-UNJONI, id f'id naħdmu flimkien u nimxu 'l quddiem.



fgp The Garage Door People

Serving You Since 1962

INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
- SILENT
- WEATHER SEALED
- VARIOUS DESIGNS & FINISHES
- RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
- COMPETITIVE PRICES
- REMOTE CONTROL AVAILABLE

FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer.
We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.

FGP LTD. 109, VALLETTA ROAD LUQA LQA1762. TEL: 21667107/8, 21673627 FAX: 21675384 EMAIL: SALES@FGP.COM.MT WEB: WWW.FGP.COM.MT



# PHOENICIA

**BAR & TAKE AWAY**

**Church Square, Luqa Tel: 2166 3526**



Għal ħobż biż-żejt,
timpana,
ħobż bil-laħam u
ħobż bil-bacon.

Miftuħ
mit-Tnejn sal-Ħadd.

Il-Ġimgħa, is-Sibt
u l-Ħadd għal
drinks u appetizers.

# Awguri lil Federica Falzon

Neil Zammit

Il-Kumitat tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jifraħ mill-qalb lil Federica Falzon għas-suċċess li kisbet fil-festival popolari *Ti Lascio Una Canzone* ta' din is-sena.

Federica Falzon, tifla ta' ħdax-il sena u tattendi l-Kulleġġ San Benedittu. Kien minn hemm li permezz tas-Surmast John David Zammit, hija kantat għall-ewwel darba mal-Banda L-Unjoni fil-programm ta' mużika sagra nhar il-Ġimgħa l-Kbira tal-2013, fejn interpretat l-innijiet *Stava Maria Dolente* u *La Croce* ta' Orlando Crescimanno. Aktar tard fl-istess sena, hija kantat id-diska *Tragedy* waqt il-kunċert tal-festa li l-Banda L-Unjoni tellgħet fuq il-planċier artistiku fi Pjazza Sant'Andrija fl-okkażjoni tal-festa titulari. Din l-esekuzzjoni tant intlaqgħet tajjeb li l-folla preżenti, li ħonqot il-pjazza tar-raħal, qamet u nfexxet f'ċapċipa kbira ta' kuraġġ u apprezzament lil din iċ-ċkejkna u lill-Banda naturalment.



Minn dakinhar sal-lum, Federica baqgħet tiġi mistiedna minn għadd ta' baned, stazzjonijiet televiżivi u istituzzjonijiet oħra sabiex tesponi l-vuċi sabiħa tagħha. Tajjeb insemmu wkoll li f'dawn l-aħħar xhur, ilkoll segwejna lil Federica Falzon fuq l-istazzjoni *RAI UNO*, fejn ġimgħa wara l-oħra ħadet sehem f'*Ti Lascio Una Canzone* flimkien ma' Vincenzo Carni sakemm rebħu l-ewwel post. Minkejja l-età tenera tagħha, hija laqtet kliem ta' tifħir mill-ġurija preżenti, u dan wassal biex l-għarfien tagħha jkompli jiżdied. Dan kollu huwa ta' unur kemm għaliha personali kif ukoll għal pajjiżna, u ta' dan ngħidulha tassew prosit.

Nawguraw lil Federica sabiex tibqa' titħarreġ kemm fil-vuċi kif ukoll fil-mużika inġenerali biex b'hekk tkompli tiżviluppa dan it-talent naturali li hija tħaddan. Nittamaw ukoll li l-ħbiberija bejn Federica, il-familjari tagħha u s-Soċjetà tagħna tkompli titkattar u tissaħħaħ għall-ġejjieni.

Awguri u Prosit mill-qalb!









**St Thomas Street, Luqa**
**Tel: 2166 0105**

Web: www.bigsavefootwear.com
Email: info@bigsavefootwear.com

Mon - Sat:
9.00am till 1.00pm / 4.00pm till 7.00pm

# TA' MATTI

Għal kull xorta ta' Ġwież,
Bexx, Sulfalt, Demel artifiċjali u prodotti Agrikoli
ta' l-aqwa kwalità
irrikorri għand:-

**ALEX AZZOPARDI**

Ġużeppi Penza Street, Luqa.

**Tel: 2180 9348 - 2166 3593 • Mob: 7971 0498**





# Il-Festa f'ġieħ il-Patrun tagħna Sant'Andrija

**Rev. Dun Charles Cini**
**Viċi Parroku**

Il-Festa li niċċelebraw ta' kull sena f'ġieħ il-Patrun tagħna Sant'Andrija, iġġib magħha ħafna xogħol, entużjażmu u anke sens ta' appartenenza lejn ir-raħal tagħna. Dan ma jeżistix biss fil-Knisja tagħna iżda jeżisti wkoll fil-Każini tar-raħal tagħna. Ma nistgħux ikollna festa tajba u sabiħa jekk ma jkunx hemm is-sehem ta› tant Ħal Luqin li jaħdmu bla heda s-sena kollha, b'sagrifiċċji kbir. Irridu ninkoraġixxu dan it-tip ta' volontarjat, speċjalment lill-ġenerazzjonijiet futuri biex niggarantixxu futur sabiħ lil festa tagħna.

Iżda naħseb li taqblu miegħi li festa tagħmel sens jekk aħna nagħmluha f'ġieħ il-Patrun tagħna Sant'Andrija. Tagħmel sens għax aħna nkunu qegħdin nifirħu b'dan l-Qaddis - Apposlu, Patrun tar-raħal tagħna. Meta naraw il-Knisja mżejna sabiħa, meta naraw l-armar li jsebbaħ it-toroq tagħna, meta aħna naraw l-ispettaklu tal-logħob tan-nar u nisimgħu n-noti sbieħ tal-baned, żgur li ser niftakru li dan kollu qiegħdin nagħmluh f'ġieħ il-Patrun tagħna. Dan il-ġieħ ifisser li nfaħħru lil Alla, għax għandha bħala Patrun lil Sant'Andrija, iżda fuq kollox għaliex aħna nsara u bħalu għandha x-xewqa għal qdusija bħalma kellu dan ir-raġel minn Betsajda.

U minn hawnhekk irridu naraw li hekk għandha tfisser il-Festa tagħna - **li twassalna biex nkunu aktar nsara u mhux qisna persuni li qiegħdin ngħixu mingħajr Alla.** Dan mhux qiegħed ngħidu jien biss, iżda anki l-Papa Franġisku jisħaq fuq l-importanza biex f'dak li qegħdin nagħmlu nkunu kapaċi niskopru lil Alla, kif naraw fl-aħħar ittra tiegħu bl-isem *Il-Ferħ tal-Vanġelju* f'paragrafu 126:

"Fil-pietà popolari, li hi frott tal-Vanġelu inkulturat, hemm moħbija qawwa ta' evanġelizzazzjoni attiva li ma nistgħux ma nagħtux kasha: inkella ma nkunux nagħrfu l-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Anzi, aħna msejħin ninkuraġġuha u nsaħħuha biex hekk nistgħu ninżlu aktar fil-fond tal-proċess ta' inkulturazzjoni li hu realtà li ma tintemm qatt. L-espressjonijiet tal-pietà popolari għandhom ħafna x'jgħallmuna u, għal min għandu l-ħila jaqrahom, huwa *l-post teoloġiku* li għandna nkunu attenti għalih, speċjalment meta qegħdin naħsbu kif nagħmlu evanġelizzazzjoni ġdida."

Mela tajjeb li naħsbu ftit fuq dan il-kliem. Tajjeb li naħsbu x'qegħdin nagħmlu fil-festa. Tajjeb li nuru biċ-ċar il-qima lil Sant'Andrija. Dan nagħmluh sempliċement billi ngħixu ta' nsara, billi nersqu lejn is-sagramenti, qrar u l-quddies; inkunu ta' eżempju speċjalment fir-rispett lejn l-oħrajn u nħobbu lil Alla fuq kollox. Irridu niftakru li Sant'Andrija huwa qaddis kbir għax għaraf li Kristu għandu jkun l-aktar persuna għażiża li fuqha seta' jibni ħajtu. Mela f'ġieħ kemm hemm qaddisin, ejjew dejjem niċċelebraw l-festa f'ġieħ il-qaddis tagħna Sant'Andrija. Il-Festa t-tajba lill-Ħal Luqin kollha.


LOOKING FOR QUALITY
& SECURITY?
We offer the service of sending a draughtsman over to your premises to give you our professional advice and take the measurements onsite of your door and we will bring samples of colour and photos for you to choose from.
ALL THIS IS FREE OF CHARGE!
FREE PROFESSIONAL ESTIMATES & ADVICE
We Specialise In:
• PVC Coated Doors
• Roller Shutters
• Insulated Sectional Doors
• Up & Over Doors
• Round The Corner Doors
• Folding Doors
• Gates & Fences
• Sheet Metal Doors
• Motorised Doors
• Moulds
• Substation Louvres
• Metal Doors Covered In Wood
New Street off Valletta Rd, Luqa LQA 6000
Email: info@alfredbaldacchinoltd.net
Tel: 21 827 421 / 21 673 397 Fax: 21 673 397
www.alfredbaldacchinoltd.net
Also Specialising In
Metal Doors Covered In Wood
AB
ALFRED BALDACCHINO LTD
MALTA'S LEADING MANUFACTURERS FOR
INDUSTRIAL, COMMERCIAL & RESIDENTIAL
Look no further!


Il-Barman tal-LUQA SHOOTERS CLUB
Sandro Vella u l-familja (TAL-BEJTA)
jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.
Miftuħ kuljum għal drinks u appetizers f'atmosfera ta' ħbieb.



Purċissjoni votiva ta' San Girgor (Seklu 20) Jidhru s-salib tal-Kleru u fratelli mill-Parroċċa ta' Ħal Luqa






# CARMEL CARUANA

*For all Kinds of Furniture*

Plot 35,
Luqa Industrial Estate,
Luqa
Tel: (Factory) 2122 7989
(Home) 2189 4966

# Mitt Sena f'Palazz Sant'Andrija

**Neil Zammit**

It-twaqqif tas-Soċjetà L-Unjoni fl-1880 seħħ fi Strada Carmine, eżattament fejn il-fundatur tal-banda Mro Vincenzo Camilleri u wliedu bdew ixerrdu l-ewwel tagħlim mużikali fost it-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal. Wara, is-Soċjetà L-Unjoni mxiet f'remissa fi Triq il-Ġdida, f'dar imdaqqsa fi Triq San Pawl, post fi Triq San Ġużepp u mbagħad aktar tard fi Triq Sant'Andrija. Din is-sena fil-fatt jaħbat il-mitt sena minn meta s-Soċjetà L-Unjoni marret f'dan il-każin li għandha llum ġewwa Triq Sant'Andrija, fil-qalba tar-raħal.

Dan il-lok kien jikkonsisti f'żewġt idjar kbar, parti mibnija fl-1781 u l-lok Nru 2 mibni fl-1846. X'aktarx illi din l-art kienet propjetà ta' Vincenzo Cremona, negozjant Belti li kellu rabta viċina ma' Ħal Luqa u s-Soċjetà L-Unjoni, tant li serva għal numru ta' snin bħala President tal-imsemmija Soċjetà. Jingħad illi sat-Tieni Gwerra Dinjija kien hemm pittura ta' Vincenzo Cremona impittra fuq it-tila li kienet tinsab fl-entratura tal-istess każin. Jidher illi dawn iż-żewġt idjar imbagħad għaddew f'idejn Lord Strickland lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20. Is-Soċjetà ħadet il-fond tal-każin b'sub-ċens għal 57 sena mingħand il-familja Palmier Cecy, prokuratur tal-familja Strickland fl-1912.



Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, il-każin iġġarraf sostanzjalment u kellu jinstab lok ieħor temporanju minn fejn is-Soċjetà L-Unjoni baqgħet tiffunzjona. Iżda wara li għaddiet il-gwerra, il-membri preżenti ffukaw l-attenzjoni tagħhom fuq il-ħidma biex jiksbu lura l-proprjetà ta' numri 2, 3, 4 u 5 Triq Sant'Andrija, Ħal Luqa. Fil-21 ta' Jannar 1947, dikjarazzjoni ffirmata mis-segretarju Edigio Zammit kienet tgħid li l-kumitat ħatar lill-President Joseph Azzopardi u d-delegat Ġorġ Zammit biex jiffirmaw il-kuntratt ta' dawn id-djar f'isem is-Soċjetà L-Unjoni quddiem in-nutar John Vella. Wara, il-kumitat aċċetta pjanta li ħażżeż



l-istess Zammit filwaqt li x-xogħol tħalla f'idejn il-perit Caruana Galizia. Iżda dan ma setax isir qabel jiġu deċiżi l-ħsarat mill-bord tal-*War Damage*. Il-membri tas-soċjetà li kellhom xi sengħa mheddew għonqhom biex jaraw ix-xogħol tiela' u jfittex jitlesta. Bil-ħila t'hekk, fl-1948 raw il-ħolma tagħhom isseħħ meta s-Soċjetà reġgħet bdiet tiltaqa' fi Triq Sant'Andrija. Aktar tard, propju nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju 1949, saret quddiesa mid-Direttur Spiritwali Dun Innoċenz Borg u tqarbina ġenerali. Imbagħad, fil-ħdax ta' filgħodu, il-Banda L-Unjoni akkumpanjat lill-Monsinjur Isqof Emanuel Galea għall-każin, fejn saret il-konsagrazzjoni tas-Soċjetà lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, waqt li filgħaxija l-Banda ppreżentat programm mużikali taħt it-tmexxija tas-surmast Joseph Abela Scolaro FLCM.

Fl-1969 għalaq iċ-ċens u s-sidien riedu ċ-ċwievet lura filwaqt li bdew jitolbu eluf kbar ta' liri biex ibigħu l-lok. B'interventi mill-Gvern, is-Soċjetà rnexxielha żżomm il-proprjetà billi ċ-ċens inbidel f'kera. Fl-1975 ittieħed lura ħanut tax-xorb li kien jagħmel parti minn dan il-bini u li kien mikri lis-Sur Orazju Portelli. Wara kien sar tibdil struturali biex il-każin kellu bottegin ġdid u bitħa spazjuża.

Għal snin sħaħ is-Soċjetà L-Unjoni baqgħet tiffunzjona minn dan il-post u tħabtet kemm felħet biex tixtrih, iżda din ix-xewqa tal-membri damet ftit ma seħħet. Sakemm nhar il-5 ta' April 1990, sar l-Att tal-Konvenju għand in-Nutar Charles Mangion biex is-Soċjetà tixtri l-fond tal-każin Nri 2, 3, 4 u 5 fil-qalba tar-raħal. Nhar il-Ħadd 6 ta' Mejju ġie ffirmat il-kuntratt, u l-każin ġie mżejjen u mdawwal, filwaqt li l-Banda L-Unjoni għamlet marċ mat-toroq kollha tar-raħal.

Fl-1997 sar xogħol estensiv fuq il-binja tal-każin, grazzi għall-impenn sħiħ tal-membri tas-Soċjetà, li daħlu għl din l-isfida biex jitkabbar il-każin u jimmodernizza ruħu. Is-swali prinċipali eżistenti ġew irranġati, waqt li inbniet sala oħra għall-kunċerti tal-banda. Sar ħafna xogħol volontarju u l-proġett tlesta fi żmien qasir ħafna. Sena wara ġie mżanżan il-frontispizju l-ġdid, skolpit fil-ġebla maltija mid-Ditta Agius. Riċentament, bejn l-2012 u l-2013, sar xogħol ta' restawr fuq il-faċċata tal-istess binja biex b'hekk terġa' tieħu d-dehra li tassew jixirqilha.

Illum nistgħu ngħidu illi s-Soċjetà L-Unjoni għandha d-dar tagħha u tabilħaqq, għandha wieħed mill-isbaħ każini f'Malta, b'faċċata mill-isbaħ u swali spazjużi għall-użu tal-banda u l-membri. Jalla nibqgħu ngħożżu dak li kisbu ta' qabilna waqt li napprezzaw aktar it-tbatija li għaddew minna, biex illum nistgħu ngħidu li s-Soċjetà L-Unjoni għandna Palazz denju iddedikat lil Sant'Andrija Appostlu.

**Referenzi**

Francis Galea, Ħal Luqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni, 2005.
Neil Zammit, Pubblikazzjoni Annwali Soċ. Fil. L-Unjoni, 2007.

# Anniversarji ta' interess għal Ħal Luqa li jaħbtu fl-2014

**Guido Lanfranco**



### 1864 (150 sena ilu)

Indrì Schembri, Ġiżwita, kiteb xi għanjiet biex ikantawhom fil-knisja l-Maltin li emigraw lejn l-Afrika ta' Fuq, fosthom dik tant popolari *Ninni la tibkix iżjed*.[1]

Lorenzo Frendo-Rossi mill-Isla, li qabel kien kappillan tal-Għargħur, fil-21 ta Frar ħa l-pussess bħala kappillan ta' Ħal Luqa.[2]

### 1914 (100 sena ilu)

Thomas Ashby għamel skavi arkeoloġiċi fid-Debdieba ta' Ħal Farruġ, limiti ta' Ħal Luqa.[3]

Il-każin tal-Banda L-Unjoni ta' Ħal Luqa ġie trasferit f'bini ġdid fejn hu issa, imma dak iż-żmien kien żewġt idjar kbar ħdejn xulxin li komplew jiżviluppa biex saru palazz.[4]

Fuq il-frontispizju tal-knisja parrokkjali tqegħdu ż-żewġ statwi tal-ġebel li jirrappreżentaw il-Fidi u t-Tama.[5]

### 1939 (75 sena ilu)

F'Marzu-April, waqt preparazzjonijiet għall-mitjar ta' dak iż-żmien inkixfu fdalijiet ta' fuħħar Ruman imma ma nstabx għadam.[6]

Fil-5 ta' Mejju tbierek u ġie inawgurat iċ-ċimiterju ġdid li jinsab fi Triq il-Gudja. Il-pjanta saret mill perit Indrì Micallef u x-xogħol sar b'xejn minn ħaddiema ta' Ħal Luqa.[7]

F'Ġunju niżel l-ewwel ajruplan fl-ajruport ġdid ta' Ħal Luqa. Dan sar minn *Swordfish No.3 AACU* imma l-ajruport tlesta fir-rebbiegħa tal-1940 meta fl-1 ta' April sar *RAF Station*; Ġimgħa wara niżel it-tieni ajruplan, *Flamingo R 2784* fi triqtu lejn il-Lvant Nofsani.[8]

### 1954 (60 sena ilu)

Fil-21 ta' Novembru miet Antonio Vella, Bormliż li, mill-1903 sal-1920 kien kappillan ta' Ħal Luqa. Fi żmienu saru ħafna xogħlijiet u twaqqfu tliet għaqdiet li kienu l-Figlie di Maria, Xirka tal-Qalb ta' Ġesù u l-M.U.S.E.U.M. tas-subien.[9]


MuXi
• Adults' & Children's Clothing
• Underwear • Accessories
Ġużeppi Ellul Street, Luqa
Tel: 21 891 790

## 1964 (50 sena ilu)

Miet Anton Said, skultur minn Ħal Luqa.[10]

Iżżanżan il-pulptu ġdid maħdum minn Ġużeppi Tonna fuq disinn magħmul minn ħuh Karmenu. Il-panewijiet u l-anġli saru f'Milan.[11]

## 1989 (25 sena ilu)

Fit-2 ta' Lulju ġiet inawgurata l-pittura ta' Paul Camilleri Cauchi tal-pendenti tal-koppla, fejn jidhru l-erba' evanġelisti. Tħallsu mill-benefattur Noè Ciappara.[12]

Fil-5 ta' Awwissu ġie inawgurat l-Isptar Santa Marija wara li kien sar ħafna xogħol fih minħabba li qabel kien użat mill-RAF bħala sptar ta' emerġenza. Fl-1990 ġiet inawgurata taqsimja minnu bħala *Detox Unit* għal min irid joħroġ mill-effetti tad-droga.[13]

Fit-8 ta' Settembru ġie mbierek u inawgurat Ġnien Ġorġ Borg Olivier.[14]

Fit-22 ta' Settembru tqegħdet l-ewwel ġebla biex isir l-*Air Terminal* ġdid bejn Ħal Luqa u l-Gudja. Ġie inawgurat fit-8 ta' Frar 1992.[15]





**Referenzi**


[1] Bezzina, Joseph *L-istorja tal-knisja f'Malta* (2002) p.237

[2] Ferres, Achille *Descrizioni storica delle chiese di Malta e Gozo* (1866) p.477. Attard, Charles; Fava, Pierre; Fenech, Anton *370 sena parroċċa, Sant Andrija Ħal Luqa* Għaqda mużikali Sant'Andrija sezjoni żgħażagħ (2004) p.26; Terribile, Tony *Teżori fil-knejjes Maltin* Vol. XI (2008) p. 276.

[3] Zammit, T. *Guide to the Valletta musuem* (1931) p.33; Guillaumier, Alfie *Bliet u rħula Maltin* I (1002) p.379

[4] Galea, Francis *Ħal Luqa u l-banda tagħha L-Unjoni* (2005) p.118

[5] Terribile (2008) p.114

[6] Guilllaumier (1002) p.379; *Marsa matul iż-żminijiet* (awturi varji) p.10

[7] Guillaumier (1002) p.374; Leħen il-parroċċa, Ħal Luqa *350 sena parroċċa 1634-1984* (1984) p.28

[8] Coldman, Alfred *Malta, an aviation history* (2001) p.115; Mizzi, John A. & Vella,Mark-Anthony *Malta at war* I (2001) p.53

[9] *Leħen il-parroċċa* (1984) p.27

[10] Rafel Bonnici-Calì *Artisti li niftakar* fil-*Leħen is-Sewwa* 15-X-1988

[11] Terribile (2008) p.162

[12] Guillaumier (1002) p.371; Terribile (2008) p.116-117

[13] Guillaumier (1002) p.375

[14] Guillaumier (1002) p.378

[15] Guillaumier (1002) p.377; Caruana, Richard J. *L-istorja tal-avjazzjoni f'Malta* (2002) p.165

## Programm tal-Festi Solenni f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

## Patrun u Protettur Ewlieni ta' Ħal Luqa

### Il-Ħadd 29 ta' Ġunju

**10.30am** Issir quddiesa għaż-żgħażagħ immexxija minn Dun John Curmi. Mistiedna ż-żgħażagħ kollha b'mod speċjali ż-żgħażagħ tal-għaqdiet reliġjużi u l-għaqdiet soċjali. Wara ssir laqgħa soċjali fiċ-Ċentru Parrokkjali.

### It-Tnejn 30 ta' Ġunju

***Ħruġ tal-Istatwa minn Niċċa***
***Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u Soċjali***

**6.40pm** Ninġabru ħdejn l-Istatwa ta' S. Andrija ta' Wied il-Knejjes u nagħtu ġieħ lil missirijietna. F'isem l-Għaqdiet u s-Soċjetajiet kollha tal-Parroċċa, is-Sindku flimkien mal-Kappillan ipoġġu kuruna f'riġlejn l-istatwa. Wara jibda l-korteo li jgħaddi minn Triq il-Karmnu sal-Knisja.

**7.00pm** Quddiesa mill-Kappillan Dun Gordon Refalo fil-Knisja. Fi tmiem il-quddiesa, il-Kor parrokkjali *Chorus Excelsior* ikanta l-antifona *Cum Pervenisset* filwaqt li jsir il-ħruġ tal-istatwa titular ta' Sant'Andrija min-niċċa.

**8.00pm** Fuq iz-zuntier, il-komunità Parrokkjali flimkien mas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ssellem lil Sant'Andrija bl-Innu Popolari.

### It-Tlieta 1 ta' Lulju

***Jum it-Tfal***

**6.30pm** Quddiesa għat-tfal immexxija minn Dun Keith Scicluna fil-Knisja u wara nkomplu fil-bitħa tal-Museum.

### L-Erbgħa 2 ta' Lulju

***L-Ewwel Jum tat-Tridu***
***Jum l-Emigranti***

**6.30pm** Quddiesa kantata, iqaddes Dun Martin Micallef.
Jagħmel l-omelija r-Revdu Kan. Jonathan Farrugia. Mistiedna speċjali l-Emigranti li jkunu fostna għall-jiem tal-Festa. Wara l-quddiesa Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali.

### Il-Ħamis 3 ta' Lulju

***It-Tieni Jum tat-Tridu***
***Jum il-Morda u l-Familja***

**9.30am** Ċelebrazzjoni għall-morda li jinsabu d-dar u anzjani tal-Parroċċa residenti f'San Vinċenz de Paule. Iqaddes Dun Teddy Cumbo.

**6.30pm** Quddiesa Kantata. Iqaddes Dun Alfred Vella, Ex-Kappillan ta' Ħal Luqa.

Jipprietka Dun Jonathan Farrugia. Mistiedna speċjali l-familji u l-Koppji miżżewġin speċjalment dawk li qed jiċċelebraw l-għaxra, ħamsa u għoxrin, ħamsin sena żwieġ u dawk li żżewġu matul din is-sena. Kollox bħall-jum ta' qabel.

**8.00pm** Preżentazzjoni lil S. Andrija tat-trabi li twieldu matul din is-sena li fiha nitolbu wkoll il-Barka fuq il-ġenituri tagħhom biex jgħinhom fit-trobbija.

## Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

***Jum il-Vokazzjonijiet***

**5.00pm** Qrar

**6.30pm** Quddiesa Kantata. Iqaddes Dun Renè Camilleri. Jipprietka Dun Jonathan Farrugia. Mistiedna speċjali huma r-Reliġjużi, u dawk kollha li għandhom saċerdoti, patrijiet jew sorijiet jiġu minnhom. Wara l-quddiesa jsir kollox bħall-jum ta' qabel.

## Is-Sibt 5 ta' Lulju

***Lejlet il-Festa***

**8.00am** Quddiesa ta' Ringrazzjament. Iqaddes Dun Charles Cini. Wara t-Tqarbin jitkanta l-Innu ta' Ringrazzjament, it-*Te Deum*.

**8.30am** Qrar sal-10.30am.

**5.00pm** Qrar

**6.00pm** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' Sant'Andrija mill-Kappella tal-Madonna tal-Ftajjar għall-Knisja Parrokkjali fejn isir il-Kant tal-Innu tal-Appostli u l-Antifona ta' Sant'Andrija.
Wara jsir il-kant tal-Għasar u Ċelebrazzjoni Ewkaristika. Imexxi Dun Keith Scicluna.

**7.15pm** Quddiesa Solenni bl-omelija minn Dun Keith Scicluna.

## Il-Ħadd 6 ta' Lulju

***Jum il-Festa***

**6.00am u 7.00am** Quddiesa

**8.30am** Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa mmexxija minn Dun Robin Camilleri. Jinseġ il-Paniġierku l-W.R. Patri Renald Loffreda O.Carm., Kappillan tal-Parroċċa tal-Fgura.

**11.00am** Quddiesa Kantata bl-omelija minn Dun Albert Schembri.

**7.15pm** Titkanta l-Antifona u tibda l-Purċissjoni bl-istatwa titulari ta' Sant'Andrija Appostlu, Patrun ta' Ħal Luqa, immexxija minn Dun Keith Scicluna.

**10.30pm** Ninġabru fuq iz-zuntier biex nilqgħu l-istatwa ta' Sant'Andrija Appostlu. Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali.

Waqt il-jiem tat-Tridu, lejlet u nhar il-Festa, il-quddies ta' filgħaxija jkun animat mill-Kor Parrokkjali *Chorus Excelsior*, bl-organista Joseph Cassar u taħt id-direzzjoni tas-surmast Norbert Camilleri L.Mus. L.C.M., LVCM, Dip Sacred Music.
Lejlet u nhar il-Festa tindaqq il-mużika tas-Surmastrijiet Ferdinandu u Giuseppe Camilleri taħt id-direzzjoni ta' Patri Anton Briffa OFMCap LLCM Lic. Mus. Sacra. M.Mus. Greg.
Ċeremonjier matul il-ġimgħa tal-festa huwa Bro Vince Axiaq OFMCap.

# Programm tal-Festi Esterni organizzati mis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni f'ġieħ

# Sant'Andrija Appostlu

**Il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju**

**7.30pm** Ikla tal-festa għall-membri u l-familjari kollha fi Triq Sant'Andrija.

**Il-Ħadd 29 ta' Ġunju**

**9.00am** Wirja ta' karozzi varji fi Triq u Pjazza Sant'Andrija b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.

**10.30am** Il-membri żgħażagħ u adoloxxenti tas-Soċjetà jattendu għal quddiesa speċjali ġewwa l-Knisja Parrokkjali.

**It-Tnejn 30 ta' Ġunju**

***Ħruġ tal-Istatwa Titulari minn Niċċa***

**6.40pm** Il-kumitat flimkien mas-sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà jieħdu sehem f'korteo li jibda minn Triq il-Karmnu f'riġlejn l-istatwa ta' Sant'Andrija ta' Wied il-Knejjes.

**7.00pm** Il-kumitat flimkien mas-sezzjonijiet kollha jattendu għal quddiesa kantata ġewwa l-Knisja Parrokkjali.

**8.00pm** Il-Banda L-Unjoni tesegwixxi programm ta' marċi brijużi fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija.

**It-Tlieta 1 ta' Lulju**

**8.00pm** Riċeviment għall-membri, benefatturi u għaqdiet mogħti mis-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni fl-okkażjoni tal-festa fis-sede tas-Soċjetà.

## Il-Ħamis 3 ta' Lulju

*It-Tieni Tridu*

**8.30pm** Il-Banda L-Unjoni tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur John D. Zammit F.V.C.M. Mal-banda jieħdu sehem Sara Camilleri, Marco Mifsud, Tiziana Calleja u Federica Falzon.

**10.15pm** Marċ brijuż mill-Banda L-Unjoni li jibda minn Triq Sant'Andrija u jkompli għal Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ tal-istatwa ta' Sant'Andrija fuq il-pedestall, fost il-ferħ tal-partitarji.

## Is-Sibt 5 ta' Lulju

*Lejlet il-Festa*

**8.45pm** Il-Banda L-Unjoni tibda marċ brijuż li jibda minn Triq Sant'Andrija u jgħaddi minn Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Dun Pawl, Triq il-Ġdida, Triq Sant'Andrija u Pjazza Sant'Andrija fejn isir it-tlugħ uniku tal-istatwa tal-Anġlu, simbolu tal-martirju u l-glorja ta' Sant'Andrija Appostlu, fost il-ferħ u briju tal-partitarji.

## Il-Ħadd 6 ta' Lulju

*Jum il-Festa*

**8.30am** Il-Kumitat Ċentrali u s-Sezzjonijiet kollha tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni jattendu għall-Konċelebrazzjoni Solenni ta' nhar il-festa fil-Knisja Parrokkjali.

**10.30am** Il-Banda L-Unjoni tferraħ lil Ħalluqin bil-marċ ta' filgħodu li jgħaddi minn dawn it-toroq: Triq Sant'Andrija, Pjazza Sant'Andrija, Misraħ il-Knisja, Triq San Ġużepp, Triq il-Parroċċa, Triq il-Ħabaq, Triq id-Dokkiena, Triq San Pawl, Triq ir-Rixtellu, Triq il-Karmnu, Pjazza Sant'Andrija, Triq Dun Pawl, Triq San Ġorġ u Triq Sant'Andrija.

**6.30pm** Il-Banda 12th May ta' Ħaż-Żebbuġ tibda marċ minn Triq Sant'Andrija għall-Pjazza Sant'Andrija, Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, Triq Sant'Andrija u jintemm fi Pjazza Sant'Andrija.

**7.30pm** Il-Banda 12th May takkumpanja l-ħruġ tal-purċissjoni minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija waqt li tilqa' l-istatwa titulari ta' Sant'Andrija fil-ħruġ tagħha mill-Knisja Parrokkjali bid-daqq tal-innijiet ta' Gaetano Grech u Angelo Pace bis-sehem tal-*Coro Bel Canto*. Wara, l-istess banda tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier taħt id-direzzjoni ta' Mro Hermann Farrugia.
Hekk kif il-purċissjoni terġa' lura fi Triq Sant'Andrija quddiem is-sede tas-Soċjetà, il-Banda 12th May tesegwixxi l-innijiet popolari.

**10.30pm** Il-Banda 12th May takkumpanja d-dħul tal-purċissjoni u ssellem il-vara ta' Sant'Andrija hekk kif tiddaħħal lura fil-Knisja Parrokkjali bid-daqq tal-innijiet minn fuq il-planċier fi Pjazza Sant'Andrija.
Wara, il-Kumitat flimkien mal-membri tal-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà jkunu preżenti fil-knisja sabiex iroddu ħajr lil Alla u lil Sant'Andrija wara li l-festa tkun għaddiet b'wiċċ il-ġid.

**11.15pm** Il-Banda L-Unjoni tagħlaq il-festa b'marċ brijuż tul Triq Sant'Andrija.



Akkademja
Mużiko-Letterarja
li saret
għaxar snin ilu
ġewwa
t-Tempju Andrean
(2004)

# Programm Mużikali
## mill-Banda L-Unjoni
### fl-okkażjoni tal-Festa Titulari ta'
# Sant'Andrija Appostlu
### fuq il-Planċier fi Pjazza Sant'Andrija, Ħal Luqa
### Il-Ħamis 3 ta' Lulju – 8.30pm

| | |
|---|---|
| **Innu lil Sant'Andrija Appostlu** | Gaetano Grech |
| **Olympic Fanfare and Theme** | J. Williams |
| **St.Ann Op2 No1** | Charles Zammit |
| **Palladio** | Karl Jenkins<br>Arr. by Neil Zammit |
| **Vivo per Lei**<br>Ikantaw Federica Falzon u Marco Mifsud | V. Zelli – M. Mangali |
| **Bridge over troubled water** | P.Simon<br>Arr. by Norbert Camilleri |
| **Fame**<br>Tkanta Sarah Camilleri | M.Gore |
| **Concerto d'amore** | Jacob de Haan |
| **Invincible**<br>Tkanta Federica Falzon | T.Gson - B.Ljunggren - H.Wikstrom<br>Arr. by John D. Zammit |
| **We are the Champions**<br>Tkanta Tiziana Calleja | Freddy Mercury<br>Arr. by John D. Zammit |
| **Innu Lill-Banda L-Unjoni** | Joseph Abela Scolaro |

**Surmast Direttur:** John D. Zammit F.V.C.M.
**Compére:** Cleavon Vella

*Il-Kumitat*

*tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*

*jifraħ lill-membri tas-*

*Saint Andrew's Firework Factory*

*għas-suċċess doppju miksub*

*fil-festivals tan-nar tal-ajru u tal-art.*

*Prosit u grazzi mill-qalb.*



# Programm tan-Nar
# Festa Sant'Andrija 2014

St. Andrew Fireworks Factory, Luqa, Malta
www.unionbandmalta.org

## It-Tnejn 30 ta' Ġunju

*Ħruġ min-Niċċa*

**8:00am** Salut u murtaletti.
**12:00pm** Salut u murtaletti.
**7:45pm** Salut, kaxxa bomba u spanjola u murtali tal-beraq.
**9:30pm** Bomba, blalen, beraq ikkulurit, murtali tal-kulur.

## L-Erbgħa 2 ta' Lulju

*L-Ewwel Tridu*

**6:00pm** Quddiesa l-post tan-nar. Iqaddes Patri Adrijanu Cachia u l-kappillan.
**8:00am** Bomba, murtali tal-beraq.
**12:00pm** Bomba, murtali tal-beraq.
**8:00pm** Bomba, murtali tal-beraq.

## Il-Ħamis 3 ta' Lulju

*It-Tieni Tridu*

**8:00am** Bomba, murtali tal-beraq.
**12:00pm** Bomba, murtali tal-beraq.
**8:00pm** Bomba, murtali tal-beraq.
**9:45pm** Wara l-programm, bomba, blalen, murtali tal-beraq ikkulurit, murtali tal-kulur.

## Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju

*It-Tielet Tridu*

**8:00am** Bomba, murtali tal-beraq.
**12:00pm** Bomba, murtali tal-beraq.
**8:00pm** Bomba, murtali tal-beraq.
**10:00pm** Bomba, sfejjer, blalen, beraq pront, beraq ikkulurit u murtali tal-kulur.

## Is-Sibt 5 ta' Lulju

**Lejlet il-Festa**

**8:15am** Te Deum - Salut, kaxxa bomba u spanjola, murtali tal-beraq.
**11:45am** Bomba, murtali tal-beraq.
**6:00pm** Translazzjoni - Kaxxa bomba u spanjola, murtali tal-beraq bil-logħob.
**9:15pm** Lampjun, sfejjer, blalen, diversi settijiet ta' murtali, beraq kulur, beraq pront, beraq biċ-ċentri, murtali tal-kulur b'varjazzjoni. Wirja piroteknika bis-sistema Fire One li tista titgawda kemm minn Triq Garibaldi kif ukoll minn pjazza Sant'Andrija.

## Il-Ħadd 6 ta' Lulju

*Jum il-Festa*

**8:00am** Bomba murtali tal-beraq.
**12:00pm** Bomba u murtali tal-beraq.
**7:30pm** Salut, beraq tad-daħna ikkulurit, diversi xokkijiet ta' sfafar u beraq. Diversi settijiet ta' murtali bil-logħob.
**9:15pm** Lampjun, sfejjer, blalen, beraq pront, settijiet ta' beraq ikkulurit, murtali tal-kulur.
**10:15pm** Kaxxa spettakolari tal-kulur. Wara niltaqgħu fit-Tempju Andrean sabiex nirringrazzjaw lil Alla u lil Sant'Andrija, u jsir il-marċ tal-aħħar bis-sehem tad-dilettanti tan-nar.

Dan ix-xogħol inħadem kollu mis-*Saint Andrew's Fireworks Factory*.
Nirringrazzjaw lil kulħadd.



Tifkira għażiża tal-Udjenza
li kellha l-Banda L-Unjoni
ma' San Ġwanni Pawlu II
ġewwa Sala Nervi fil-Vatikan
fl-1997

# Marċi li se jindaqqu mill-
# Filarmonika L-Unjoni
## matul il-jiem tal-festa

| | |
|---|---|
| Andreas Damian | John D. Zammit |
| L-Ajkla Rebbieħa | Norbert Camilleri |
| L'Unione Brass Quintet | Victor Borg |
| Forza Universali | Andrew Borg Fiorentino |
| Janice | John B. Zarb |
| The Union Band Stand | Andrew Zarb |
| Indrì u Ġuża | Charles E. Zammit |
| El Chevalier | Joseph Casapinta |
| Victory | Joseph Abela Scolaro |
| L-Ewwel Appostlu | Andrew Fava |
| 30th November | Neil Zammit |
| Spirit of Victory | John D. Zammit |
| Innu lil Sant'Andrija Appostlu | Gaetano Grech |
| Innu lill-Banda L-Unjoni | Joseph Abela Scolaro |

# Servizzi tal-Banda L-Unjoni – 2014

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ħadd il-Palm | Programm | Ħal Luqa | 13 t'April |
| San Filep | Marċ u Programm | Ħaż-Żebbuġ | 8 ta' Ġunju |
| San Nikola | Marċ u Programm | Siġġiewi | 29 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Marċ | Ħal Luqa | 30 ta' Ġunju |
| Sant'Andrija | Programm u Marċ | Ħal Luqa | 3 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ | Ħal Luqa | 5 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ ta' Filgħodu | Ħal Luqa | 6 ta' Lulju |
| Sant'Andrija | Marċ tal-Aħħar | Ħal Luqa | 6 ta' Lulju |
| San Leonardu | Marċ u Programm | Ħal Kirkop | 24 t'Awwissu |
| Santa Katarina | Marċ | Żurrieq | 7 ta' Settembru |
| Madonna tal-Grazzja | Marċ | Ħaż-Żabbar | 9 ta' Settembru |
| Kunċert Sinfoniku | Teatru Metanoia | Ħal Luqa | 22 ta' Novembru |

# Cheveux Classique
by Ottilia



**New Street, Luqa**
**Tel: 2182 0487**

Monday: open by appointment
Tue to Fri 9.00am - 6.00pm
Saturday 8.00am - 5.00pm

**We specialize in: Up Styles (especially for weddings), Hair Extensions, Hair Cuts, Blowdries, Colours, Highlights, Hair Treatments, Scalp Treatments, Scalp Stone, Massage, Brazilian Anti-Frizz Treatment, Straightening and more... We also specialize in Make-up and Nails.**

# Ninja Store

*For all types of groceries, frozen food, detergents, vegetables & fruits.*
*Best value for your money! Free Delivery*

**NOW UNDER NEW MANAGEMENT**




20, Triq Tumas Galea,
Ħal Luqa

Mob: 99464759
Tel: 21827276

Business Hours
Monday to Friday
5.00am - 12.30pm; 4.00pm - 7.30pm
Saturday - 5.00am - 1.30pm

# Marċi brijużi li ser iddoqq il-Banda 12th May

| | |
|---|---|
| Innu San Filep | Giuseppe Caruana |
| David | Hermann Farrugia Frantz |
| Restawr 2014 | William Debattista |
| Joy of Life | Daniel Vella |
| Is-Sur Amante | Noel Chircop |
| El Sabor Espanöl | Anthony Camilleri |
| Silver Monument | Amante Attard |
| F'Jum il-Festa | Amante Attard |
| Et Donnay | Maj. Anthony Aquilina |
| Fiesta | Maj. Anthony Aquilina |
| Domingo | Vincenzo Ciappara |
| Golden Jubilee | Joseph Azzopardi |
| Calypso | Emanuel Bugeja |
| It-12 ta' Mejju 1962 | Amante Attard |
| Innu Banda 12th May | Amante Attard |

## Programm mill-Banda 12th May esegwiet nhar il-Ħadd 6 ta' Lulju

| | | |
|---|---|---|
| Richard Wagner | Hüldigungsmarsch | *Homage to the King Ludwig II of Bavaria* |
| George Bizet | Carmen | *Fantasia* |
| Thomas Arne/John Hartmann | Rule Brittania | *Fantasia brilliante for trumpet* |
| Patrick Roszell | Led Zeppelin on Tour | *Selection* |
| Frans von Suppé | Light Cavalery | *Overture* |

**Surmast Direttur:** Mro Hermann Farrugia Frantz




# BORG BROS.

## Furniture Transport

Borg Bros.
Triq id-Demnuq, Siġġiewi

Tel: 2146 6664

Fax: 2146 4804

Mob: 9947 5010
borgbros@gmail.com



# "Sant'Andrija – Ġgant fil-Fidi u fit-Tama!" – Il-Papa Benedittu XVI

**Frank Zammit**

Lejn nofs is-sena 2006, il-Papa Benedittu XVI fl-udjenzi ġenerali ta' nhar t'Erbgha kien ghamel zewg katekezi dwar Pietru, il-vigarju ta' Kristu, l-ewwel Papa tal-Knisja Universali.

Wara hu kien kompla b'katekeżi oħra din id-darba dwar ħuh Indrì: Il-Papa Benedittu XVI kien qal hekk dwar Indrì fl-introduzzjoni tal-katekeżi tiegħu: **"***Kien bniedem ta' fidi u tama; Ġurnata minnhom kien sema' lil Ġwanni l-Għammied jipproklama lil Ġesù bħala "l-Ħaruf t'Alla." Tant kien impressjona ruħu li immedjatament flimkien ma' dixxiplu ieħor beda jsegwi lil Ġesù. Ġwanni l-Evanġelista jkompli jgħid li: "U ż-żewġ dixxipli semgħuh jitkellem u marru wara Ġesù. Imbagħad dar Ġesù, u rahom ġejjin warajh u qalilhom: X'qegħdin tfittxu? Qalulu: Rabbi (li tfisser Mgħallem) fejn toqgħod? Qalilhom: Ejjew u araw. Ġew u raw fejn kien joqgħod, u dakinhar qagħdu miegħu: għax kienet madwar l-għaxar siegħa." (Ġw 1, 37-39)*



Indrì kien wieħed mill-ewwel segwaċi ta' Ġesù. Fil-fatt t-test ta' San Ġwann juri li Indrì skopra lil Ġesù qabel ħuh Pietru. Kien għal dan il-fatt li l-liturġija tal-Knisja Biżantina tonora lil Indrì bħala l-"Protokletos" jew aħjar bħala l-ewwel appostlu ta' Ġesù.

## L-Oriġini ta' ismu

L-isem Indrì jirrelata mal-kelma griega "raġel" (Aner, jew fil-ġenettiv Andros). Studjuzi tal-bibbja jsostnu li ismu jesprimi t-tama tal-ġenituri tiegħu għal wild ta' tifel.

Interessanti ħafna li ismu huwa ta' origini grieg u mhux aramajk. Benedittu XVI kien ikkumenta hekk dwar dan l-aspett: *"L-ewwel karatteristika impressjonanti dwar "Indrì" huwa l-isem tiegħu: mhuwiex Ebrajk, kif kien mistenni, iżda Grieg, indikattiv ta' ċertu ftuħ kulturali fil-familja tiegħu li ma jistax ikun injorat. Aħna ninsabu fil-Galilija, fejn*

*il-lingwa Griega u l-kultura huma pjuttost preżenti. Fi kwalunkwe każ, huwa ċertament igawdi prestiġju kbir fil-komunitajiet primittivi Kristjani."*

### Indrì u l-Vanġelu

Fil-Vangeli nsibu tliet inċidenti notevoli. L-ewwel wieħed iseħħ meta Ġesù jwettaq il-multiplikazzjoni ta' ħobż. Il-Papa Benedittu XVI jinnota:

*"Il-tradizzjonijiet tal-Evanġelju jsemmu l-isem t'Indrì b'mod partikolari fi tliet okkażjonijiet. L-ewwel hija dik tal-multiplikazzjoni tal-ħobż fil-Galilija. F'dik l-okkażjoni, kien Indrì li indika lil Ġesù l-preżenza ta' tfajjel li kellu miegħu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet: mhux wisq, huwa irrimarka, għall-multitudni li kienet miġbura f'dak il-post (ara Ġw 6: 8-9).*

*F'dan il-każ, ta 'min jenfasizza realiżmu t'Indrì. Huwa nnota lit-tfajjel, jiġifieri, huwa kien diġà staqsa l-mistoqsija: "imma x'nistgħu nagħmlu b'dan il-ftit għal tant?", irrikonoxxuti l-insuffiċjenza tar-riżorsi minimi tiegħu. Ġesù, madankollu, jaf kif jaf kif jagħmilhom suffiċjenti għall-għadd kbir ta' nies li kienu waslu hemm hekk sabiex jisimgħuh."*



It-tieni rakkont jeħodna meta Indrì flimkien mad-dixxipli l-aktar qrib Ġesù jistaqsuh dwar il-waqgħa tat-Tempju ta' Ġerusalem.

Il-Papa Benedittu XVI kien ikkumenta hekk dwar dan ir-rakkont evanġeliku:

*It-tieni okkażjoni kien seħħ f'Ġerusalemm. Kif hu ħalla l-belt, dixxiplu ġibed l-attenzjoni ta' Ġesù, dwar il-ħitan enormi li kienu jappoġġjaw lit-Tempju. It-tweġiba tan-Nazzarenu kienet sorprendenti: Hu u ħiereġ mit-tempju, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Ara, Mgħallem, xi ġmiel ta' ġebel, x'kobor ta' bini!" Qallu Ġesù: "Qiegħed tarah dan il-bini kollu? Ma tibqax minnu ġebla fuq oħra, kollu għad jiġġarraf." Kif kien qiegħed fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, biswit it-tempju, Pietru, Ġakbu, Ġwanni u Indrì resqu jistaqsuh rasu u rashom: [4]"Għidilna, dan meta għad jiġri? U x'se jkun is-sinjal li dan kollu jkun wasal?" ( Mk 13:1-4).*

*Bi tweġiba għal din il-mistoqsija Ġesù ta spjega importanti dwar il-qerda ta' Ġerusalemm u fuq l-aħħar tad-dinja, fejn talab lid-dixxipli tiegħu sabiex ikunu għaqlin fl-interpretazzjoni tas-sinjali taż-żminijiet u sabiex ikunu kostantement fuq għassa għalihom.*

*Minn dan l-avveniment jista' jiġi dedott li aħna m'għandniex nibżgħu li nistaqsu mistoqsijiet lil Ġesù iżda fl-istess ħin li aħna għandna ikunu lesti li naċċettaw it-tagħlim sorprendenti u diffiċli li huwa joffrilna.*

Fit-tielet rakkont evanġeliku, Indrì, anke permess tal-isem griek tiegħu, iservi bħala pont bejn segwaċi Lhudin u dawk mhux lhud ta' Ġesù. Il-Papa Benedittu XVI ikompli jispjega:

*Fl-aħħar nett, it-tielet inizjattiva t'Indrì li hija rreġistrata fl-Evanġelji: Ix-xena tibqa'*

*f'Ġerusalemm, ftit qabel il-Passjoni. Għall-Festa tal-Għid, Ġwanni jirrakkonta, li xi Griegi kienu waslu fil-belt, probabbilment xi proseliti jew irġiel li jibżgħu minn Alla u li kienu waslu hemm sabiex jagħtu qima l-Alla ta' Iżrael fil-Festa tal-Għid. Indrì u Filippu, ż-żewġ Appostli b'ismijiet Griegi, kienu servew bħala interpreti u medjaturi ta' dan il-grupp żgħir ta' Griegi ma' Ġesù.*

*It-tweġiba tal-Mulej għall-mistoqsija tagħhom – kif ta' spiss iseħħ fil-Vanġelju ta' Ġwanni - tidher enigmatika, iżda preċiżament b'dan il-mod it-tifsira sħiha. Ġesù qal lil dawn iż-żewġ dixxipli u li permezz tagħhom, lid-dinja Griega: "Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat. Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott." (Ġw12, 23-24)*



*Ġesù jixtieq jgħid li: Iva, l-laqgħa tiegħi mal-Griegi se sseħħ, iżda mhux bħala, konversazzjoni qasira u sempliċi bejni u bejn ftit oħrajn, motivati fuq kollox mill-kurżità. Is-siegħa tal-glorifikazzjoni tiegħi se tiġi ma' mewti, li tista' tiġi mqabbla ma' dik il-ħabba tal-qamħ li taqa fl-art. Mewti fuq is-salib ser tnissel ħafna: fil-Qawmien l-"ħabba mejta tal-qamħ" - li hi s-simbolu ta' mewti - se ssir il-ħobż tal-ħajja għad-dinja; se tkun dawl għall-popli u l-kulturi.*

*Iva, l-laqgħa mar-ruħ griega, mad-dinja griega tintlaħaq f'dik il-profondita għal dik li l-ħabba tal-qamħa tirreferi li attirat għaliha nfisha l-forzi tas-sema u l-art u ssir il-ħobż.*

*Fi kliem ieħor Ġesù kien qed jipprofetizza dwar il-Knisja Griega, il-Knisja tal-Pagani, il-Knisja Dinjija bħala frott tal-Għid il-Kbir tiegħu."*

## Kif immanifestat maż-żmien il-fratellanza bejn il-Knisja ta' Ruma u dik ta' Kostantinopli

Il-Papa Benedittu XVI ikompli jinnota u jgħid hekk dwar dan l-aspett:

*"Sabiex tigi enfasizzata din ir-relazzjoni, il-predeċessur tiegħi Pawlu VI fl-1964, rritorna lura r-relikwa ta' Sant'Andrija li sa dakinhar kienet meqjuma fil-Bażilika ta' San Pietru, lill-Isqof Metropolitan Ortodoss tal-belt ta' Patras, fejn tradizzjonalment il-qaddis kien imsallab."*

Eżempju riċenti seħħ meta l-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli Bartilmew I, kien żar lil-Papa Franġisku fl-okkażjoni tal-elezzjoni tiegħu għas-servizz petrin.

Bħala s-suċċessur ta' Pietru, il-Papa Franġisku kien irrikonoxxa r-rwol tal-Patrijarka Bartilmew bħala s-Suċċessur ta' Sant'Andrija u rrefera għalih bhala "Hija Indrì", u b'hekk tefa' lit-tnejn fiż-żraben oriġinali ta' dawk l-aħwa appostli.

Franġisku kien qal hekk:

*Qabel kollox, nesprimu grazzi mill-qalb tiegħi għal ħija Indrì [Patrijarka Ekumeniku Bartholomaios I] qalilna. Grazzi Ħafna! Grazzi ħafna! (Franġisku 20 ta' Marzu 2013)*

J.Cassar ALUMINIUM

(Johnny ta' Ħal Luqa)

*New Aluminium System*

113A, Industrial Estate, Luqa, Malta
**Tel: 2122 8896 / Mob: 7942 6356**

**29 years Experience**

J. Cassar Aluminium provides the best Aluminium Works, with a higher standard in quality, latest aperture system & guaranteed aluminium profiles. We provide all type of nets including roller as well as aluminum repairs. All this at a very reasonable price.

*A 15% discount will be given on all Aluminium Works all year round!*











# Il-Kapitelli fil-Knisja tal-Ftajjar

James Aquilina

Dawk kollha li xi darba jew oħra maru l-kappella tal-Madonna tal-ftajjar setgħu jinnutaw diversi kapitelli tal-irħam. Min jaf kemm drabi għaddejna minn fuq dan l-irħam mingħajr ma tajna każ x'hemm miktub. Minħabba li l-iskrizzjonijiet huma miktuba bil-latin ftit huma dawk li jafu jaqraw x'hemm mnaqqax. Għalhekk l-iskop ta' dan l-artiklu huwa li jqajjem iktar kuxjenza fuq dan il-wirt prezzjuż li għandna f'din il-kappella.

Il-kapitelli li llum jinsabu ġewwa l-kappella, oriġinarjament ma kinux jappartjenu lejn din il-kappella. Kien ikun lussu għal kappella tant żghira ikollha dak l-irħam kollu! Dawn il-kapitelli konna nsibuhom fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa dan għaliex fil-passat fil-knisja kien permess li jsir d-dfin fil-knisja.


Il-Knisja tal-ftajjar

## Id-Dfin fil-Knisja Parrokkjali

Fil-knisja parrokkjali l-antika konna nsibu oqbra kemm fil-kappelluni kif ukoll fil-korsija.[1] L-ewwel dfin li sar fil-knisja parrokkjali kien dak ta' Dun Ġulju Muscat (il-perit tal-knisja) li miet f' Novembru tal-1643.[2] Madwar mitt sena wara, l-oqbra ġew irranġati u saru oħrajn ġodda.[3]

Il-kappella tal-ftajjar kienet tintuża wkoll sabiex jindifnu n-nies. Jixhed dan ukoll r-ras ta' skeletru li hemm fuq il-bieb prinċipali. Fil-kappella nsibu midfuna xi nies li mietu bil-pesta tal-1813.[4] Midfuna wkoll f'din il-kappella nsibu l-vittmi tal-kolera ta' l-1837. Dawn ndifnu fil-kappella peress li beżgħu li jekk jindifnu fiċ-ċimiterju tat-triq il-Gudja kien


Il-kapitelli tal-irħam fil-knisja parrokkjali qabel ma sar il-pavimentar



Ras ta' skeletru fuq il-bieb prinċipali tal-kappella tal-ftajjar



Il-paviment l-antik fil-knisja parrokkjali

ikollhom jaqalaw xi mejtin ta' żmien il-pesta!

Fl-1936 laħaq il-kappillan Dun Ġużepp Debono fejn nsibu li sal-1940 tlestew il-paviment tal-knisja kif ukoll ċimiterju ta' Triq il-Gudja. Il-kappillan Debono għamel l-għalmu tiegħu sabiex il-proġett taċ-ċimiterju jitlesta kemm jista' jkun malajr ħalli wara jkun jista' jibda l-pavimentar tal-knisja.[5]

Meta sar il-pavimentar tal-knisja, il-kapitelli tal-irħam inqalaw fejn b'xorti tajba ġew transferrit għall-kappella tal-ftajjar.[6]

## X'hemm miktub?

Meta wieħed jifli sewwa sew x'hemm jsib li uħud mill-iskrizzjonijiet huma tifkira ta' dawk li mietu bl-eċċezzjoni tal-kapitell ta' Luigi Briffa. Luigi kif ser naraw iktar tard, kellu sehem importanti waqt l-imblokk tal-Franċiżi.

## L-Ewwel Irħama

Ieqaf ftit vjaġġatur,
U ġib f'moħħok
Id-destin komuni tar-razza umana,
Biex titlob lil Alla ħalli jagħti
Lil dawk li huma midfuna hawn
Il-ħajja fost il-magħżulin tiegħu;
Augustine u Horatia Cassar – Pace
Ippreparaw dan il-qabar
Għalihom, għal familja u għad-dixxindenti.




L-Ewwel Irħama







### It-Tieni Irħama
*Din il-mara,*
*Catherine Bellizzi,*
*Jixirqilha l-aħjar*
*Mill-knisja parrokkjali,*
*Il-ħajja tagħha ntemmet fis-16 ta' Novembru (l-annu ma jinqarax)*
*Hija tistrieħ fil-paċi ta' Kristu*

### It-Tielet Irħama
*Michael Mallia*
*Tħassarni,*
*Sakemm tiġi*
*Fl-aħħar ġurnata*
*1884*

### Ir-Raba' Irħama
Ħares! It-trab u l-irmied huma xempju ta' eċċellenza vera,
Liema strutura ta' dan il-qabar juri dan kollu
L-illustri Aloysius, bil-kunjom Briffa,
*Ordna dan il-qabar biex isir fil-vjaġġ ta' ħajtu;*
*Saħansitra minn hawn jiddi bil-qawwa bi kwalitajiet mill-aħjar ta' ħila u rispett mistħoqq;*
*Speċjalment art tweliedu hi midjuna ħafna miegħu*
*Il-gratitudni tgħin biex titaffa din il-firda kbira,*
*Minn hawn hekk ingħatalu, wara ħafna premji magħrufa,*
*Issa jiddi bl-akbar premju mwiegħed.*



*Oasis Restaurant*

Kim Degabriele – Director

164/5,
Luqa Industrial Estate,
Luqa
Tel: 2122 0670
Mob: 9947 8435

*Naċċettaw ikliet bejn il-Ħbieb*



*Hu jdawwal daru fuq l-art b' ħafna ġieħ*
*Imbagħad fl-aħħar, bniedem għaref,*
*Fuq din il-blata iebsa…*



Il-Ħames Irħama

Kif aċċenajt iktar kmieni, Lwigi Briffa kkunsidrat bħala eroj għal pajjiż. Fiż-żmien l-irvell kontra l-Franċiżi ġie magħżul sabiex ikun ambaxxatur għal Malta. Kien Briffa stess li ltaqa' mal-flotta Ingliża biex jitlob l-għajnuna għan-nom tal-Maltin. Hawnhekk huwa ltaqa' ma' Nelson. Meta miet indiefen fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa.[7]

## Il-Ħames Irħama

Waqqaf, ja vjaġġatur, il-vjaġġ
Eżamina u tgħallem dak li twissi l-mewt,
Dan il-qabar li Joseph Wolflomier ħejja,
Għalih u għall-familja tiegħu,
U għamel (il-qabar) b'iskrizzjoni
Fuq il-għatu tal-kripta,
Biex tkun hemm,
Sabiex ma tinsiex il-mewt,
Sena 1819

## Konklużjonijiet

Kull skrizzjoni li hemm miktuba fuq dawn il-kapitelli għandha t-tema komuni tal-mewt. Permezz ta' dawk il-kapitelli dawn n-nies baqgħu mfakkra anke wara ħajjithom u llum saru parti mill-wirt ta' raħal tagħna.

Dawn l-iskrizzjonijiet huma fost l-aħjar mill-kapitelli kollha li hemm f'din kappella. Hemm oħrajn li sfortunatament qegħdin fi stat xejn sabiħ. Ikun għaqli jekk dawn l-iskrizzjonijiet nippruvaw nagħmlu dak kollu possibli sabiex dak li hemm miktub jiġi dokumentat f'każ li dawn l-iskrizzjonijiet ma jibqgħux jingħarfu.

**Referenzi**


[1] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, Paġna 121, Dun Ġużepp Micallef
[2] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, Paġna 121, Dun Ġużepp Micallef
[3] Ħal Luqa. Niesha u Ġrajjietha, Paġna 121, Dun Ġużepp Micallef
[4] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, Paġna 222, Dun Ġużepp Micallef
[5] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, Paġna 284, Dun Ġużepp Micallef
[6] Testimonjanzi Verbali Anton Morna 17 ta' Mejju 2014
[7] Ħal Luqa, Niesha u Ġrajjietha, Paġna 213, Dun Ġużepp Micallef


**Ħajr:** *Lil Dun Charles Cini u lil John Anthony Fsadni tal-għajnuna tagħhom*



MARINDEX Ltd.
Winners Never Quit!
Marindex Trophies
offers a wide selection of trophies, medals, shields, plaques, glass tokens, wooden tokens, plates, frames & mugs which suit all types of events and sport.
All items are found at an affordable price and high qualtity materials.
Managed By Gold Lady
Opening Hours: 08:30 - 12:00 / 16:00 - 19:00
E-Mail: goldlady@onvol.net, marindex@onvol.net
Tel: 21673928, 27673928
Address: 1, Sir Paul Boffa Avenue, Zejtun




POLYPLUMB
The FAST and PERMANENT one
Found in all leading Ironmongeries
Imported and Distributed by:
TAHABEL LTD. Tel: 21673589



# Għaliex Ħal Luqa saret Parroċċa fl-1634?

**Anton Morana**

Meta Ħal Luqa saret parroċċa fl-1634 kienet diġà raħal imdaqqas għal żmienu b'popolazzjoni ta' elf ruħ jew qribhom. Irħula oħra ħafna iżgħar minn Ħal Luqa, li kien jagħmlu mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ bħal Ħal Safi, Ħal Kirkop, l-Imqabba u Ħal Tarxien kienu diġà saru parroċċi għalihom. Għaliex Ħal Luqa damet daqshekk biex saret parroċċa?

Mhux faċli tasal għal konklużjoni lanqas mid-dokumenti li jeżistu, iżda jekk wieħed jifli sewwa ċerti żviluppi fil-proċess kontinwu ta' l-istorja, jista' forsi jasal biex jifhem aħjar kif saru l-parroċċi qodma Maltin li għandna llum u għal dan trid tmur lura 50 sena.

Il-Katidral tal-Imdina huwa l-matriċi tal-ewwel parroċċi li twaqqfu f'Malta. Dawn kienu Birkirkara, in-Naxxar, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq, Bisqallin (Żejtun), is-Siġġiewi, Ħal Qormi, Bir Miftuħ, il-Mellieħa u Tartarni. Mhux magħruf meta twaqqfu dawn il-parroċċi li magħhom kienu jagħmlu ħafna rula żgħar. Għal ħafna żmien konna naħsbu li twaqqfu fis-sena 1436 mill-Isqof Senatore De Mello. Id-dokument li fuqu kienu jibbażaw dan hu lista jew Rollo tal-Benefizzji Ekkleżjastiċi li kienu jeżistu Malta fl-1436 u li kienu sottomessi għal taxxa ekkleżjastika li riedet tinġabar kull sena. F'dan id-dokument, il-parroċċi huma msejħa ***Cappelle*** u ma jgħid xejn dwar meta twaqqfu u kull ma nafu minnu hu li dawn il-parroċċi kienu jeżistu f'Malta fis-sena 1436. Fl-Arkivju tal-Vatikan instab dokument li minnu jirriżulta li Birkirkara kienet diġà parroċċa fl-1402. Birkirkara kienet waħda minn dawn l-ewwel għaxar parroċċi.

Bir Miftuħ hija l-parroċċa li minnha ħarġet Ħal Luqa. Hekk kienu l-parroċċi l-oħra, b'ħafna rħula żgħar jagħmlu magħhom. Ma' Bir Miftuħ kienu jagħmlu l-Gudja, Ħal Luqa, Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Farruġ. Jekk wieħed jifli mapep antiki ta' qabel dan is-seklu, jista' jkollu stampa ċara ta' kif kienu l-mogħdijiet u t-toroq li kienu jwasslu sal-kappella ta' Bir Miftuħ. Din il-parroċċa kellha *area* kbira u mhux faċli tgħid għaliex il-parroċċa saret hemmhekk. X'aktarx li l-benefizzju li jissemma fir-*Rollo* kien hemmhekk minn ħafna żmien qabel.

Il-Kappella ta' Bir Miftuħ mhix qiegħda fiċ-ċentru tal-*area* ġeografikament, anzi jekk wieħed iħares lejn mappa jsib li l-kappella stess qiegħda kważi fit-tarf tal-*area*. Ftit 'il bogħod mill-kappella ta' Bir Miftuħ wieħed isib ukoll il-katakombi interessanti ħafna ta' Ħal Resqun. Dan il-katakombi paleokristjan jindika wkoll li fil-post kien hemm xi forma ta' ħajja reliġjuża minn żmien bikri għax fl-inħawi kienu jgħixu n-nies bħalma jurina

l-isem tal-post, Ħal Resqun. Madwar il-kappella ta' Bir Miftuħ qatt ma kien hemm xi konċentrazzjoni ta' xi bini kif għadu jidher sal-lum.

Il-Gudja kienet teżisti bħall-irħula l-oħra ta' Ħal Luqa, Ħal Safi, Ħal Kirkop, Ħal Tarxien, l-Imqabba u Ħal Farruġ, jiġifieri b'xi razzett 'l hawn u 'l hemm u dejjem fuq l-ogħla parti tal-inħawi. L-eqreb irħula lejn Bir Miftuħ kienu l-Gudja u Ħal Luqa. L-aktar 'il bogħod kien Ħal Farruġ. Mal-parroċċa ta' Bir Miftuħ kienu jagħmlu wkoll tliet irħula qodma ta' Ħal Resqun, Ħal Sifilani (Saflieni) u Ħal Gallun. Dawn mietu mewta naturali xi żmien qabel.



L-ewwel lista ta' nies li kienu jgħixu fl-irħula Maltin hija dik tad-Dejma tas-snin 1419-20. L-irħula li kienu jagħmlu ma' Bir Miftuħ kellhom dawn in-numri ta' nies. Il-Gudja 27, Ħal Luqa/Ħal Farruġ 27, l-Imqabba 21, Ħal Kirkop 16, Ħal Safi 18, Siflani/Gallum 12. Din il-lista turi biss l-irġiel ta' bejn is-sittax u l-ħamsa u sittin sena. Jingħad li għal kull raġel fil-lista tal-1419-20 kien hemm ħames Maltin oħra bejn xjuħ, nisa u tfal li jfisser li Ħal Luqa u Ħal Farruġ flimkien kienu jagħmlu mal-mija u sittin ruħ, 120 minnhom Ħal Luqin. Wieħed jista' jara wkoll li Ħal Farruġ dejjem kellu ċerta dependenza mill-eqreb raħal lejh li kien Ħal Luqa.

Lista oħra tal-Angara dehret fl-1480-85 fejn Gudjani u Ħal Luqin kellhom imorru jagħmlu xi xogħol b'xejn. In-numru ta' dawn kien ta' 58.

Għalkemm dawn il-listi fihom minjiera tal-informazzjoni fuq il-popolazzjoni ta' Malta ta' 'l fuq minn 500 sena ilu, xorta wieħed irid joqgħod attent għax ma jagħtux stampa ċara ta' x'kienet eżatt il-popolazzjoni ta' Malta. Sal-wasla tal-Kavallieri fl-1530, il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa baqgħet tiżdied. In-numru ta' nies kellu effett mhux ħażin kif saru dawk l-ewwel parroċċi bħalma hija ta' Bir Miftuħ.

Seta' ġara li l-Kanonċi tal-Katidral li ħadu f'idejhom dawn l-ewwel parroċċi kienu jħarsu lejn id-dieċmi u l-primitiæ bħala dħul fiż-żgur ta' kull sena mill-parroċċa fdata f'idejhom. Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li f'Malta ta' dawk iż-żminijiet kien hawn sistemi primittivi medjovali amministrazzjoni u dan ma kienx japplika għal Malta biss. Hekk baqgħu dawn is-sistemi sal-Assedju l-Kbir tal-1565.

Wara li l-Kavallieri bnew il-Belt Valletta, l-amministrazzjoni ta' Malta marret 'il quddiem, kiber ix-xogħol, kien hawn ċerta stabilità u fejn il-Maltin ma kinux jgħixu fil-Belt, issa marru hemm għax-xogħol u l-kampanja ħadet daqqa ta' ħarta.

Il-vista ta' Mons. Dusina fl-1575 tat ħajja ġdida lid-djoċesi ta' Malta. Sa dan iż-żmien Ħal Luqa baqgħet tikber u wieħed jista' jgħid li mill-irħula kollha li kienu jagħmlu ma' Bir Miftuħ, hi kienet l-ikbar waħda b'130 dar; Ħal Tarxien kellu 100 dar u l-Gudja 80

dar. Jekk wieħed jagħmilhom għal ħames darbiet, dawn il-figuri juru li Ħal Luqa kellha 650 ruħ, Ħal Tarxien 500 u l-Gudja 400. Fi żmien Dusina jew ftit qabel, fl-1571, bdejna naraw it-twaqqif ta' parroċċi ġodda mill-ewwel għaxra qodma.

Hekk kif inbniet il-Belt twaqqfet il-parroċċa ta' Portu Salvu (1571), Ħ'Attard (1575), l-Isla (1581), Bormla (1584), San Pawl tal-Belt (1585) u Santa Marija ta' Damasku, tal-Griegi (1587), Ħal Kirkop (1592), Ħal Tarxien (1592), Ħal Lija (1594), l-Imqabba (1598) u Ħal Safi (1598). Il quddiem fis-sbatax-il seklu mħabba ż-żieda fil-popolazzjoni ta' Malta u żminijiet aħjar f'dik li hija ħajja reliġjuża saru 7 parroċċi oħra f'Malta fl-irħula tal-Mosta (1608) Għargħur (1610), Ħaż-Żabbar (1615), Qrendi (1618), Ħal Għaxaq (1626), Ħal Luqa (1634), Ħal Balzan (1655) u Ħad-Dingli (1678).

Kif wieħed jista' jara Ħal Luqa baqgħet ma' Bir Miftuħ sal-1634, data daqsxejn tard! Fil-fatt fil-parroċċa ta' Bir Miftuħ kien fadal biss il-Gudja, Ħal Luqa u Ħal Farruġ.



Għaliex Ħal Luqa damet daqshekk ma' Bir Miftuħ meta hija kienet minn dejjem l-akbar raħal u rħula oħra iżgħar bħal Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Tarxien kienu diġà nfirdu minn Bir Miftuħ? Mal-ewwel snin tal-1600, il-ħajja f'Ħal Luqa bdiet sejra għall-aħjar. Żdied ix-xogħol u kibret il-popolazzjoni mhux biss mit-twelid imma wkoll b'nies barranin li ġew joqogħdu r-raħal. Fil-15 ta' Jannar 1614, il-Gudja, Ħal Farruġ u Ħal Luqa kellhom 1280 ruħ, filwaqt li tliet snin wara, fil-5 ta' Ġunju 1617, telgħu għal 1402. Ir-rapport tal-viżta pastorali tat-22 ta' Frar 1618 jgħid li Ħal Luqa kellha 200 dar, il-Gudja 80 u Ħal Farruġ 15. Dan juri żieda ta' 70 dar fir-raħal mill-1575. Il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa kienet 800 ruħ. Ċensiment li sar fl-1632 jagħti n-numru ta' Ħal Luqin bħala 1000.

Tgħid għaliex Ħal Luqa, billi kienet l-akbar waħda li tirrendi dħul lill-parroċċa ta' Bir Miftuħ, jew għax forsi n-nies kienu b'xi mod moqdijin u qajla kienu jagħtu kas biex isiru parroċċa, baqgħet ma saretx parroċċa?

Fl-aħħar żminijiet il-Kappillan ta' Bir Miftuħ, Dun Marju Mallia, kien qiegħed jamministra ċerti sagramenti hawn ir-raħal. Il-Kappillan ta' Bir Miftuħ jew il-prokuraturi ta' dik il-parroċċa għamlu jew m'għamlux ostakli biex Ħal Luqa ssir parroċċa? L-Isqof kellu s-setgħa li jagħmel parroċċa ġdida bil-permess ta' Ruma, iżda l-Kappillan kellu jiġi kkonsultat u anke wara li ssir il-parroċċa l-ġdida, in-nies kellhom jibqgħu jħallsu d-dieċmi lill-Kappillan ta' qabel sakem imut. Fl-1592 jidher li l-Isqof Gargallo din id-drawwa ma kenitx togħġbu. Mal-mewt ta' Dun Bartolomew Mangion, il-Kappillan ta' Bir Miftuħ, l-Isqof għaġġel fired erba' rħula - Ħal Tarxien, Ħal Kirkop, l-Imqabba u Ħal Safi - qabel ħatar lill-qassis Ħal Luqi, Dun Gaspar Grixti, bħala Kappillan ġdid ta' Bir Miftuħ.

Jekk wieħed iħares lejn il-kundizzjonijiet li saru biex Ħal Luqa ssir parroċċa, jidher ċar li l-parroċa ta' Bir Miftuħ kellha interess li ma titlef xejn minn dak li kellha bin-nuqqas ta' Ħal Luqa. Każijiet bħal dawn kienu jiġru. Ħal Qormi kien hemm Kappillan Ħal Luqi, Dun Marju Briffa meta ġiet biex issir il-parroċċa ta' Porto Salvu l-Belt fl-1571. Dan kien jgħid li l-ilsien tal-Belt Valletta kien territorju tal-parroċċa tiegħu u għalhekk kellu d-dritt li jżomm dik il-parroċċa taħt idejh. Jopponih kien hemm Patri Damjan Taljana, Dumnikan minn Ħal Luqa li ressaq il-każ Ruma u fl-aħħar ġie mpost is-silenzju fuq Dun Marju Briffa. Id-digriet li bih il-Papa Urbanu VIII waqqaf il-parroċċa ta' Ħal Luqa kien iġib id-data tal-4 ta' Marzu 1632, iżda dan ma twettaqx minnufih. Il-konferma ta' dan id-digriet ħarġet biss fil-15 ta' Marzu 1634. Dan ġie ppublikat mid-Delegat Apostolatiku Martino Alfieri fil-15 ta' Mejju 1634. Dan id-dewmien forsi jista' jitfa' xi dawl fuq dak li qegħdin naħsbu. Wara li saret parroċċa fl-1634, inqalgħu żewġ kwestjonijiet li juru kemm kien għad hemm relazzjonijiet xi ftit ħżiena bejn Ħal Luqa u Bir Miftuħ u 'l quddiem il-Gudja. Il-prokuraturi ta' Bir Miftuħ għamlu kawża kontra l-prokuraturi ta' Ħal Luqa fuq il-legati li kienu għamlu l-Ħal Luqin hemm. Fl-1676 fil-pesta, il-Kappillan tal-Gudja u ta' Ħal Luqa tlewmu bejniethom fuq min minnhom kellu d-dritt ibierek l-ewwel iċ-ċimiterju l-ġdid, aktarx għax sew wieħed kemm l-ieħor deherlu li ċ-ċimiterju kien fil-limiti tal-parroċċa tiegħu.

Mhux faċli tgħid għaliex Ħal Luqa damet ma' Bir Miftuħ sal-1634 iżda meta tqis li sal-1600 Bir Miftuħ kien tilef lil Ħal Kirkop, Ħal Safi, l-Imqabba u Ħal Tarxien, ma kienx hemm mod ieħor kif il-parroċċa ta' Bir Miftuħ setgħet iżżomm jekk mhux bin-nies tal-Gudja, ta' Ħal Luqa u ta' Ħal Farruġ. Dan tal-aħħar sa nofs is-seklu sbatax ma kienx hemm aktar nies jgħixu fih. Kien f'dan iż-żmien ukoll li nbniet il-knisja parrokkjali tal-Gudja u Bir Miftuħ spiċċa minn parroċċa.

**Referenzi**

**G. Wettinger**, *The Militia of 1419-20. Melita Historica Vol 5 No. 2.*

**Vincent Borg Mons.**, *Il-knisja ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi tinbena u tithejja għal Jum il-Konsagrazzjoni tagħha.*

**J.F. Grima**, *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi. Erba' Sekli ta' Storja.*

**Cassar-Pullicino J.**, *Malta in 1575. Social Aspects of an Apostolic Visit. Melita Historica Vol 2 No 1.*

**Arthur Bonnici Mons.**, *History of the Church in Malta, Vol. II Period III 1530-1800.*

**Dun Ġ. Micallef**, *L-Istorja ta' Ħal Safi.*

**Dun Ġ. Micallef**, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha.*

# L-Iskultur Francesco Saverio Sciortino u ħidmietu f'Ħal Luqa

**Neil Zammit**

Matul is-snin, id-diversi prokuraturi tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa dejjem ħadmu u stinkaw biex ikkummissjonaw għadd ta' opri artistiċi għand l-aqwa artisti li kellna f'pajjiżna. Xhieda ta' dan huma l-opri sagri li jżejnu l-knisja fil-jiem tal-festa, li għalkemm mhux ħafna fl-għadd, żgur li huma ta' kwalità superjuri għal dawk ta' knejjes oħra bil-wisq akbar minn din.

Din is-sena ħa nagħtu ħarsa lejn wieħed mill-aqwa skulturi li qatt kellna f'Malta; Francesco Saverio Sciortino. Għalkemm ismu llum bħal donnu qed jintesa xi ftit, żgur li ħaqqu kull ġieħ għal dak kollu li ħallielna bħala patrimonju nazzjonali.



Francesco Saverio Sciortino

## L-ewwel snin

Ftit għandna tagħrif dwar dan l-iskultur Malti, hu l-magħruf Antonio Sciortino, u li għamel isem għalih kemm f'Malta kif ukoll ġewwa l-Kanada. Francesco Saverio Sciortino, iben Giuseppe u Saveria née Sant, twieled Ħaż-Żebbuġ nhar it-12 ta' Novembru 1875. L-ewwel influenza artistika kisibha permezz ta' kuġinuh, il-pittur Lazzaro Pisani (1854-1932) li kien diġà għen lil ħuh Antonio fl-istudji tiegħu. Ħa l-ewwel lezzjonijiet fl-immudellar mingħand il-Prof. Vincenzo Cardona. Aktar tard huwa studja wkoll mal-Professur Gulio Moschetti, skultur famuż li kien ġie Malta f'dik il-ħabta biex jaħdem fuq il-bust tal-Markiż Bugeja. Dan il-bust kien ħadmu f'ċella ġewwa l-kunvent tal-Karmelitani tal-Belt Valletta.

Meta Sciortino, flimkien ma' kuġinuh Lazzaro Pisani marru biex jaraw dan il-bust, li kien għall-wiri ġewwa l-istess kunvent, huwa tant baqa' impressjonat li Pisani talab lil Moschetti biex jieħu lil Sciortino bħala student tiegħu. Ir-risposta ta' Moschetti kienet, 'Jekk trid tkun artist tajjeb, mela mur studja l-arti f'Ruma kif għamilt jien'.

Fl-1897 Sciortino telaq lejn Ruma biex jibda l-istudji tiegħu ġewwa *Regio Istituto di Belle Arte*. Attenda wkoll għadd ta' lezzjonijiet fl-arti ornamentali ġewwa l-*Municipio*, waqt li attenda wkoll il-*British Academy of Art*. Fl-ewwel sena tal-istudji tiegħu huwa kellu biss għoxrin lira, iżda minkejja dan, irnexxilu xorta waħda jikseb l-ewwel premju fl-eżamijiet finali. Kiseb ukoll premju speċjali mill-*Municipio*, taħt is-superviżjoni tal-Prof.


Bozzett għal Monument ta' Giuseppe Verdi


Bozzett għall-istatwa tas-Salvatur, Ħal Luqa

Ojetti. Fl-1902, Sciortino kiseb l-ewwel premju, *cum laude*, għall-istudju ppreżentat minnu bit-tema *'Martri fl-Assedju ta' Sant'Iermu'*. Hekk kif temm l-istudji tiegħu ġewwa Ruma fl-1903, tela' Milan, fejn attenda kors ġewwa l-*Brera Academy of Fine Arts* taħt is-superviżjoni tal-Prof. Eugenio Butti.

## Il-karriera artistika

Wara l-istudji barra minn xtutna, irritorna lura Malta fl-1903, fejn beda jitgħallem l-arti fl-iskejjel tal-Gvern. Sena wara, Sciortino kien inkarigat mill-Kanonku Martino Camilleri biex jagħmel xi modifikazzjonijiet fuq il-Knisja Parrokkjali tan-Nadur. Dawn il-modifikazzjonijiet fuq din l-istess knisja tlestew fl-1914. Fl-1905 huwa naqqax l-istatwa ta' Gustus, għolja sitt piedi u sitt pulzieri, għall-kappella tal-familja Apap Testaferrata ġewwa ċ-ċimiterju tal-Addolorata. F'dik is-sena wkoll, huwa skolpa żewġ rilievi ovali fl-irħam għall-Knisja Bażilika tal-Portu Salvu u San Duminku tal-Belt Valletta. Dawn jirrappreżentaw lill-profeti Mosè u Isaija u tqiegħdu taħt il-gallerija tal-orgni, wieħed fuq kull naħa tal-bieb maġġur. Sciortino lesta wkoll il-monument għall-qabar tal-Prof. Temistocles Zammit fl-1905, u sena wara, skolpa statwa oħra tal-ġebel għall-qabar tal-familja Navarro bit-tema *'La Preghiera nel Dolore'*. Fl-1906 Sciortino lesta wkoll id-*'Dames de L'lle De Malte'*, li kienet esebita fis-46 edizzjoni tal-wirja tar-*Royal Canadian Academy of Arts*.

Fl-1907, huwa pproduċa żewġ rilievi għall-kappella ta' San Mikiel fil-Knisja Arċipretali ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Dawn jirrappreżentaw lil Mosè fuq il-muntanja flimkien ma' anġlu qed jurih l-art imwiegħda, waqt li l-ieħor jirraffigura lil Ġakob wara l-battalja. Wara ftit taż-żmien dawn kienu nqalgħu biex jiġu fonduti fil-bronż, iżda sal-1954 kienu għadhom ma tlestewx. Dan jikkonfermah Sciortino nnifsu f'waħda mill-kitbiet tiegħu. Illum il-ġurnata dawn iż-żewġ rilievi jinsabu fil-kappella ta' San Martin ġewwa l-istess knisja, iżda baqgħu ma sarux fil-bronż, waqt li fil-kappella ta' San Mikiel saru żewġ mużajċi fuq pittura ta' Emvi Cremona. Għall-istess knisja, Sciortino għamel ukoll erba' anġli, li iżda tnejn minnhom kienu nqerdu fl-1940.

Għall-Knisja Arċipretali tal-Mosta, fl-1908 Sciortino skolpa fl-irħam bust tal-Arċipriet Xuereb, waqt li għall-knisja parrokkjali ta' raħal twelidu huwa għamel panew għall-bankun tal-istatwa ta' San Filep kif ukoll sitt statwi għall-altar maġġur, li aktar tard inħadmu fil-fidda. Fl-1911 Sciortino ġie nkarigat biex jieħu ħsieb jorganizza *'The Coronation Exhibition'* ġewwa Londra. Għal din l-esebizzjoni internazzjonali, f'anqas minn sitt xhur, huwa pproduċa, flimkien ma' artisti oħra Maltin u Għawdxin, sitt statwi b'temi varji, kif ukoll disa' bustijiet b'tema folkloristika.



Bust tal-Gvernatur Grenfell

### Ħidmet Sciortino f'Ħal Luqa

Is-Seklu għoxrin ġab miegħu qawmien sħiħ fl-arti, bl-oqsma differenti kollha fi ħdanha. Bdew jidħlu influwenzi ġodda li ħallew impatt qawwi fuq l-artisti u l-iskulturi ta' dik il-ħabta. Din il-mewġa nħasset ukoll fl-iżvilupp tal-knisja, f'dak li jirrigwardja l-binja nnifisha. Fil-fatt, wara li żdiedu n-navi, inħasset il-ħtieġa li titranġa l-faċċata tal-knisja, biex tikkumplimenta mal-kampnari sbieħ li jżejnu l-istess binja. Għaldaqstant ħasbu li fuq il-frontispizju ewlieni ssir pedestallata bi statwa ta' Kristu Salvatur. Għal dan ix-xogħol ġie kkummissjonat l-artist Francesco Saverio Sciortino, li dik il-ħabta kien igawdi stima kbira fix-xena artistika ta' pajjiżna. Sciortino ppreżenta l-abbozz għal din l-istatwa, naqqaxha fil-ġebel u ttellgħet f'postha nhar id-29 t'April 1911.

Ta' min wieħed jirrimarka li Sciortino ħadem bi stil tassew eleganti u imponenti fl-istess ħin, tant li din ix-xbieha tas-Salvatur tiddomina l-faċċata tal-knisja kollha kemm hi. Il-figura ta' Kristu tidher tħaddan is-salib b'id waħda u bil-ktieb miftuħ fl-id l-oħra, bħal donnha qed issaltan fuq id-dinja.

Tliet snin wara, tlestew ukoll żewġ statwi oħra li jirrappreżentaw il-Fidi u t-Tama. Dawn tpoġġew f'posthom nhar il-21 ta' Novembru ta' mitt sena ilu, waħda fuq kull naħa tas-Salvatur, xogħol ta' Sciortino.

### Sciortino barra minn xtutna

Sciortino salpa lejn il-Kanada fl-1914, u baqa' hemmhekk sal-1939. Imbagħad reġa' tela' fl-1954 u baqa' hemm sa ma miet nhar l-1 ta' Settembru 1958 f'Oka, Quebec. Matul l-ewwel perjodu ta' snin ġewwa l-Kanada, huwa kiseb għadd ta' suċċessi oħra fil-qasam artistiku. Barra minn hekk, mar ukoll fl-Istati Uniti u saħansitra anke f'Cuba biex wettaq xi xogħol li kien ikkummissjonat, fosthom ġewwa Havana lejn ipproduċa għadd ta' xogħlijiet dekorattivi. *La Revue Moderne Des Arts* kitbet li Sciortino kien artist sensibbli u vibrant, mimli lirikismu u entużjażmu, imżejjen bi kwalitajiet rari t'intelliġenza u immaġinazzjoni, u msaħħaħ b'teknika tassew solida. Kien meqjus bħala skultur mill-aqwa.

Sadanittant huwa kompla joħloq aktar opri tal-arti, fosthom il-*Via Crucis* fil-bronż għall-Knisja ta' San Leone f'Montreal West. Meta mar New York, huwa daħal membru tal-*Union of Sculptors and Modellers* biex jieħu aktar kummissjonijiet. Huwa ħadem għal tmien xhur sħaħ f'Boston ma' ħamsa u għoxrin mudellatur ieħor. Wara ħadem għal tmien xhur tard f'Philadelphia għal tmien xhur oħra, sakemm irritorna lura ġewwa New

York fejn qatta' sentejn oħra ta' xogħol fuq il-figurattiv. Minħabba l-kriżi ekonomika li ħakmet lill-Amerika f'dik il-ħabta, Sciortino rħiela lura lejn Montreal, fejn mill-ewwel sab ix-xogħol jistennih, tant li dam hemm għal tmintax-il xahar ieħor. Minn hemmhekk telaq lejn Toronto u beda jaħdem ġo funderija, fejn dam għal tmintax-il xahar ieħor sakemm reġa' rritorna lura ġewwa Montreal. Għal erba' snin sħaħ kien jaħdem fuq kummissjonijiet privati, sakemm fl-1939 irritorna lura lejn Malta.

Meta mbagħad reġa' tela' l-Kanada fl-1954, Sciortino kien irtirat minħabba l-fatt li l-viżta kienet batuta ħafna u ma setax jibqa' jaħdem sewwa bħal qabel, tant li biex jaqra kellu bżonn lenti kbira. Għex l-aħħar snin ta' ħajtu f'Oka, flimkien ma' martu Marguerite Grenier, armla ta' Armand Daoust, li minnha kellu l-unika wild.




**Bibliografija**
Gabriel Pellegrini, *Francis Xavier Sciortino (1875-1958)*, 1999
Dun Ġużepp Micallef, *Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, 1975
Parroċċa Sant'Andrija, *Ħal Luqa – 375 Sena ta' Fidi u Kultura Nisranija*, 2009




Disinn oriġinali ta' Francesco Saverio Sciortino għall-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Luqa (kollezzjoni privata)

# L-Innijiet tal-Banda L-Unjoni u ta' Sant'Andrija tul iż-żminijiet

**Joseph Piscopo**

Sa mit-twaqqif tagħha l-Banda tagħna dejjem kellha xi forma ta' innu li kien jindaqq fi tmiem xi programm mużikali ddedikat lilha u lill-patrun ta' Ħal Luqa, Sant'Andrija. Matul il-medda taż-żmien dawn inbidlu kemm-il darba peress li kienet drawwa li kull surmast jikteb l-innijiet tiegħu u li allura kienu jieħdu post dawk ta' qabilhom. Dan wassal sabiex illum il-ġurnata l-arkivji tal-Banda tagħna mtlew b'diversi kompożizzjonijiet ddedikati lill-istess Banda u lill-patrun ta' Ħal Luqa.

## L-Ewwel Innijiet

L-ewwel innu kien fil-forma ta' marċ u nkiteb mill-fundatur stess Mro Vincenzo Camilleri fl-1880. Din l-*Marcia L'Unione 1880* ma tantx damet tindaqq għax mal-ħatra ta' iben l-istess Vincenzo, Gavino, bħala surmast, dan tal-aħħar kkompona diversi xogħlijiet li lkoll ngħataw bħala isem varjazzjoni ta' ismijiet li jinvolvu l-kelma *Unione*, bħal *Passio L'Unione*, bħal *Passio Doppio L'Unione*, *Marcia L'Unione*, *Valzer L'Unione* eċċ.

Dawn kollha nkitbu bejn is-snin 1883-86. Skont dak li kien jiġi ppubblikat fil-ġurnali tal-epoka ma jidhirx li f'dawn is-snin partikolari l-programmi mużikali kienu jispiċċaw bid-daqq tal-innu tal-Banda, imma bil-*God Save the Queen* biss. Dan ma jfissirx li ma kienux jindaqqu għaliex wisq probabli kienu jindaqqu bilwieqfa u mhux bħala parti uffiċjali ta' programm mużikali li tkun ħa tesegwixxi l-Banda.

Dan il-fatt baqa' anke tul il-karriera ta' Mro Gaetano Grech mal-Banda L-Unjoni. Skont l-arkivji tas-Soċjetà u l-gazzetti tal-epoka ma jidhirx li Mro Grech qatt kiteb xi innu lill-Banda. Però, mill-banda l-oħra, kiteb l-innu ta' Sant'Andrija li għadu jindaqq sallum il-ġurnata. Dan l-innu marċ oriġinarjament kellu versi bit-Taljan għall-kor tat-tfal. Però, illum il-ġurnata, il-versi ta' dan l-innu huma bil-Malti u nkitbu minn Chev Carmel Bianchi.




## L-Innijiet ta' Mro Orlando Crescimanno

L-ewwel darba li hu ddokumentat li programm mużikali tal-Banda tagħna spiċċa bid-daqq ta' innu ddedikat lill-



istess Banda jeħodna għas-sena 1908, fi żmien is-Surmast Orlando Crescimanno. Dan insibuh reġistrat fil-gazzetta *In-Naħla* tas-Sibt 28 ta' Novembru 1908. Hemm insibu li l-għada, jiġifieri nhar id-29 ta' Novembru 1908, il-Banda kellha ddoqq fil-Misraħ ta' Ħal Luqa fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija u l-programm kellu jiftaħ bil-Marcia *L'Unione* tas-Surmast Crescimanno u jispiċċa bis-soltu *God Save the King*. Jidher li dan l-innu marċ baqa' jindaqq sas-sena 1912, is-sena li fiha dan is-Surmast temm it-tmexxija tal-Banda L-Unjoni sabiex imur Għawdex imexxi l-Banda Leone tar-Rabat. Fi tmiem il-karriera mal-Banda L-Unjoni jidher li hu kiteb innu lil Sant'Andrija li hu dokumentat li ndaqq l-ewwel darba nhar it-30 ta' Novembru 1912. Jidher li dan l-innu għal xi żmien ħa post dak ta' Mro Gaetano Grech. L-aħħa referenza ghal dan l-innu nsibuha fis-sena 1918. Però, jista' jkun, li dam jindaqq għal iktar snin minn dawk li hu iffiċjalment dokumentat.

### Jinħatar Surmast Ġdid

Is-suċċessur ta' Mro Crescimanno, Mro Emanuele Spiteri ma tantx dam biex kiteb innu ġdid u nfatti nsibu li l-programm mużikali li l-Banda kienet għamlet nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru 1913 f'Ħal Luqa fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna taċ-Ċintura, intemm b'innu ġdid miktub mill-istess Spiteri. Dan l-innu jidher li wisq probabbli ma tantx intlaqa' mill-partitarji għaliex ma baqax jindaqq b'mod regolari u saħansitra kien hemm okkażjonijiet fejn kien jindaqq l-innu ta' Mro Crescimanno. Minn naħa l-oħra jidher li l-innu li kiteb fis-sena 1919 ddedikat lil Sant'Andrija, bl-isem *30th November*, kien intlaqa' tajjeb għax kien jindaqq kull sena b'mod stabbli.

Wara li fis-sena 1920 Mro Spiteri rriżenja minn Surmast, inħatar floku Mro Vincenzo Costa li dam biss sa Diċembru tal-istess sena. Mro Costa ma jidhirx li kien laħaq kiteb xi forma ta' innu. Warajh laħaq Mro Salvatore Mallia li ħames snin wara li nħatar bħala Surmast, fis-sena 1925, rregala lill-banda innu ġdid bl-isem *L'Unione 1925*. Dan l-innu baqa' jindaqq fi tmiem kull progamm mużikali sas-sena 1945.

Is-surmastrijiet suċċessuri ta' Mallia, jiġifieri Mro Joseph Casapinta u Mro Charles Xuereb, ma jidhirx li ħallew xi innijiet għall-banda jew xi innijiet iddedikati lil Sant'Andrija. Għalhekk nistgħu nassumu li f'dan il-perjodu (1937-1945) baqa' jindaqq l-innu ta' Mro Mallia. Ta' min jirrimarka li f'dawn is-snin il-ġurnali ma tantx baqgħu jagħtu dettalji preċiżi ta' x'jindaqq mill-baned fil-programmi mużikali tagħhom.

### Jinkiteb l-Innu preżenti

Fl-1945, inħatar Direttur tal-Banda Mro Joseph Abela Scolaro. Dan is-Surmast kien imsemmi għall-kompożizzjonijiet melodjużi tiegħu u tliet snin wara l-ħatra tiegħu kiteb innu marċ ġdid għall-Banda L-Unjoni. Il-kliem għal dan l-innu nkiteb minn Dun Frans Camilleri. Sallum dan l-innu, b'mużika sempliċi imma melodjuża, għadu popolari ferm mal-partitarji u l-Banda *L-Unjoni* għadha tispiċċa kull servizz mużikali bih. Minn naħa l-oħra, għalkemm Mro Abela Scolaro, bħas-Surmastrijiet ta' qablu, kiteb ukoll innu lil

Sant'Andrija, dan xorta ma ħax post dak ta' Mro Gaetano Grech. Però, Mro Abela Scolaro ħalla wkoll innu kbir fil-forma ta' kantata li kiteb għall-banda, kor u erba' vuċijiet. Dan kitbu fis-sena 1948 u jġib l-isem *Hymus in Divum Andraeam Apostolum*. Il-kliem bil-Latin ta' din il-kantata nkiteb minn Mons Ġużeppi Schembri.




## Konklużjoni

Għalhekk nistgħu ngħidu li l-innijiet li baqgħu popolari iktar minn oħrajn tul il-ħajja tal-Banda L-Unjoni kienu dawk ta' Mro Gaetano Grech, Mro Orlando Crescimanno, Mro Salvatore Mallia u finalment l-innu ta' Mro Joseph Abela Scolaro. Ma' dawn wieħed irid iżid diversi kompożizzjonijiet oħrajn, fosthom ta' Profs Charles Zammit, li sallum il-ġurnata għadhom miżmuma fl-arkivji tal-Banda tagħna.

**Referenzi**
Diversi ġurnali ta' bejn is-snin 1880-1940.
Galea, F. (2005) - Ħal Luqa u l-Banda Tagħna L-Unjoni.



# O.K. Bar




Għal drink ġenwin
b'varjetà ta' *appetizers*
f'atmosfera tal-ħbieb

Inservu *breakfast* u *lunch, pasta dishes, focaccias* u ħafna ikel ieħor.

**TRIQ IL-KARMNU, LUQA**

**Taħt sidien ġodda u b'dehra aħjar**



# Tal-Grazzja Bakery

*23rd April Street*
*Qormi*

# Indrì jiltaqa' ma' ħuh Pietru wara aktar minn disa' sekli

## *F'għeluq il-50 anniversarju mil-laqgħa ta' Pawlu VI ma' Athenagoras*

**Frank Zammit**

Fl-era tal-elezzjoni tal-Kardinal Giovnni Battista Montini għas-servizz petrin l-ortodossija tal-Kurja Rumana kienet rappreżentata mill-Prefett tas-Sant'Uffizju l-Kardinal Alfredo Ottaviani u dik tal-ftuħ għad-djalogu kienet simbolizzata fil-biblista, l-Kardinal Augustin Bea.

Sa mill-ewwel jiem wara l-elezzjoni tiegħu Pawlu VI żamm sod dawn iż-żewġ trufijiet fil-Kurja Rumana. Xtaq Kurja li tisma', kif ukoll li titkellem, li titgħallem kif ukoll li tgħallem.

Erbat'ijiem wara l-elezzjoni tiegħu Pawlu VI ħataf l-inizjattiva ekumenika billi ħabbar l-elezzjoni tiegħu lill-mexxejja tal-Knisja Ortodossa li sa dak il-ħin kienu qrawha mill-gazzetti. Pawlu VI kien protagonist f'din id-deċiżjoni. Kompla billi nhar l-20 ta' Settembru 1963 kien kiteb personalment lill-Patrijarka Ekumeniku Athenagoras dwar dan. Min-naħa tiegħu l-Kap tal-Knisja Ortodossa kien ppublika l-ittra ta' Pawlu VI fil-bulettin tal-Patrijarkat *Apostolos Andreas* taħt it-titlu *Iż-żewġ Knejjes Aħwa*.



Dan kien l-ewwel pass lejn l-għan tal-moviment ekumeniku li kien ibbażat fuq ugwaljanza reċiproka.

Pawlu VI kien Papa popolari ħafna fl-ewwel xhur tal-papat tiegħu. Kien f'dak iż-żmien li kien ippjana l-ewwel vjaġġ appostoliku tiegħu il-bogħod mill-istat Taljan. Iddeċieda li jżur l-Art Imqaddsa. Xtaq jistabilixxi kollegament bejn Ġerusalemm li kienet magħrufa bħala l-Belt tal-Paċi u Ruma.

It-tieni għan tiegħu kien importanti daqs l-ewwel wieħed. Hu xtaq iżur l-Art Mqaddsa sabiex ukoll jiltaqa' mal-Patrijarka Ortodos Athenagoras. Athenagoras li f'żgħożitu kien studja fl-Istati Uniti kien jaħsibha wkoll li l-Knisja tiegħu ma setgħetx tibqa' tgħix f'dak l-iżolament.

Minkejja li l-Patrijarka ta' Kostantinopli hu wieħed żgħir fin-numru meta mqabbel ma' dawk ta' Moska, l-Greċja, is-Serbja u l-Bulgarija xorta waħda Athenagoras kellu d-dritt li jirrappreżenta lill-Knisja Ortodossa fid-dinja.

Pawlu VI filwaqt li żamm moħbi fih il-pjan dwar din il-laqgħa hu ħadem għaliha. Din il-laqgħa kellha tkun l-ewwel waħda għal dawn il-mexxejja ta' dawn iż-żewġ knejjes *aħwa* minn wara x-xiżma tal-1054.




Qabel ma ltaqa' ma' Athenagoras, Pawlu VI uża strateġija li anke waħħada mal-karita meta kien iltaqa' qabel xejn mal-Patrijarka Ortodoss ta' Ġerusalemm, Benedittu li min-naħa tiegħu kellu xi riżervi dwar il-Papa però l-Papa kien rebaħ ir-rispett tiegħu wara li ltaqa' miegħu.

Imma mingħajr dubju l-laqgħa storika kienet dik bejn Pawlu VI (Pietru) u l-Patrijarka Athenagoras (Indrí). Il-Knisja tas-Santu Sepulkru f'Ġerusalemm kienet ippakjata għal dan l-avveniment storiku. Dan id-djalogu ta' mħabba kien seħħ nhar il-5 ta' Jannar 1964... ftit aktar minn ħamsin sena ilu. Kienet okkażjoni ta' emozzjonijiet kbar.



Pawlu VI hekk kien iddeskriva l-laqgħa mal-Patrijarka lill-Kardinali, l-għada f'Ruma.

***"Athenagoras l-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli, akkumpanjat minn madwar ħdax-il metropolita ieħor resaq lejja u għannaqni bħal aħwa. Ħadli b'idi u baqa' jżommli idi, mxejn id f'id lejn kamra fejn skambjajna ftit kliem. Hu qalli: Hemm bżonn nifhmu lil xulixn, irridu nagħmlu paċi, irridu nuru lid-dinja li aħna aħwa!"***

Waqt il-laqgħa, Pawlu VI kien anke ħass eċitament li demmalu għajnejh. Flimkien ma' Athenagoras talab it-talba tal-*Missierna* kemm bil-Latin kif ukoll bil-Grieg.

Pawlu VI ta kalċi lill-Patrijarka, sabiex bih jurih ix-xewqa li twassal għal komunjoni fraterna.

Din il-laqgħa daħħlet liż-żewġ knejjes f'epoka ġdida, dik ta' djalogu, fiduċja u mħabba!

Kienu l-viżjoni u l-fidi li kienu mogħnija bihom kemm Pawlu VI kif ukoll Athenagoras waslu lill-fidili ta' dawn iż-żewġ knejjes lejn dan id-djalogu ġdid. Mhux aktar f'Kafarnaw iżda madwar mitt mil il-bogħod mill-ewwel dar tagħhom f'Ġerusalemm.

F'dawn l-aħħar ġimgħat kien imfakkar dan l-avveniment storiku fil-vjaġġ appostoliku tal-Papa Franġisku fl-Art Imqaddsa. Franġisku xtaq ifakkar lid-dinja l-laqgħa kaloruża

bejn Pawlu VI u Athenagoras.



Sabiex jagħmel hekk reġa' ltaqa' mal-Patrijarka Ekumeniku ta' Kostantinopli Bartilmew I. Iltaqgħu fil-maqdes tas-Santu Sepulkru. Tgħannqu u taw il-bewsa tal-paċi lil xulxin. Hemmhekk iffirmaw ukoll dikjarazzjoni komuni li wiegħdu l-impenn taż-żewġ knejjes tagħhom meqjusa *aħwa* għall-għaqda finali tagħhom.

F'din id-dikjarazzjoni konġunta huma ddikjaraw li jridu jaħdmu sabiex jiddefendu d-dinjità umana, l-familja u sabiex tinbena soċjetà fejn ħadd ma jħossu mwarrab. Tkellmu wkoll dwar kif wieħed għandu jiddefendi l-kreazzjoni t'Alla u anke dwar il-libertà reliġjuża. It-tnejn urew it-tħassib tagħhom għall-problema li qed ikollhom jiffaċċjaw il-kristjani fil-konflitti mdemmija fil-Lvant Nofsani.







JA James Agius Woodworks Ltd

28, Industrial Estate, Luqa LQA 3000 Malta
**Tel:** +356 2124 4445, +356 2740 6777
**Fax:** +356 2740 6777 | **Mob:** +356 7936 9176
**Email:** info@jagiuswoodworks.com
www.jagiuswoodworks.com

**Made to Measure:**
**Kitchens • Staircases • Wallunits • Bedrooms • Bathroom Units**
**Doors • Loose Furniture • Banisters • Balconies etc**






# Tusè Mallia
## *Iben Ħal Luqa*

**James Aquilina**

L-isem Tusè Mallia bla dubju ta' xejn huwa familjari ma' ħafna Ħal Luqin. Minn jaf kemm tfal għallem fiż-żmien li ilu involut fis-soċjetà tal-MUSEUM. Tusè huwa iben Indrì u Grace Mallia née Scicluna. Twieled fl-14 ta' Ottubru tal-1920 fost tmient aħwa. Il-familja Mallia minn dejjem kienu jgħixu fil-post li jgħixu llum ġewwa triq Ħal Tarxien



Tusè Mallia

Meta kellu ħames snin il-ġenituri tiegħu bagħtuħ l-ewwel darba l-iskola tal-gvern. Tusè spjega li dak iż-żmien l-iskola kienet tinqasam f'diversi postijiet. Jiftakar li kien hemm waħda n-naħa tat-triq San Pawl u l-oħra kienet fit-triq San Ġorġ fuq in-naħa ta' *Taħt il-ġnien*. Iktar tard jiftakar l-iskola tal-gvern tinbena fejn mhux l-ewwel darba kien imur jara lil zijuh jonġor il-ġebel.

### Ħal Luqa ta' tfulitu

Tusè Mallia llum kważi jgħodd id-disgħa u erbgħin sena. Tabilħaqq jiftakar raħal wisq differenti minn dak li nafu aħna llum. Beda billi stqarr li Ħal Luqa kien raħal ta' ħafna bdiewa u raħħala. Il-komunità Ħal Luqija ma kinetx waħda sinjura. Ta' tfajjel li hu jiftakar li kulħadd kellu xi ftit bħejjem id-dar. Kull familja kellha żewg nagħġiet jew żewġ mogħżiet u ġieli anke xi żewġ baqriet. Minn dawn il-bhejjem kienu jieħdu l-ġbejniet u l-ħalib.

Tusè għamel referenza għal Wied il-Knejjes fejn jiftakar ħafna djar mimlija bil-mogħoż. Mhux



Il-bejgħ tal-ħalib fl-imgħoddi

l-ewwel darba kont ssib lil xi ħadd kien ikollu madwar mija sa mija u ħamsin nagħġa. Interessanti l-fatt li dawn il-mogħoż kienu jintrabtu ġewwa l-intrata tad-dar filwaqt li l-familja kienet torqod fis-sular ta' fuq.

Mas-sebħ tal-jum kienu joħorġu jirgħu l-mogħoż tagħhom. Filgħodu kien ikun hemm raġel iddur b'erba' mogħżiet. Kien iħabbat il-bibien sabiex ibigħ il-ħalib fejn *b'sold kien jimla bott ħalib dak il-ħin stess.*

Ħal Luqa ma kinetx toffri l-kumdità li ngawdu llum peress li fir-raħal ma kienx hawn elettriku. Mal-lejl kien jixgħelu lampa tal-pitrolju sabiex tkun tista' tkebbes ftit dawl. Min-naħa l-oħra fit-triq is-sitwazzjoni ma tantx kienet tkun mdawla. Barra t-triq kien ikun hemm ftit dawl permezz tal-fanal tal-pitrolju. It-toroq mhux biss ma kellhomx dawl fihom, iżda lanqas kienu asfaltati bħal nafu llum. Kienu kollha ħofor fejn b'ton satariku qalli li fix-xitwa allaħares kont taqa' f'xi ħofra minnhom għax *qisek waqajt ġo barriera!*

Tusè Mallia semma wkoll l-ambjent rurali li xi darba kien iħaddan Ħal Luqa. Jiftakar r-raħal kollu għelieqi fejn kien hawn ħafna siġar tal-ħarub. Kien ambjent tassew rurali b'ħafna għelieqi fertili. Mallia qalli li nofs dawk l-għelieqi llum huma meqruda bil-iżvilupp. Fl-intervista issemmew diversi irziezet li fihom kienu jrabbu l-bhejjem sabiex jaħdmu r-raba.


Stampa turi bdiewa jaħsdu il-qamħ mill-għelieqi. Il-knisja li tidher fl-istampa hija dik ta' Ħal Tarxien

## Il-Qiegħa

Matul ix-xhur tas-sajf peress li ma kienx ikollhom skola, kienu jagħmlu l-qiegħa biex iffarku l-qamħ. In-nanniet tiegħu kellhom baqra biex ifarrku l-qamħ fuq il-qiegħa. Tat-tfal li huma kienu jmorru man-nanniet sabiex imexxu l-baqra biex tirfes u tfarrak l-qamħ. F'mument minnhom irrakontali, li hekk kif il-baqra tixba kienet tagħmel għalihom. Il-baqar kienu apposta għax-xogħol u mhux biex jieħdu l-ħalib minnhom. *Kienu baqar għoljin ħomor ta' Malta, li llum ma tantx għad fadal minnhom,* qal Tusè.

Il-qiegħa kienet ssir ġo għalqa diametru tletin pied tond. Kienu jballtu l-ħamrija permezz tal-ilma u taħlita ta' tiben ħa tkun tista' tgħaddi l-baqra biex tfarrak il-qamħ. Meta kienet tgħaddi l-baqra minn fuq il-qamħ, it-tiben jibqa' fuq u l-qamħ jinżel 'l isfel. Imbagħad meta kien ikun ir-riħ kienu jgħollu t-tiben sabiex itajjru it-tiben. Wara kienu jarblu l-qamħ u jiftgħuh ġewwa xkejjer.

Il-qamħ kien jintaħan il-mitħna taż-Żurrieq. Wara li kien jintaħan l-qamħ kienu jieħdu xkora dqiq, smid u xkora nuħħala. Tusè għamel referenza lejn il-mitħna tar-riħ li kien hawn f'Ħal Luqa. Huwa jiftakar sew din il-mitħna li kienet tinsab fil-periferija tar-raħal però qatt ma jiftakar din il-mitħna taħdem. Fil-mitħna kienet tgħix familja.

## Is-Socjetà tal-MUSEUM

Bla dubju ta' xejn Tusè rreferina għas-soċjetà tal-MUSEUM fejn ilu snin twal involut.

Beda billi semma l-ewwel snin meta kien qiegħed jipprepara ruħhu għall-praċett.

Meta fetaħ il-MUSEUM Ħal Luqa kienu jieħdu ħsibu ħames soċi minn Ħaż-Żebbuġ li kienu jiġu bil-karettun kuljum. Damu erbatax-il sena jieħdu ħsieb il-fergħa tar-raħal. Żidt jgħid, li s-Sibt kienu jorqdu Ħal Luqa sabiex il-Ħadd filgħodu jieħdu t-tfal il-quddies. Kienu jorqdu fuq żewġ bankijiet tal-injam! Meta l-MUSEUM f'Ħal Luqa ssaħħaħ, is-soċi ta' Ħal Luqa ħadu l-inkarigu li jmexxuh huma.



Tusè Mallia jaqsam il-cake fl-okkażjoni tad-disgħin anniversarju

Ta' tfajjel jiftakar il-bini tal-MUSEUM fis-sqaq Pawlu Magri *(Ir-rangu)* fejn llum nsibu l-uffiċju tas-sigurta` soċjali. Iktar tard is-socjeta` trasferixxiet il-bini tagħha għal triq ir-Rixtellu fejn nsibuħ llum. Fil-bidu, il-bini (ta' triq ir-Rixtellu) kien jinkera mingħand t-tabib Bartolo fejn Mallia iddesriviħ bħala amiratur kbir tas-socjetà. Dak iż-żmien kienu jħallsu tnax-il lira kerha fis-sena. Bartolo kellu x-xewqa li jħalli l-bini lis-socjeta` iżda t-tabib laħaq miet. Eventwalment kienet il-mara tiegħu li ħalliet il-propjeta` lis-socjeta` tal-MUSEUM.



Il-faċċata tal-MUSEUM l-antik fit-triq ir-Rixtellu, immarkata f' dan ir-ritratt

Mallia qal li mhux l-ewwel darba kien jagħti daqqa t' id lil sħabu tas-soċjetà. Meta is-superjur raħ bħala żgħażugħ mħeġġeġ, għażlu sabiex ikun katekista fejn għall-bidu beda jgħallem klassi żgħira tal-*infants*.

## L-Orgni L-Antik tal-Knisja

Peress li dak iż-żmien ma kienx hemm elettriku fil-knisja, l-orgni kien jaħdem permezz ta' rota li tipompja l-arja. Ta' tifel li kien imur iddawwar din ir-rota sabiex l-organista` ikun jista' ddoqq l-orgni. L-orgni l-antik kien



Tusè Mallia waqt ħarġa tal-MUSEUM fil-ġnien ta' San Anton fis-snin 80

SIMPATIA CRAI

# J & S Store

*For all types of groceries, fresh fruit & vegetable, frozen foods & detergents*




Now
SIMPATIA CRAI
outlet



FREE DELIVERY

Misraħ Sant'Andrija, Luqa
Tel: 2166 4082

# DANIEL Woodworks

Joiners & Importers of
Febal Cucine and
Top Quality Italian Doors

febal cucine

IPCA porte

86, Valletta Road, Luqa LQA 1762
Tel/Fax: 356 2166 7106 Mob: 356 7940 7622
www.danielwoodworks.com

fil-kor tal-knisja filwaqt li l-organista` ta' dak iż-żmien kien Salvu Azzopardi.



Il-post fejn Tusè Mallia fit-tfulitu kien iddawwar ir-rota tal-arja, biex jindaqq l-orgni



Il-qniepen il-ġodda fuq iz-zuntier tal-knisja

## Il-Wasla tal-Qniepen Ġodda F' Ħal Luqa

Meta kellu tmien snin Tusè jiftakar sew il-wasla tal-qniepen il-ġodda. Il-qniepen ġew mill-Italja tal-kumpanija *Barigozzi*. Il-qniepen ittellaw permezz taż-żiemel u l-karettun mill-Marsa għal Ħal Luqa. Waqt li kienu telgħin bihom, in-nies bdew jimbuttaw il-karettun sabiex jgħuni xi ftit iż-żiemel jitla' t-tela.

Mal-wasla tal-qanpiena l-kbira, is-surmast tal-iskola ħareġ lil l-istudenti tal-iskola biex jassistu għal din l-okkażjoni hekk speċjali. Iktar tard il-qniepen waslu kollha u intramaw fuq iz-zuntier biex jitbirku mill-isqof.

Dak inhar li telgħet il-qanpiena l-kbira kienet okkażjoni speċjali. Jiftakar mument meta Ġorg Pullo tela' mal-qanpiena l-kbira. Ħafna Ħal Luqin għenu biex din l-qanpiena titla' f' postha. Ta' min jinnota li meta il-qanpiena l-kbira waslet biex tidħol fil-kampnar, kellhom jinqalaw xi knattan malajr peress li ma setgħetx tgħaddi.




Tusè Mallia kien wieħed mill-persuni li għamel tiswija fuq il-qanpiena ta' Żejtun ġewwa t-tarzna

## Id-Dockyard u l-Gwerra

Id-*dockyard* kienet il-post fejn għal snin twal Tusè qala' l-għixien tiegħu. Ta' sittax-il sena għamel l-eżami għal *pipe welder worker*. Mallia kien jaħdem ġewwa *dock* numru erbgħa f'Bormla. Iktar tard ipperfezzjona fuq sena importanti ħafna, dik tat-tiswija tal-*propellers* tal-

vapuri. Tusè dam jaħdem id-*dockyard* għal erbgħa u erbgħin sena sħaħ sakemm spiċċa bil-penzjoni.

Meta kellu biss għoxrin sena Tusè Mallia jiftakar iċ-ċaqliq tas-suldati Ingliżi. Huwa stqarr li l-Inglizi bdew jippreparaw lill-gżejjer ta' Malta militarment fl-eventwalità li l-gwerra kienet fil-qrib.



L-arloġġ preżentat lil Tusè fl-aħħar ġurnata tax-xogħol tiegħu fit-tarzna

F'Ħal Luqa l-Ingliżi bnew il-fortizza ta' San Ġakbu. Tusè jgħid li din kellha erbgħa kanuni fejn kull kanun kellu ħames suldati, min ipoġġi l-balal, min jagħfas il-molla tat-*trigger*, min idawwar il-kanun biex jipprova jġib il-balla qrib l-ajruplan. Meta ġiet il-gwerra, il-pajjiż kien preparat militarment iżda psikoligament il-poplu ma kienx xejn preparat, kompla jgħid Mallia.



L-ispiżerija mġarrfa f'misraħ il-knisja

F' Ġunju tal-1940 nstemmgħu ħafna ħsejjes tal-ajruplani, *kanuni jisparaw u ħadt ma jaf x'għandu jagħmel*. Kien għalhekk jkompli jgħid Tusè, li ħarġet ordni sabiex il-Maltin joqogħdu msakrin ġewwa djarhom jistkennew jew taħt it-taraġ jew taħt xi mejda. Inħasset il-ħtieġa li jibdew jitħaffru x-xeltrijiet kemm privati kif ukoll pubbliċi. B'nofs ċajta qalli li l-Ingliżi kellhom sempliċiment tliet ajruplani li kienu jitilgħu fl-arja *attaparsi jwennsuna!*



Dar milquta fit-triq il-Karmnu

Dakinhar tal-ewwel attakk Tusè rrakkontali, li kien dieħel għax-xogħol ġewwa *dockyard*. Bil-biżgħa kien hemm min waqagħlu l-pakkett tas-sigaretti u ieħor waqalu t-*termos* tal-kafè.

Iktar ma beda jgħaddi żmien il-ħaddiema ġewwa tarzna fosthom Tusè nnifsu bdew jinnutaw ħafna affarijiet strambi. Mhux l-ewwel darba kien jidħol xi bastiment tal-gwerra nofsu mqaċċat, jew inkella xi bastiment b'xi nies mejtin fuqhu. Ix-xogħol fuq it-tiswija ta' dawn il-bastiment kienet ssir malajr kemm jista' jkun.

Tusè ma setax jonqos li jsemmi lil Ħal Luqa u devastazzjoni li ġabet il-gwerra fuq r-raħal. Minħabba li r-raħal kien jinsab ferm qrib tal-ajrudrom kien vulnerabbli ħafna li jintlaqat mill-attakki. Jgħid li fil-bidu kienu jiġu t-Taljani jattakkaw iżda meta l-Ġermaniżi raw li Taljani mhux qed jagħmlu xejn, bdew jattakkaw l-ajruplani Ġermaniżi. Kienu jitfgħu bombi kullimkien u waħda minnhom spiċċat fuq il-knisja parrokjali.

Dak inhar kien xogħol it-tarzna. Meta wasal lura d-dar prova jitla' l-pjazza biex jara x' ġara. Qalli li ma setax jitla' l-pjazza minħabba li Triq San Ġużepp kienet kollha munzelli ta' ġebel ta' djar mwaqqa'. Fost it-tbatija ssemmili wkoll il-ġuħ li ġabet il-gwerra. Peress li proviżżjon tal-ikel naqas sew, in-nies bdiet tirrikori għal ħarub biex titrejjaq naqra!

B'xorti tajba d-dar fejn għadu joqgħod sal-lum waqgħu biss is-soqfa matul il-gwerra iżda d-dar ma waqgħetx. Kull filgħaxija wara l-ikel, Tusè u l-familja kienu jinżlu fix-xelter privat tagħhom biex jorqdu. Mas-sebħ tal-jum kienu jtellaw il-ħwejjeġ fuq għax-xemx peress li bl-umdità kienu jixxarbu.



Il-festa ta' Sant'Andrija 1920

### Il-Festa ta' Sant'Andrija

Fl-intervista Tusè tkellem fuq il-festa tat-tfulitu. Sant'Andrija kien jiġi ċelebrat differenti ħafna mil-lum. Il-festa kienet ssir nhar it-30 ta' Novembru. B'nofs daħka, qalli *il-festa iktar ma kinetx toħroġ milli toħroġ minħabba l-maltemp*.

Fost l-oħrajn irrakontali storja ħelwa fejn darba liebes


THERMASEAL
THERMASEAL LIMITED
ROOF INSULATION
AND WATERPROOFING
SPRAY-ON FOAM
Ganni Vassallo Street, Luqa Bypass - Luqa LQA 1515, Malta.
Tel/Fax: 21 237 712 • 21 241 711 • Mob: 9947 0879
E-mail: admin@thermasealmalta.com Website: www.thermasealmalta.com


Flower Touch
Specializing in flower arrangements for all occasions, weddings and more.
Inkun il-pjazza ta' Ħal-Luqa kull nhar ta' Sibt.
Contact: Catherine
Tel: 2180 6800
Mob: 7980 6800

ta' frattell meta kien għadu żgħażugħ. Meta l-vara ta' Sant'Andrija ħarġet fil-pjazza, beda nieżel ħafna silġ u xita. Kien għalhekk li kellhom jirritornaw lura malajr lejn il-knisja. Iżda meta kienet toħroġ il-purċissjoni kienet tgħaddi minn dawn it-triqat: mill-knisja għal Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, tikser fejn llum hemm il-kazin tan- Nazzjonalisti u tibqa' sejra għal pjazza. Kienet purcissjoni kemm xejn qasira meta tikkumpara mal-lum.

Nhar il-festa jgħid Tusè, ħadt ma kien imur xogħol. In-nies kienet tmur bil-ħeġġa l-knisja sabiex jattendu għal funzjonijiet. Fil-festa il-knisja kienet tiftaħ xi l-erbgħa u nofs ta' filgħodu u għal ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu kienu jibdew issemmgħu leħinhom il-qniepen tal-knisja.

Mill-għadd estern kien ikun hemm il-bnadar armati għal okkażjoni peress li ma kienx hawn pavaljuni. Kienu jagħmlu wkoll xi ftit ħaxix u kuluri artifiċjali biex iżżejnu ftit il-pjazza. Mat-toroq kienu jagħmlu serbut ta' ħaxix bi fjuri komuni naturali. Kienu jintramaw ukoll it-tazzi kuluriti taż-żejt mdendlin mal-ħitan.

Issemma wkoll n-nar ta' l-art li kien jinħaraq lejliet il-festa. Wara li kienu jispiċċaw il-marċijiet u l-programmi, kien jibda' jinħaraq in-nar ta' l-art. Dan kien jintrama fil-pjazza. Mat-tokki tal-ħdax ta' bil-lejl kien jibda' jinħaraq pero *mhux l-ewwel darba kien jibda' jinħaraq mad- disgħa ta' bil-lejl peress li l-ajru jibda jtella u tibda traxxax ix-xita*, sostna Mallia.

Għal-festa ta' Sant'Andrija kienu jarmaw tal-qubbajt u mhux l-ewwel darba kien ikun hemm xi sitta armati biegħu l-qubbajt. F' ħin minnhom Tusè qalli *ma' kontx tmur għal festa jekk ma tniżżilx il-qubbajt miegħek!*

## Il-Ġimgħa l-Kbira

Tusè elenka fuq festi oħrajn bħal dik tal-Ġimgħa l-Kbira. Biżżejjed ngħidu li fit- tfulitu l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira ma kinux joħorġu kollha f'daqqa mill-maħżen għall- knisja. Matul il-perjodu tar-randan kienet titla' vara, vara kull ġimgħa. Kull vara li kienet tittieħed il-knisja u ssirilha prietka fuqha.

Semma' wkoll is-sepurklu li dak iż-żmien kien jintrama n-naħa tal-artal ta' San Duminku. Ġakbu Ciappara kien jarma dan is-sepurklu biex ssiru s-seba' visti. Il-visti kienu jsiru b'dan il-mod, jidħlu jinvistaw is-sagrament quddiem is-sepurklu. Meta tkun lesta l-ewwel vista toħroġ mill-knisja u terġa' tidħol. Kienu jduru seba' darbiet mal-knisja sakemm ikunu lesti l-visti. Ħafna mill-parruċċani ma kinux imorru għax-xogħol sabiex jagħmlu s-seba' visti.

Qal ukoll li dak iż-żmien kulma kienu joħorġu l-vari biss nhar il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ħlief għal xi tfal lebsin iż-żmara b'xi simbolu. Għal dan kien iħallsu xi *six pens*.



Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fl-antik

L-ewwel ilbies li saru kienu dawk ta' Nikodemu kif ukoll dak ta' Arimateja. Ir-rotta tal-purċissjoni kienet tkun qasira toħroġ mill-knisja għal-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija fejn kienet tgħaddi minn dawn t-toroq Triq San Ġużepp, Triq San Ġorġ, tikser għal ħdejn il-każin tan-Nazzjonalisti u lura l-knisja. Għad-disgħa ta' filgħaxija, il-purċissjoni kienet tkun lesta fejn fil-pjazza kien ikun hemm dlam kbir peress li ma kienx hawn dawl fit-toroq.

## Il-Festa taċ-Ċintura

Tusè semma wkoll il-festa taċ-Ċintura li iktar ma beda jgħaddi ż-żmien bdiet tingħata ħafna iktar importanza minn Sant'Andrija. Bħal aċċenajt iktar kmieni Sant'Andrija kien jaħbat nhar it-30 ta' Novembru qalb il-maltemp. Allura peress li ċ-Ċintura kienet taħbat fis-Sajf kienet tiġi ċċelebrata naqra iktar bil-pompa.

It-tliet fratellanzi tal-parroċċa kellhom diversi fratelli fejn fil-festa taċ-Ċintura kienu jimpikaw min ser ikollu l-iktar fratelli takkumpanja l-purċissjoni. Lejliet il-festa kien jinħaraq in-nar tal-art fejn u kienu jattendu numru sew ta' Gudjani.

## Il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann

Lejliet il-festa ta' San Ġwann kienet ssir ħuġġieġa kbira l-pjazza wara li tinżel ix-xemx. Dan kollu kien ssir bil-permess tal-pulizija. Jiftakar sew kif kulħadd kien iġib xi siġġijiet antiki u xi injam għal ħuġġieġa. Malli kien ibatti n-nar, kulħadd kien jipprova jaqbżu. Ta' tfal li huma kienu jduru ma' din il-ħuġġieġa fejn darba fost l-oħrajn Tusè xeħet beritta fin-nar ta' tifel ieħor li kien qiegħed qrib il-ħuġġieġa.


Il-ħuġġieġa li kienet issir lejliet il-festa ta' San Ġwann

## Konklużjonijiet

Iż-żminijiet jinbidlu u ma jistennew lil ħadd. Huwa ż-żmien li li fih isir il-progress u l-avanzi. L-istess żmien huwa dak li jnessi l-passat ukoll!

Intervisti bħal dik ta' Tuse Mallia huma ta' bilħaqq ġojjell ta' informazzjoni minn fomm minn għex il-passat. Min jaf kemm intilfu episodju bħal dawn mal-mewt ta' missirijietna li jiftakru tant x'kien ssir fl-imgħoddi. Ikun tassew xi ħaġa sabiħa li dawn ir-rakkonti jinkitbu sabiex ma ninsew qatt min xix għaddew ta' qabilna.

**Notamenti:**

*L-intervista saret f'żewġ sessjonijiet. Waħda saret nhar ta' 30 ta' April 2014 u l-oħra saret nhar l-20 ta' Mejju ġewwa d-dar ta' Tusè Mallia fi Triq Ħal Tarxien.*

**Ħajr:**

*Tusè Mallia li laqa' l-istedina li nintervistawh.*



Il-Festa ta' Sant'Andrija f'Bormla wara t-Tieni Gwerra Dinjija (Ħajr lil J. Cassar)

# Rons Restaurant

54
Xatt is-Sajjieda
Marsaxlokk

Telephone
**2165 9382**

www.rons-restaurant.com

Godfrey Zammit
*Owner*

Mobile
**9947 1223**

*Specialising in Fresh Fish*









# Tliet Traġedji fis-Snin Ħamsin

**Mario Cassar**

Forsi l-akbar traġedja li seħħet f'Ħal Luqa fis-snin Ħamsin kienet dik tal-*bomber* tal-R.A.F. tat-tip *Lancaster* li fit-30 ta' Diċembru 1952 kien ġġarraf fl-inħawi tal-iskola. Fid-diżgrazzja mietu tliet membri tal-ekwipaġġ u mara mir-raħal, Maria Zarb. Saret ukoll ħsara kbira fil-bini tal-madwar. Biss, din il-ġrajja għadha kif ġiet irrakkuntata fid-dettall band'oħra u allura hawnhekk ħa nikkonċentraw fuq tliet diżgrazzji oħra li seħħew fl-istess deċennju. Kumbinazzjoni, b'simetrija tal-biża', f'kull traġedja ħallew ħajjithom tnejn min-nies.

### 1953: Tiġrif ta' ajruplan ieħor

Fl-għodwa ta' nhar il-Ħadd, 17 ta' Mejju 1953, ajruplan militari tal-RAF tat-tip *Valletta*, li kien qed jittrasporta 21 *commando* Ingliż lejn l-Eġittu, inqata' bi tbatija mill-mitjar ta' Ħal Luqa. Għal xi raġuni waħda mill-pjanċi ta' wara tal-ġewnaħ, maħsuba biex tikkontrolla l-bilanċ laterali tal-ajruplan, weħlet. Il-pilota, Flight Lt. W.F. Knapper, ipponta l-ajruplan 'l isfel biex jerġa' jinżel fuq ir-*runway*. Malli l-ajruplan ħabat mal-art u reġa' tela', il-pilota tella' r-roti biex jevita li jolqot karavan li kien hemm ipparkjat quddiemu. Minkejja l-isforz tiegħu, l-ajruplan xorta ħabat mal-karavan, kif ukoll ma' ajruplan ieħor tal-istess tip, u baqa' dieħel f'ħajt tas-sejjiegħ 'il barra mir-*runway*. L-ajruplan, b'wieħed mill-ġwejnaħ imtajjar, kompla sejjer f'għalqa fejn immedjatament ħa n-nar.

L-operazzjoni tas-salvataġġ bdiet minnufih, iżda b'xorti ħażina, żewġ suldati tar-*Royal Marines*, Derek Edward Burtenshaw u Donald Don, tilfu ħajjithom. Burtenshaw miet fil-post, filwaqt li Don miet jumejn wara bil-ġrieħi li kien ġarrab. Fl-inċident indarbu wkoll xi suldati oħra, imma ħadd minnhom ma kien fil-periklu tal-mewt, u eventwalment irkupraw ilkoll. Iż-żewġ vittmi ndifnu fiċ-ċimiterju militari tal-Imtarfa. Is-Surġent Oswald Bernard Falconer tar-*Royal Marines* kien ingħata l-*Geroge Medal* għall-qlubija li wera waqt l-ħidma tas-salvataġġ.[1]

### 1953: Splużjoni ta' kamra tan-nar

Nhar it-Tnejn, 27 ta' Lulju 1953 instemgħet splużjoni qawwija għall-ħabta tas-7.45 p.m. Kienet splużjoni li kellha tnikket ir-raħal kollu. F'dak il-waqt Karmenu Mizzi ta' 25 sena, ħuh Anġlu ta' 22 sena, u zijuhom Feliċ Mizzi ta' 60 sena, it-tlieta Ħalluqin u

membri tas-Soċjetà L-Unjoni, kienu qed jaħdmu xi nar tal-festa fir-razzett magħruf bħala Ta' Lampat, limiti ta' Ħal Tarxien. Ir-razzett ġarrab ħsarat kbar, hekk li spiċċa nofsu mġarraf. It-tlett irġiel ttieħdu l-isptar għall-kura bit-tama li jirpiljaw. Madankollu, b'xorti ħażina, jumejn wara, nhar id-29 ta' Lulju, Anġlu u Feliċ Mizzi mietu kawża tal-ħruq li kienu ġarrbu fl-inċident. Karmenu biss irnexxielu jeħlisha minn ħalq il-mewt.

Kif mistenni, Ħal Luqa waqa' f'luttu kbir. Fil-funeral taż-żewġ vittmi, il-Banda L-Unjoni akkumpanjat il-korteo b'marċi funebri matul it-toroq tar-raħal. Din it-traġedja kienet rappurtata b'ċerta prominenza fil-ġurnal *Il-Berqa*. Editorjal tassew imqanqal, imnebbaħ minn din il-ġrajja u li deher fl-istess gazzetta, appella sabiex il-ħdim tan-nar jiġi kkontrollat b'aktar serjetà biex b'hekk jiġu evitati aktar imwiet. Plakka tal-irħam fil-każin tas-Soċjetà għadha tfakkar il-mewta sfortunata taż-żewġt irġiel.[2]

## 1958: Żewġt irġiel jinqatlu b'sajjetta

Fl-għaxija ta' nhar is-Sibt, 13 ta' Settembru 1958, lejlet il-festa tal-Madonna tal-Grazzja, waqt maltempata mhux mistennija, Karmenu Spiteri ta' 21 sena u ħuh Alfred ta' 17-il sena mietu meta ntlaqtu minn sajjetta. Iż-żewġt aħwa, dak il-mument, kienu għall-kaċċa f'għalqa fil-limiti ta' Ħal Luqa ma' xi qraba oħra. Fil-post fejn seħħet din id-diżgrazzja, sewwasew fi Triq il-Gudja, għad hemm irħama li tfakkar iż-żewġ vittmi.[3]

Il-ġrajja kollha kien reġa' rrakkontaha b'ċertu dettall ħuhom Leli Spiteri f'intervista li kien ta lill-ġurnal *It-Torċa* fl-2012. Leli, li f'dak iż-żmien kien għad kellu biss 10 snin, jgħid li dakinhar kienu tmienja min-nies b'kollox: hu, ħutu Karmenu u Fredu, missierhom, iz-ziju Spiru, iz-ziju Indrì u ibnu Ġużi, u Ġiġi, ħabib tal-familja.

"Fil-5.45 p.m., minkejja li l-ajru kien sabiħ, sħaba bdiet tikber u l-ajru beda jikrieh u l-veterani qalulna li aħjar ninġabru. Malli bdejna telgħin, beda l-maltemp u jriegħed u jfaqqgħu s-sajjetti. Karmenu u Fredu kienu mexjin fuq quddiem … iżda f'daqqa waħda bħalma ħadd lanqas nduna x'laqatna, ħuti waqgħu bla ħajja mal-art … kienet sajjetta li ħasdet ħajjithom. Tista' taħseb dak il-ħin il-paniku u l-kommossjoni li qamet, b'mod partikolari missieri, iżda l-aħbar bħal donnha ġriet aktar minn leħħa ta' berqa u l-madwar malajr imtela bin-nies. Ġużeppi, magħruf bħal l-purtinar, ġab miegħu żewġ kutri u għatta lil ħuti."

Leli, li llum għandu 66 sena, iżid li faċilment setgħet messitu l-istess xorti, għax hu u l-oħrajn kienu biss ftit passi 'l bogħod mil-lok tad-diżgrazzja: "Lill-familja tiegħi laqtitna traġedja u bilfors tibqa' ttimbrata fil-memorja, jgħaddu kemm jgħaddu s-snin."[4]

**Referenzi**

1 Edward Attard, *Traġedji Maltin*, BDL, Malta, 2012, p. 198.

2 *Il-Berqa* 29.07.1953, p. 8 u 30.07.1953, p. 2. Ara wkoll Francis Galea, Ħal L*uqa u l-Banda Tagħha L-Unjoni*, Soċjetà Filarmonika L-Unjoni, Malta, 2005, p. 206.

3 Attard, p. 220.

4 *It-Torċa*, 09.09.2012, p. 11.

# Insalvaw il-fjuri selvaġġi tagħna… nibżgħu għall-flora u l-fawna

**Theodore Sammut**

Minħabba l-iżvilupp sfrenat - ħafna drabi bl-addoċċ - f'dawn l-aħħar ħamsin sena, Malta u Għawdex tilfu parti sostanzjali mill-kampanja limitata tagħna. Dan ifisser it-telf ta' numru ta' pjanti selvaġġi endemiċi jiġifieri li kienu jinsabu ġeneralment f'pajjiżna.

Hekk kif bdejna mmissu u nħarbtu l-abitat, bdejna nsofru telf fl-ambjent tagħna, u bdew jonqsu u jisparixxu ħafna mill-flora u fawna.

## Il-barbaġann u l-merill

Il-barbaġann li kien ibejjet fit-toqob tal-blat għoli ħdejn il-baħar, ma deherx iżjed. Min hu tal-età tiegħi jiftakar il-barbaġann ibejjet fl-għar tal-Munqar, limiti taż-Żurrieq. Dak iż-żmien ma kienx hawn għarfien u apprezzament biżżejjed tal-ambjent, u l-bejta tiegħu kienet tinsteraq biex tittella' lotterija fil-fiera li s-Soċjetà Karmelitana taż-Żurrieq kienet torganizza l-iskola primarja tal-gvern.



Il-merill, l-għasfur nazzjonali Malti kien ipaxxina bl-għana meraviljuż tiegħu u l-bejtiet tiegħu kienu numerużi. Kien ibejjet f'ħafna postijiet fil-blat ta' xifer il-baħar u saħansitra f'Wied Babu.

Bħall-barbaġann, kien hemm min jissogra ħajtu jixxabbat għall-bejta tiegħu. Kien hemm min lest iħallas tajjeb għal par merilli. Kien hemm ukoll min kien irabbih u jħallih itir u jibqa' jiġi fejn ikun trabba sakemm kien jiltaqa' ma' xi kaċċatur irresponsabbli u jtemmlu ħajtu. Illum, kif nafu, dan it-tajr huwa protett bil-liġi, u allaħares ma kienx hekk għax kieku nitilfu wkoll il-ftit li baqa'.

## Diversi speċi li sparixxew

Illum m'għadniex naraw diversi speċi ta' friefet, baħrijiet, żnażan u nsetti oħra fil-btieħi u l-ġonna tagħna, probabilment ukoll minħabba l-pestiċidi (jiġifieri bil-bexx ta' ċerti kimiċi

velenużi) li ħafna bdiewa kienu jużaw bla kontroll. Xi snin ilu, l-Unjoni Ewropea varat regoli ġodda fuq l-użu ta' dawn il-pestiċidi. Dawn mhux biss jagħmlu ħsara l-ambjent, iżda saħansitra lil saħħitna.

Min hu anzjan jiftakar kemm konna naraw il-farfett tal-fejġel iżur il-btieħi tagħna, idur il-qsari mimlija fjuri. Illum rari tarah fil-btieħi! In-nannakola wkoll donna qed tisparixxi minn ħafna postijiet. Meta konna żgħar konna nkantaw ir-rima *nannakola mur l-iskola*.

U ilni ma nara żunżan bagħal minn tfuliti meta konna nilagħbu ħdejn l-għejun pubbliċi. Niftakar dan iż-żunżan kbir idur fuq il-vaska tal-għajn u aħna nittantawh imbeżża' li jista' jagħtina x-xewka! Il-baħrija ta' ras il-mewt ukoll saret rari biex tilmaħ waħda. Dan is-sajf ftit li xejn smajt il-werżieq ta' bil-lejl avaolja hawn l-għelieqi fejn noqgħod jien. Meta konna tfal konna naqbdu kwantità billi nifirxu biċċa ċarruta sewda fuq il-bejt. L-urieżaq kienu jinġabru taħtha. Konna nżommuhom f'gaġeġ żgħar jew f'bottijiet tal-*corned beef* mtaqba għall-arja, u nagħtuhom biċċa tadama x'jieklu.

It-tfal tallum ikunu xxurtjati jekk jaraw serp fis-selvaġġ. B'xorti tajba, l-ġremxul - li kien ġie kważi estint kaġun tal-pestiċidi - qed jidher kullimkien. U bilħaqq, fejnu l-musbieħ il-lejl?

It-tfal tagħna jistgħu jaraw ħafna minn dawn il-ħlejjaq biss fuq l-istampi tal-kotba!

Il-farfett il-lejl li kien jimla' t-toroq bi qtajjiet kbar, wara nżul ix-xemx, ukoll sar rari. Il-ħuttaf u r-rundun m'għadhomx jidhru fi qtajjiet kbar bħal qabel. Imma mbagħad dan jgħodd għal tajr ieħor bħall-gamiem, summien u x'naf jien.

Il-ballottra, l-iżgħar mammal karnivoru fid-dinja, ukoll saret rari biex tara waħda fis-selvaġġ. Il-granċ tal-ilma ħelu jinsab ukoll mhedded.

### Pjanti u siġar fis-selvaġġ

Fil-gżejjer tagħna nsibu fuq l-1000 pjanta selvaġġa li jagħmlu l-fjuri; 700 minnhom huma indiġeni jiġifieri nsibuhom biss f'pajjiżna. Dan huwa numru sabiħ meta wieħed jikkunsidra ċ-ċokon tal-gżejjer tagħna.

Jeżistu xi siġar bħal dik tal-ballut - siġra *evergreen* jiġifieri dejjem tħaddar - fil-Wardija li għandhom mal-500-900 sena, u mbagħad is-siġra tal-ħarrub (li wkoll *evergreen*) li tinsab f'ċertu widien tmur lura mijiet ta' snin.

F'Wied Babu per eżempju għandna ħarrub mill-iżjed antik. Ħasra li ġie li nies bla moħħ ħarqu xi waħda waqt xi barbikju hemm isfel. U ngħiduha kif inhi: Wied Babu mhux lok tal-barbikju!

Fl-aħħar 50 sena, tlifna aktar minn 100 pjanta u jekk se nkomplu ma nagħtux każ ta' dan il-wirt naturali, dalwaqt fi ftit snin oħra se nitilfu aktar pjanti selvaġġi.

Kemm-il darba mmorru passiġġata fil-kampanja u lanqas nindunaw kemm fjuri sbieħ, ħafna minnhom bilkemm jidhru, nirfsu taħt saqajna. Mingħalija Lanfranco qal li jekk inħarsu madwarna u nagħtu każ naraw il-ġmiel ta' ħafna fjuri selvaġġi.

Niftakar fi tfuliti, fuq il-Ġibjun tan-Nigret, iż-Żurrieq mimli plejju. Konna naqtgħu ftit biex bih inkeċċu n-nemus mid-dar, jidhirli. Illum, din il-pjanta tant tfuħ naqset ħafna minn ċertu postijiet.

L-istess ngħidu għan-narċis fejn kien jimla' u jfewwaħ Wieb Babu u tant postijiet. Meta konna tfal u allura kien hawn il-faqar u ftit li xejn ħarsien tal-ambjent, konna naqtgħu bukketti sħaħ biex inbigħuhom lill-Ingliżi residenti fl-Armerija taż-Żurrieq. Ommna wkoll kienet tieħu pjaċir timla' važun bin-narċis ifuħ.

Irridu nieqfu naqtgħu pjanti oħra li qed jiġġieldu għall-eżistenza tagħhom. Dawn ma rridux immissuhom għax diġà huma rari.

### Insalvaw il-ftit kampanja li baqa'

It-tielet enċiklika tal-Papa Benedittu XVI *Caritas In Veritate* (L-Imħabba fil-Verità) titkellem ukoll fost affarijiet oħra importanti, dwar l-ambjent, ir-rigal t'Alla li ta lil kulħadd, fejn in-natura trid tidher li ġiet fdata lill-bnedmin għall-ġid ta' kulħadd.

Jekk aħna jew aħjar l-awtoritajiet ma jieħdux ħsieb biex insalvaw il-ftit kampanja li baqa' allura nistgħu ngħidu li se nitilfu l-pjanti selvaġġi u l-postijiet fejn jikbru. Fi kliem ieħor, Malta u Għawdex se jitilfu l-kulur sabiħ tagħhom jew aħjar ngħidu se jitilfu ruħhom.

L-iżvilupp għandu jkun iżjed ippjanat u mingħajr telf ta' żmien aktar għandhom jiġu introdotti għassiesa tal-ambjent hekk imsejħa *environment wardens*.

Il-Parlament illeġisla biex jikkonserva l-ambjent u ħafna pjanti u siġar selvaġġi, iżda bħal ħafna liġijiet u regolamenti oħra, l-infurzar dejjem kien dgħajjef wisq.

Regolamenti biex jiġi protett is-sagħtar kienu ħarġu fl-1932. Iżda jista' xi ħadd jgħid - minn dak iż-żmien sallum - kemm nies ġabru din il-pjanta biex iżejnu l-presepju tagħhom għall-Milied? Konsegwenza ta' dan, ħarġiet kbar ta' blat fil-kampanja jinsabu mneżża' għal kollox minn din il-pjanta.



Regolamenti oħra li jipprojbixxu l-qtugħ mingħajr permezz tas-siġra taż-żnuber u dik taċ-ċipress ħarġu fl-1949. Iżda kemm kien hemm nies li ġew imħarka talli abbużaw minn dawn ir-regolamenti minn dakinhar?

### Is-siġra tal-għasafar u siġar oħra rari

F'dawn l-aħħar snin, aħna għamilna sforz biex insalvaw u nippreservaw siġra rari ħafna, is-siġra tal-għargħar, is-siġra nazzjonali ta' Malta. Fl-Ewropa din tinsab biss f'Malta u n-naħa t'isfel ta' Spanja, Din tinsab fi ftit postijiet fis-selvaġġ li jinkludu fil-Maqluba, il-Qrendi u l-Mellieħa. Irridu għalhekk noqogħdu attenti li f'dawn il-postijiet ma jsir l-ebda żvilupp li jeqred darba għal dejjem din is-siġra tant prezzjuża.

Żewġ siġar rari oħra huma s-siġra tal-Luq li tinsab f'widien imxarrba u s-siġra dejjem tħaddar tal-ballut li skarsa ħafna fis-selvaġġ.

Pjanta rari ħafna hija l-fungu ta' Malta magħruf bħala għerq is-sinjur jew għerq il-ġeneral li jikber l-aktar fuq il-Blata tal-Ġeneral fid-Dwejra, iżda li jinsab ukoll fuq *Dingli Cliffs*.

Żmien twil ilu, kienu jaħsbu li din il-pjanta kellha saħħa mediċinali u maġika. Il-Kavallieri ta' San Ġwann kellhom monopolju fuq din il-pjanta u dak li kienu jinqabdu jiġbruha bla permess, kienu jiġu kkastigati billi jintbagħtu jaqdfu fuq il-galjuni.

Il-bjanka tal-irdum toħroġ fjuri żgħar fil-bidu tal-ħarifa. Kienet dedikata lill-botanist Edwin Lanfranco fl-1987, mill-botanisti Sqallin Brullo u Pavone. Hija pjanta endemika u rari: tinsab biss f'postijiet ta' ilma mielaħ bħall-Għadira, il-Mellieħa, is-Salini u l-Ballut f'Marsaxlokk.

# Evergreen

Fruit & Veg

# Dexter's

Fruit & Veg

Miftuħ Kuljum
It-Tnejn u l-Ħamis
mis-7.00am -12.00pm u mis-2.30pm - 7.00pm
It-Tlieta, l-Erbgħa u l-Ġimgħa
mis-7.00am - 12.00pm u mill-4.00pm - 7.00pm
Is-Sibt mis-7.00am sa 12.00pm ukoll

*Ħaxix u frott frisk kuljum*

**79333492 - 99403617**







Pjanta li dejjem tħaddar magħrufa bħala l-kiesħa hija pjanta perenni li tixxeblek: kull staġun qed dejjem tiskarsa. L-istess jista' jingħad għal għajn is-serduq li diġà semmejna, u li tipproduċi fjuri ħomor fix-xitwa u fir-rebbiegħa. Sfortunatament, ħafna drabi dwn jiġu miġbura mingħajr ma jagħtu ċans lill-pjanta biex tipproduċi ż-żerriegħa. Pjanta oħra rari hija denb iż-żiemel li tikber fil-widien umdużi u f'xi postijiet imxarrba.

### Aktar pjanti li rridu nipproteġu

Is-siġra tar-rand hija siġra oħra *evergreen*. Il-weraq tagħha huma aromatiċi u jintużaw ma' ħafna ikel speċjalment kif jaf kulħadd, mal-istuffat tal-fenek.

Għalkemm din il-pjanta hija kultivata fil-ġonna u f'ħafna btieħi, kif ukoll saħansitra f'xi *roundabouts*, il-ftit li nsibu jikbru fis-selvaġġ uma indiġeni ta' Malta.

Il-girlanda tal-wied ukoll tħaddar is-sena kollha, tixxeblek u perenni; bħal ħafna pjanti oħra, twarrad fir-rebbiegħa. Tinsab biss f'ċertu widien.

Pjanta oħra aromatika hija dik imsejħa broxka ta' Għawdex. Il-fjuri sofor f'faxxi ħomor jidhru fir-rebbiegħa. Tinsab aktar f'Għawdex milli f'Malta, kif ukoll f'Kemmuna.

Il-Granmastru De Rohan żamm il-ġbir sa 15-il ġurnata wara l-festa ta' San Ġwann sabiex jagħtiha żmien biex tarmi ż-żerriegħa.

In-nefel tar-ramel, pjanta oħra perenni nsibuha biss fuq xtajtiet ramlin. Il-koronilla hija pjanta rari li tixxeblek b'ħafna fjuri sofor ifuħu. Din il-pjanta hija velenuża u nsibuha l-aktar f'Wied Babu.

Il-fagonja li tikber l-aktar fit-tafal hija pjanta oħra fuq il-lista ta' pjanti li hemm biża' li dalwaqt nitlfuhom. Iċ-ċistu roża, pjanta rari ħafna, tipproduċi fjuri kbar fir-rebbiegħa u tinsab f'postijiet bil-blat. L-istess jista' jingħad għaċ-ċistu abjad li nsibuh f'żewġ postijiet biss; wieħed f'Malta u l-ieħor f'Għawdex.

Skarsi wkoll huma r-riħan, il-liedna, ix-xewk Malti u ż-żebbuġa, li għalkemm eluf qed jinżergħu, hija rari fis-selvaġġ. Is-siġra tal-verġni, għalkemm rari nsibuha aktar fil-widien f'Għawdex milli f'Malta. Insibuha wkoll f'Kemmuna.

Pjanta oħra aromatika li hija kultivata iżda wkoll skarsa fis-selvaġġ hija l-klin magħrufa bl-Ingliż bħala *rosemary*. Il-papoċċi ta' Malta hija pjanta annwali bi fjuri vjola jew bojod li twarrad fir-rebbiegħa. Hija pjanta endemika f'Malta u Linosa. Għalkemm f'ċerti postijiet naraw din il-pjanta abbundanti, xorta waħda saret skarsa.

Rari wkoll is-sbuqa selvaġġa u s-sempreviva ta' Għawdex li twarrad f'Mejju u Ġunju. Din il-pjanta endemika tikber biss fuq il-Ġebla tal-Ġeneral u fi ftit postijiet f'Għawdex.

Ix-xewk Malti kien popolari ħafna fil-passat iżda issa sar rari. Semmieh l-ewwel darba f'Malta l-Isqalli Boccone fl-1674. Widnet il-Baħar, il-pjanta nazzjonali tagħna, li llum narawha ssebbaħ ħafna *central strips* u *roundabouts*, saret rari wkoll fil-kampanja.

Kien Stefano Zerafa li sab din il-pjanta endemika fl-1825 f'Wied Babu. Hawn min isibha bl-isem xjentifiku tagħha *Centaura Spathulata*.

Pjanti oħra skarsi nsibu z-zigland ta' Għawdex, leħjet il-bodbod, il-melitella, id-damazonju, it-tulipan selvaġġ, l-għansar ikħal, tewm irqiq ta' Malta, il-pankrazju, il-bellus, il-fjurdulis Sqalli, iż-żunżana, il-brimba sewda, l-orkida piramidali ta' Malta u l-buda.

Il-botanist u xandar David Bellam, ex-President ta' Plantlife fl-Ingilterra jaħseb li *ninsabu f'xifer ta' diżastru naturali u għalhekk irridu naraw x'nagħmlu malajr b'mod urġenti*. Din it-twissija tgħodd għalina wkoll. Għalkemm aħna llum nagħrfu 'l-bżonn biex nikkonservaw l-ambjent, hemm ħafna x'isir jekk irridu nsalvaw il-fjuri selvaġġi tagħna.

# SANTA MARIJA
## SERVICE STATION

MAIN STREET MELLIEĦA

Panel Beater
Car Repairs & Servicing
Battery & Tyre Servicing
Wheel Balancing
Car Wash Service
also available

**Tel: 2157 3918**



Vigo
MENSWEAR

South Street, Valletta VLT 1105

Tel: 2123 6001

# Il-Knisja ta' Sant'Andrija fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar

**Mario Fenech**

Ir-raħal ta' Ħaż-Żabbar huwa wieħed minn dawk il-lokalitajiet li fih insibu għad ġmielu ta' binjiet storiċi, inħawi bi storja partikolari marbuta magħhom kif ukoll numru ta' knejjes żgħar li kienu jinbnew fil-kampanja minn żmien għall-ieħor.

Dawn il-kappelli żgħar kienu jinbnew minn nies li jkunu devoti ta' xi Qaddis, Qaddisa jew tal-Madonna. Tant kienu jinbnew minn dawn il-knejjes żgħar li wħud minnhom kienu jkunu tnejn biswit xulxin.

Dawn insibu bħalhom fl-irħula tan-Naxxar u ta' Ħal Luqa fost l-oħrajn. Kien hemm ukoll minn dawn il-knejjes biswit xulxin li ġew imneħħija biex jagħmlu l-wiesgħa għal xi knisja akbar bħalma ġara fil-każ tal-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien.

Fil-limiti tar-raħal ta' Ħaż-Żabbar, jew aħjar Belt Hompesch, niltaqgħu ma' tnejn minn dawn il-knejjes. Dawn huma l-knisja ta' San Duminka u l-knisja ta' Sant'Andrija. Din tal-aħħar hija qadima ferm għaliex baqgħet wieqfa tul is-snin. Il-knisja ta' San Duminka ġiet mibnija mill-ġdid wara li kienet iġġarfet bil-bombi tal-għadu waqt it-Tieni Gwerra Dinjija.



Ftit li xejn insibu tagħrif dwar din il-knisja ta' Sant'Andrija, iżda l-għamla tagħha tagħtina x'naħsbu li din ġiet mibnija matul is-Seklu Sittax.

Għandha bieb żgħir fil-faċċata b'tieqa żgħira fuqu, filwaqt li fuq il-fontispizju żgħir tagħha hemm kampnar żgħir. Is-saqaf tagħha huwa bl-arkati li jżommu fuqhom rigieli ta' xorok. L-altar huwa wieħed sempliċi bħalma nsibu fi knejjes ta' dan id-daqs.

# C&H BARTOLI

9, Empire Stadium Street, Gzira
Tel: (+356) 2345 8000

## For all your professional kitchen requirements...

Home of premium quality catering & hotel equipment brands.

EXCLUSIVE DISTRIBUTORS FOR

steelite INTERNATIONAL

CORECO

LA CIMBALI

ZANUSSI PROFESSIONAL

Electrolux
Professional Laundry Systems

Scotsman

Il-kwadru titulari ta' Sant'Andrija huwa xogħol t'artist mhux magħruf. Il-figura tal-Qaddis timla kważi l-ispazju tat-tila kollha fejn lil Sant'Andrija narawh waqt il-martirju tiegħu. Idu l-leminija marbuta 'l fuq maz-zokk tal-injam aħrax, filwaqt li idejH ix-xellugija tidher għadha mingħajr irbit. Għalkemm dan waqt kien wieħed ta' tbatija għall-Qaddis, il-ħarsa tiegħu tidher waħda ta' glorja u paċi.

Fuq in-naħa tax-xellug tax-xena jidher raħal żgħir ħdejn il-baħar filwaqt li fuq in-naħa l-oħra tidher dgħajsa ċkejkna b'xi sajjieda fuqha qegħdin ikalaw il-parid tagħhom.

Interessanti l-fatt li ħdejn riġlejn Sant'Andrija ma jidhirx xi kannestru żgħir bil-ħut li s-soltu naraw fi kwadri ta' dan il-Qaddis, iżda hemm gamblu kbir. It-tnejn għandhom x'jaqsmu mal-baħar, forsi l-artist xtaq joħloq xi ħaġa differenti.

Xena sabiħa f'dan il-kwadru ta' dan il-Qaddis kbir li kien minn tal-ewwel li emmen fil-Kelma ta' Alla.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.






V. Spiteri & Sons Ent Ltd
VSS

Fully air-conditioned Coaches & Mini Buses for Hire

Suppliers and fitters of
**Auto Air Conditioners**
Sole Agent of

HISPACOLD

# Importers of Volvo Commercials

'Gratiae Plena', Wesgħat il-Vittmi tal-Gwerra, Luqa
Tel: 2182 0749 • Fax: 2167 3251
Mob: 9947 0405 • 9946 4405

# Papa Luciani u Papa Bergoglio
## *Żewġ Papiet … Tant Similaritajiet*

**Fabian Mangion**

Is-Sibt, 26 ta' Awwissu 1978, waranofsinhar, wara jum biss ta' konklavi, il-Kardinal Protodjaknu Pericle Felici ħabbar lill-fidili miġbura fi Pjazza San Pietru l-elezzjoni ta' Albino Luciani, bħala s-suċċessur tal-Papa Pawlu VI. Imwieled f'Forno di Canale (illum Canale d'Agordo), fill-widien tal-muntanji ta' Belluno, Luciani kien Isqof ta' Vittorio Veneto u aktar tard Kardinal Patrijarka ta' Venezja. Huwa għażel l-isem ta' Ġwanni Pawlu I – l-ewwel isem doppju fl-istorja tal-Papat – b'ġieħ lejn iż-żewġ predeċessuri immedjati tiegħu. Il-pontifikat tiegħu, mogħni b'umiltà u ħlewwa, tawwal għal 33 ġurnata biss: il-Papa kien instab mejjet fis-sodda tiegħu fil-għodwa tad-29 ta' Settembru.



Dak li huwa spiss imfakkar bħala 'l-Papa tat-tbissima', qajjem ħafna tamiet. Is-sempliċità fil-lingwaġġ li kien juża, il-kelmiet tiegħu fuq id-dnub u fuq il-ħniena, il-fatt li kien Kappillan u Ragħaj, ħallew impatt li ma jitħassarx fuq il-Knisja u fuq tant persuni li ħabbewh u li għadhom sal-lum jivvenerawh. Aktar minn hekk, hu li fil-Veneto kien irċieva formazzjoni samma u tradizzjonali imma, fl-istess waqt, bniedem li ħa sehem u għex b'qawwa l-istaġun tal-Konċilju Vatikan II, Papa Luciani kien bħal buffura ta' rebbiegħa ġdida fil-Knisja.

Stimulata minn tant fidili u mill-episkopat kollu tal-Brażil, inkluż erba' Kardinali, fl-1990 ingħata bidu għall-kawża tal-Beatifikazzjoni tiegħu li llum qed toqrob lejn il-fażi finali.

### Xtaq isir Ġiżwita

Anke jekk ġejjin minn storja, ambjent u formazzjoni differenti, Papa Ġwanni Pawlu I u Papa Franġisku, għandhom bosta aspetti komuni. Franġisku, isem li ntgħażel minn Papa għall-ewwel darba, huwa reliġjuż Ġiżwita, Ġwanni Pawlu I qassis sekular. Imma hija magħrufa l-ġibda li ż-żagħżugħ Luciani ħass lejn l-ordni ta' Sant'Injazju. Dan seħħ

fih permezz tal-influwenza li kellu fuqu l-Ġiżwita mill-Belluno, Patri Felice Cappello li kien qarib tiegħu mill-bogħod. Dan tixhdu anke oħt Ġwanni Pawlu I, Antonio Luciani, fil-ktieb tagħha *Mio Fratello Albino*.



"Kien hemm waqtiet meta ħija kellu x-xewqa li jsir Ġiżwita. Dan qalu proprju lili. Kienu s-snin 1934-35. Ftit taż-żmien qabel ma ġie ordnat saċerdot. Tnejn minn sħabu fis-seminarju, li huma u Albino kienu ħbieb antiki, kienu daħlu jagħmlu parti mill-Kumpanija ta' Ġesù. Dawn kienu Patri Ġużeppi Strim Falcade u Patri Robert Busa. Hu qalli: 'Inti taf li Ġużeppi Strim u Robert Busa daħlu Ġiżwiti? Lili wkoll, din togħġobni ħafna …'. 'Jekk inti trid,' għedtlu jien, 'agħmel bħalhom int ukoll.' 'Ma nistax,' qalli. 'Itlob il-permess tal-Isqof …' Hu qalli: 'Diġà tlabtu imma qalli le.' Hekk l-Isqof Giouse Cattarossi, li kien ukoll r-Rettur tas-Seminarju, ma tahx permezz.

## Sempliċità

L-ewwel ħaġa li torbot flimkien liż-żewġ Papiet hija s-sempliċità tagħhom fil-kliem u l-kapiċità li jiġu mifhuma anke mill-aktar persuni umli. Fuq dan, Luciani kien irċieva tagħlima kbira mill-Kappillan tiegħu f'Canale, li lis-seminarista żagħżugħ kien irrikkmandalu li meta jipprietka kellu dejjem iżomm f'moħħu li għandu jinftiehem ukoll minn dik l-anżjana fuq in-naħa ta' wara tal-knisja li qatt ma marret skola. *Catechetica in briciole* kien l-isem tal-ktieb li Luciani ppubblika f'Diċembru tal-1949, u bħala Isqof, Kardinal u anke Papa baqa' fidil għal dik ir-rakkomandazzjoni tal-Kappillan.

Minn dak Settembru intens u indimentikabbli ta' Papa Luciani, wieħed żgur jiftakar mumenti mill-isbaħ waqt l-udjenzi ġenerali ta' nhar ta' Erbgħa, ikkatatterizzati minn djalogi man-nies, mingħajr test miktub. Għalhekk, it-ton kollokkjali kien dik il-forma ta' aċċessibilità li hu adatta biex jasal għand kulħadd. "Katekista ta' veru, jadatta ruħu għad-dinja moderna" qal Papa Luciani waqt l-udjenża ġenerali nhar is-6 ta' Settembru 1978. F'Papa Franġisku wkoll nilmħu dan l-istil li bih jikkomunika b'mod sempliċi u dirett. Dan narawh l-aktar fl-omeliji ta' kull filgħodu f'*Casa Santa Marta*, kif ukoll iż-żidiet bla għadd mat-test miktub waqt l-*Angelus* u waqt l-udjenzi ġenerali.

## Messaġġ ta' ħniena u umiltà

Hemm ukoll xebh f'dak li għandu x'jaqsam mal-messaġġ. Malli tfaċċa fil-loġġa tal-Bażilika ta' San Pietru wara l-elezzjoni tiegħu, Papa Franġisku baxxa rasu u talab lil dawk kollha miġbura biex jitolbu lil Alla biex ibierek lill-Isqof il-ġdid ta' Ruma. B'dan il-ġest hu qal lid-dinja li hu, bħalna lkoll, għandu bżonn imħabba u ħniena ta' Alla. F'din l-istedina, u fil-ġesti li għamel u fil-kliem li Papa Franġisku qal sa mill-bidu tal-Pontifikat tiegħu, nistgħu nilmħu faċilment l-intimità tiegħu mal-misterju tal-ħniena li janima lill-Knisja. L-istess kif kien jistqarr fis-snin li fihom kien Arċisqof ta' Buenos Aires.

Papa Franġisku, sa mill-bidu nett, għamel enfasi fuq l-importanza tal-ħniena, ippreżentata minnu bħala l-messaġġ l-aktar importanti ta' Ġesù. Ħniena u maħfra: "Nerġgħu lura għand il-Mulej. Il-Mulej ma jegħja qatt jaħfer, qatt! Huwa aħna li negħjew

nitolbuh jaħfrilna.” (Omelija, 17 ta’ Marzu 2013) Dan kien l-istess ħsieb li Luciani wassal lill-miġemgħa meta ċċelebra l-aħħar quddiesa f’Canale d’Agordo nhar is-6 ta’ Jannar 1959: “L-ebda dnub mhu akbar mill-ħniena bla tarf tal-Mulej”. Bħala Papa, hu li ried li l-kelma *Humilitas* tkun fl-istemma tiegħu, fakkar: “Forsi qiegħed nirriskja li ngħid xi ħaġa bla sens imma se ngħidha. Il-Mulej tant iħobb l-umiltà li kultant jippermetti li jsiru dnubiet kbar. Għaliex? Ħalli dawk li jagħmluhom, l-istess indiema li jħossu wara tippermettilhom jibqgħu umli …” (Udjenza Ġenerali, 6 ta’ Settembru 1978)



Papa Luciani, kemm bil-kelma kif ukoll bix-xhieda ta’ ħajtu, għamel evidenti d-delikatezza u l-ħniena f’li tħares lejn kulħadd bħala proxxmu. Bosta kritiċi raw kuntrast kbir bejn il-prietki tiegħu, fejn bosta drabi jsemmi lil Pinocchio, mad-diskorsi intellettwali ta’ Piju XII u ta’ Pawlu VI. Oħrajn tkellmu fuq l-iżolament u s-solitudni tiegħu u fuq il-fatt li kien l-ewwel Papa f’għexieren ta’ snin li qabel ma sar Papa la kellu rwol diplomatiku (bħal Piju XI u Ġwanni XXIII) u lanqas rwol fil-Kurja (bħal Piju XIII u Pawlu VI). “Ġwanni Pawlu I kien Papa ta’ umiltà profonda u ta’ paċi kbira. Jista’ jkun li ma kienx għalkollox komdu fil-Palazzi Appostoliċi u kien xi ftit mitluf kawża tal-bosta impenji li kellu, imma kien konxju li l-Mulej kien qed imexxih minn idejh u din wasslitu għal serenità interna profonda.” Hekk qal fuqu l-Kardinal Justin Francis Rigali, Arċisqof ta’ Philadelphia.



Kemm f’pajjiżu kif ukoll mal-Kardinali, Jorge Mario Bergoglio dejjem kien ikkunsidrat bħala Kardinal umli. Fil-passat, u mhux biss issa, hu rrifjuta li jgħix fil-Palazz Arċiveskovili. Minflok għażel li jgħix f’appartament żgħir. Irrinunzja għal xufier u l-karozza uffiċjali tal-Kurja,…fil-fatt hu jippreferi li jivvjaġġa mal-popolin permezz tat-trasport pubbliku. Ċaħad ukoll li jkollu kok iservih l-ikel. L-ikel jieħu ħsiebu hu wkoll. Ħafna drabi kien jinstab jassisti lill-fqar u l-vulnerabbli fil-periferija fqira tal-kapitali Arġentina.

Kemm Luciani kif ukoll Bergoglio, dejjem enfasizzaw l-importanza tal-grazzja u tal-inizjattiva ta’ Alla li hija fuq kollox. It-tnejn, anke wara l-ordinazzjoni episkopali, komplew jgħaddu ħin fil-konfessinarju, f’kuntatt man-




paperway
stationery

- *Newsagent*
- *Books*
- *School & Office Stationery*
- *Greeting Cards*
- *Toys & Educational Games*
- *Gifts*
- *Colour and B/W Photocopying service*
- *Printing from all Media*
- *Photocopies starting from 2c*
- *Book Binding & Covering*
- *Laminations*
- *Passport Photo Service*

*Smart Card Accepted*

*Paperway Stationery, Dun Pawl Street, Luqa.*

*Telephone: 21690689    E-Mail: paperwayluqa@gmail.com*

nies u mal-problemi tagħhom. Papa Franġisku, sa mill-ewwel jiem tal-pontifikat, irrakkonta episodji relatati mal-esperjenza tiegħu ta' konfessur u mat-taħdidiet li kellu mal-penitenti. L-entużjażmu tiegħu huwa li jlaqqam il-kariżma ta' Kristu fil-ministeru tiegħu billi bħalu jfejjaq u jagħmel il-mirakli fil-konfessinarji.

### Knisja għall-foqra

Punt ieħor komuni huwa rappreżentat fl-allerġija lejn qassisin li jagħmlu użu ħażin mill-flus. Papa Franġisku ndaħal fl-Istitut għall-Opri Reliġjużi (IOR), aktar magħruf bħala l-Bank tal-Vatikan, li ġie akkużat li mhux dejjem kien trasparenti fit-tmexxija tiegħu. Fid-djalogu tiegħu mar-Rabbi Abram Skorka ppubblikat fil-ktieb *Il cielo e la terra*, dak li allura kien il-Kardinal Bergoglio għamel referenza għall-episodju li seħħ ftit wara li kien ġie nnominat Isqof Awżiljarju, fil-bidu tas-snin disgħin, meta żewġ uffiċjali tħajru jdeffsuh fi tranżazzjonijiet finanzjarji diżonesti bl-iskuża ta' offerti lill-foqra. Luciani wkoll kellu jħabbat wiċċu ma' problem simili ġewwa Vittorio Veneto, u mhux misterju li, bħala Patrijarka ta' Venezja, ma aċċettax in-nuqqas ta' sens ta' ħniena f'ċerti ħidmiet fil-Bank tal-Vatikan.

L-għajta ta' "Knisja fqira u għall-fqar" hija sejħa li torbot liż-żewġ figuri flimkien. It-tnejn kienu distakkati mit-tlellix. Fi Frar tal-1976, allura meta kien Patrijarka ta' Venezja, Luciani awtorizza lill-Kappillani u lir-Retturi tas-Santwarji fid-djoċesi Venezjana biex jeħilsu lilhom infushom minn dehbijiet, perli u ċrieket mogħtijin b'wegħdi mill-fidili Nsara tagħhom. Ippropona li d-dħul mill-bejgħ ta' dawn l-oġġetti insinifikanti quddiem il-Mulej, imur b'risq iċ-Ċentru Don Orione, ċentru li jilqa' fih tfal b'diżabilità mentali. Bħala Isqof tagħhom, hu stess kien ta eżempju għal dawn il-Kappillani billi offra l-katina flimkien mas-salib pettorali tiegħu u biddilhom ma' oħrajn ta' valur ferm inqas. Kienu katina u salib li ried iżomm anke meta sar Papa. Xhieda ta' dan huma l-ewwel ritratti tiegħu bħala Papa. Kemm-il darba huwa fakkar f'dak li spiss kien jgħid Papa Pawlu VI li "l-popli tal-faqar qed jagħmlu appell drammatiku lill-popli sinjuri".

Fuq l-istess linji mexa Papa Franġisku. Bħala Kardinal Arċisqof ta' Buones Aires, ma kienx jilbes deheb, anzi, is-salib pettorali tiegħu kien xbieha sempliċi ta' Kristu Kurċifiss maħdum fil-metall. Mhux l-ewwel darba li rrakkomanda lis-saċerdoti tiegħu sabiex jitilqu minn għixien komdu fi djar komdi u dik it-tip ta' ħajja hu kemm-il darba ddeskriviha bħala ipokresija. Ilkoll niftakru l-ġrajja meta f'Ottubru li għadda, Papa Franġisku keċċa mid-djoċesi ta' Limburg fil-Ġermanja, lill-Isqof Franz-Peter Tebartz-van Elst wara li dan nefaq ammont esaġerat ta' flus mill-fondi tal-knisja għar-residenza uffiċjali tiegħu, u dan meta l-istess Papa kien qed jagħmel appell għall-awsterità.



Hu għal ħafna drabi ħeġġeġ lill-qassisin sabiex jimxu wara l-eżempju ta' Kristu u jmorru jitħalltu mal-morda u mal-isfortunati. Kien għalhekk ukoll li ddeċieda li jieħu l-isem tal-fqajjar ta' Assisi. Meta dakinhar, fil-Kappella Sistina, kienet tidher ċara l-għażla tal-Kardinal Bergoglio, l-Arċisqof Emeritu ta'

## SILVERCRAFT PRODUCTS LTD

MRA 018A, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS 3000

Tel: 21898046 • Fax: 21666400

Email: info@silvercraftltd.com



**Silvercraft Products Limited is a family owned business, supplier to the fibreglass industry. Our list of products includes fibreglass, tissue, resin, brush cleaners, pigments, waxes and a variety of tools and other material related to the industry.**

**We also produce fibreglass products for domestic and industrial use, including swimming pools, sewage treatment plants, tanks, bowsers and other tailor-made products to suit the needs of our variegated clientele.**

**You are more than welcome to forward us your projects for a detailed quotation or visit our shop for your DIY tasks.**

# Easy Come Store

*For all types of*

*groceries, frozen foods & detergents.*

Best value for your money!

**Free Delivery**

2, Dun Pawl Street, Luqa

San Paolo fil-Brażil, il-Kardinal Claudio Hummes, dar fuqu u qallu: "Żomm fi ħsiebek lill-foqra". Hawn Bergoglio jgħid: "hu hekk ġie f'qalbi l-isem: Franġisk ta' Assisi. Huwa għalija l-bniedem tal-faqar, il-bniedem tal-paċi, il-bniedem li jħobb u li jindokra l-Ħolqien … hu l-bniedem li jagħtina dan l-ispirtu ta' paċi, il-bniedem fqajjar … kif nixtieq Knisja fqira u għall-foqra!" (Udjenza, 16 ta' Marzu 2013)

Dak li qed jipproponi għandu jgħin lilna Kattoliċi biex nifhmu darba għal dejjem dak li kien jgħallem Sant'Ambroġ li l-vera teżori tal-Knisja huma l-foqra, il-batuti, l-emarġinati, dawk li m'għandhomx għaxja ta' lejla. L-għajnuna tagħna m'għandhiex tkun l-għotja ta' karità ta' darba kultant.

Xieraq nimmarkaw ukoll ir-rabta li kellu Luciani mal-Amerika Latina, l-art li tat it-twelid lill-Papa Bergoglio. Diġà bħala Isqof ta' Vittorio Veneto, Luciani bagħat lejn il-Brażil numru ta' saċerdoti mid-djoċesi bħala missjunarji. Venezja wkoll kellha xi saċerdoti missjunarji fil-Brażil, li magħhom huwa żamm rabta mill-qrib. Luciani żamm ukoll rapporti ta' ħbiberija ma' bosta Isqfijiet tal-Amerika Latina. In-neputija tiegħu Pia tirrakkonta li "l-Kardinal Aloisio Lorscheider, Isqof ta' Aparecida, kien wieħed minn dawk li eleġġew lil zijuha u zijuha kellu stima kbira lejh."

## Isqof ta' Ruma

Kemm Luciani kif ukoll Bergoglio ma kinux jagħmlu parti mil-lista tal-Kardinali hekk imsejħa papabbli. Imma jidher ċar li fiż-żewġ konklavi, aktar milli bniedem tal-Kurja, l-eletturi riedu figura pastorali. Lis-segretarju tiegħu Dun Diego Lorenzi u lill-Patri, illum Kardinal, Prospero Grech, Luciani kien tarrfilhom l-intenzjoni li ma jaċċettax li jsir Papa fl-eventwalità li jiġi elett. Ħsibijiet simili jaqsam Bergoglio ma' Eugenio Scalfari, fundatur tal-gazzetta *La Repubblica*, meta dan intervistah nhar l-1 ta' Ottubru 2013: "Qabel aċċettajt tlabt li ninġabar għal ftit waħdi fil-kamra maġenb dik tal-gallarija li tagħti għal fuq Pjazza San Pietru. Kelli rasi vojta minn kollox u ħassejtni maħkum minn ansjetà kbira. Biex jgħaddili u nirrilassa ftit, għalaqt għajnejja u għeb kull ħsieb minn moħħi anki dak li nirrifjuta li naċċetta l-kariga."

Luciani, bħala Papa, wettaq ġesti personali ħafna li wrew ix-xewqa tiegħu li jibqa' dak iben il-poplu kif dejjem kien, viċin in-nies u l-aktar qrib ta' dawk inqas ixxurtjati. Kien l-ewwel Papa modern li beda jagħmel użu mill-'jien' minflok il-*plurale maiestatis* u kien ukoll l-ewwel li beda l-pontifikat b'investitura minflok bl-inkurunazzjoni tradizzjonali. Huwa rrifjuta wkoll l-użu tas-*sedia gestatoria*, sakemm din ġiet imposta fuqu bl-iskuża li b'dan il-mod biss huwa seta' jkun viżibbli għan-nies waqt mumenti pubbliċi. Fi żmien meta l-mexxejja tal-Knisja ħafna drabi aktar ħabbew l-immaġini tagħhom u kienu gratifikati u eċċitati mis-segwaċi tagħhom, Papa Luciani rażżan il-kult tal-persuna li spiss kien ikun indirizzat lejn il-Papa.



Hawnhekk, wieħed ma jistax iħalli barra dak li enfasizza fuqu Papa Franġisku li, sa mill-ewwel tislima tiegħu lill-fidili miġbura fi Pjazza San Pietru fil-lejla tat-13 ta'

Marzu 2013, hu kien qabel kollox 'l-Isqof ta' Ruma'. F'taħdita li kellu ma' Jean Villot, dak li kien Segretarju tal-Istat, Ġwanni Pawlu I kien qal: "Ngħid lilek b'qalbi f'idejja li, l-ewwel u qabel kollox, jien saċerdot, issa jien Papa, imma nixtieq li nkun ragħaj, mhux impjegat f'uffiċċju … Jien qabel xejn Isqof ta' Ruma u mbagħad il-Papa. Naf li huma żewġ affarijiet f'waħda, imma ma rridx nagħmel il-bixra li mhix importanti quddiem il-Kappillani tiegħi u quddiem in-nies tiegħi."

Wara l-elezzjoni tiegħu bħala Papa, proprju fit-30 ta' Awwissu 1978, waqt id-diskors lill-Kardinali, Luciani qal: "Nittama li intom Kardinali tgħinu lil dan Kristu fqajjar, Vigarju ta' Kristu, iġorr is-salib … Nemmen li għandi ħafna bżonn anke tal-Isqfijiet li jinsabu barra Ruma." Waqt l-udjenzi ġenerali, Luciani inawgura stil ta' djalogu, isejjaħ lejh tfajjel ċkejken, bħalma kien jagħmel ġewwa Venezja u bħalma jagħmel illum Papa Franġisku, jitħaddet man-nies. Ħoloq għagħa meta waqt l-*Angelus* tal-10 ta' Settembru 1978, huwa u jitkellem fuq l-imħabba ta' Alla, qal li Alla "hu missier, u aktar minn hekk, huwa omm." Il-Papa Bergoglio wkoll għadda kumment jixbah lil dan huwa u jiffoka fuq il-kunċett tal-ħniena divina. Bit-ton dħuli tiegħu tas-soltu, quddiem eluf ta' pellegrini, wasal biex jinnota l-atteġġjament 'matern' ta' Alla; il-kompassjoni tiegħu lejn il-bnedmin li "tfakkar fil-qalb tal-omm". (*Angelus*, 9 ta' Ġunju 2013)

Intant, il-Papa Ġwanni Pawlu I, fil-ftit ġranet tal-pontifikat tiegħu, irsista biex iġib 'il quddiem il-ħajja ordinarja tal-Knisja fil-ministeru tal-Papa, xi ħaġa li għal sekli sħaħ dehret bħala straordinarja. Xtaq li, kif illum irid Papa Franġisku, jibqa' hu nnifsu, mhux biss fis-sustanza imma wkoll fl-interpretazzjoni tal-ministeru Petrin. Dawk it-tlieta u tletin jum, fir-realtà mmarkaw triq twila għall-Knisja, medda mibdija mill-Papa Pawlu VI, figura kbira ta' Papa għalkemm xi ftit 'il bogħod min-nies, għal Ġwanni Pawlu II, li verament wassal stil ġdid fil-Papat. Nemmen ħafna li Papa Franġisku, li ħafna jqisuh bħala Ġiżwita 'Franġiskan', qed jissokta jġib 'il quddiem u jkompli dak li beda Papa Luciani li "fi żmien qasir laħaq il-milja tal-perfezzjoni ta' ħajja twila". (Għerf 4, 13)

**Biblijografija**


Camilleri, Alfred, *Jien, Albino Luciani*, PIN, 2008.

Darmanin, Paul (Trad.), *Franġisku: l-oriġini, il-profil u l-isfidi pastorali*, CAK, 2013.

Seabeck Raymond u Lauretta, *The Smiling Pope: the life and teaching of John Paul I*, Our Sunday Visitor Pub., Indiana, 1988.

Theuma, Edmond (Trad.), *Papa Franġisku: il-ħajja u l-isfidi*, CAK, 2013.

Tornielli Andrea u Zangrando Alessandro, *Papa Luciani: Il Sorriso del Santo*, Piemme, 2003.

Siti fl-internet:

http://en.wikipedia.org/wiki/Pope_Francis

http://en.wikipedia.org/wiki/Pope_John_Paul_1

http://www.vatican.va/

http://www.news.va/it/sites/meditazioni

http://www.papaluciani.com/





# Anniversarji Nazzjonali

**Andrè Farrugia**

Din is-sena, pajjiżna qiegħed jiċċelebra numru ta' anniversarji storiċi importanti. Malta se tiċċelebra l-10 anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-35 sena anniversarju ta' Jum il-Ħelsien, l-40 anniversarju ta' Jum ir-Repubblika u l-50 anniversarju ta' Jum l-Indipendenza. Huwa xieraq li dawn l-avvenimenti jiġu mfakkra b'mod nazzjonali bħala poplu wieħed, u ghalhekk twaqqfet il-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali Maltin, taħt l-awspiċi tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

It-tmexxija ta' din l-imsemmija Fondazzjoni ġiet fdata f'idejn il-Professur Oliver Friggieri, li huwa meqjus bħala wieħed mill-aqwa akkademiċi tal-ilsien u l-letteratura Maltija, u li f'kitbietu dejjem ħadem ghall-identità Maltija. Din il-fondazzjoni ġiet mwaqqfa biex b'mod dinjituż tfassal programm speċjali ghal dawn l-avvenimenti li se jiġu iċċelebrati matul din is-sena.

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa hafifa dwar l-istorja ta' dawn l-erba' anniversarji li komplew isawru l-identità Maltija.

## Il-50 Anniversarju ta' Jum l-Indipendenza

Jum l-Indipendenza jfakkar il-kisba tal-indipendenza tal-gżejjer Maltin mir-Renju Unit nhar il-21 ta' Settembru 1964. Kien ix-xahar ta' Ġunju tas-sena 1962, fejn il-Prim Ministru ta' dakinhar Ġorġ Borġ Olivier kien għamel talba formali biex Malta ssir indipendenti, u f'Settembru tal-istess sena attenda l-laqgħa tal-Prim Ministri tal-Commonwealth.

Fit-13 ta' Lulju 1963, Borg Olivier mexxa delegazzjoni tal-Gvern Malti fil-Konferenza dwar l-Indipendenza ta' Malta u li fi tmiemha tħabbar li Malta kienet ser issir *Indipendenti*. Kellu diversi taħdidiet mal-Gvern Ingliż biex din il-ħolma tiegħu u tal-Poplu Malti ssir realtà. Il-Kostituzzjoni għal Malta Indipendenti għaddiet mill-Parlament u ġiet approvata mill-poplu f'referendum fi Frar tal-1964.

Skont il-Kostituzzjoni tal-1964, Malta saret demokrazija parlamentari fi ħdan il-*Commonwealth*, l-għaqda tan-nazzjonijiet li kienu jiffurmaw parti mill-Imperu Britanniku. Wara l-Indipendenza, ir-Reġina Eliżabetta II baqgħat is-sovrana ta' Malta bit-titolu ta' Reġina ta' Malta u bil-gvernatur ġenerali jeżerċita l-awtorità f'isimha, filwaqt li d-direzzjoni u l-kontroll tal-gvern u tal-affarijiet nazzjonali kienu f'idejn il-kabinett fit-tmexxija ta' Prim Ministru Malti.

Dakinhar, Ġorġ Borġ Olivier sar l-ewwel Prim Ministru ta' Malta indipendenti, u bħala l-mexxej il-ġdid, ta bidu għaċ-ċelebrazzjonijiet f'dan il-jum mill-iktar memorabbli fl-istorja




# secure and easy shopping and dining when you’re abroad




Whether you are travelling for business or for pleasure, a BOV Card is the perfect choice for secure and easy shopping and dining.

*Your success is our goal.*

**BOV CARDS**

Terms and conditions apply.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta

BOV
Bank of Valletta



ta' Malta fl-Arena tal-Indipendenza ġewwa l-Furjana, fejn dakinhar kien għamel diskors li kien indirizzat lill-Prinċep Filippu, Duka ta' Edinburgh.

*"L-indipendenza tfisser illi rridu naħdmu forsi aktar u aktar bil-qalb għaliex irridu nagħtu prova lid-dinja illi l-indipendenza li ksibna aħna verament nimmeritawha, nafu naħdmu demokratikament, nafu lill-poplu tagħna mmexxuh lejn il-bon ordni u l-liġi fil-pajjiż, lejn il-prosperità ekonomika, lejn il-ġid tagħna, ta' wliedna u ta' wlied uliedna".*

(Silta mid-diskors li kien għamel il-Prim Ministru Ġorġ Borġ Olivier fl-Arena tal-Furjana nhar il-21 ta'Settembru, 1964)

**L-40 Anniversarju ta' Jum ir-Repubblika**

Fl-1964 Malta saret stat indipendenti, imma skont il-Kostituzzjoni, ir-Reġina Eliżabetta II tal-Ingilterra baqgħat il-Kap tal-Istat f'Malta. Tant, li r-Reġina kienet baqgħet taħta ir-rappreżentant tagħha f'Malta li kien jissejjaħ il-Gvernatur Ġenerali.



Fl-1974 kien sar tibdil kbir fil-Kostituzzjoni. Wara diskussjonijiet bejn iż-żewġ partiti l-kbar, il-Parlament Malti, b'maġġoranza kbira ta' 49 membru tal-Parlament ivvutaw favur din il-kostituzzjoni filwaqt li 6 membri biss kienu astjenew. Għalhekk il- Parlament Malti kien approva numru ta' tibdiliet fil-Kostituzzjoni, fost it-tibdiliet kien hemm dik li Malta ssir Repubblika. Mit-13 ta' Diċembru 1974, imfakkar fil-kalendarju Malti bħala Jum ir-Repubblika, ir-reġina tar-Renju Unit ma baqgħatx kap tal-istat u minflokha nħatar Sir Anthony Mamo bħala l-ewwel President tar-Repubblika ta' Malta filwaqt li Dom Mintoff ġie dikjarat l-ewwel Prim Ministru ta' Malta Repubblika.

Peress li Malta saret uffiċjalment Repubblika, ġiet għalhekk introdotta kostituzzjoni ġdida. Din il-kostituzzjoni li bħal dik Taljana, kienet tiddikjara li Malta kienet repubblika bbażata fuq ix-xogħol, introduċiet bosta artikli, bħal dak li kien jippermetti d-dritt għall-vot lil persuni ta' il-fuq minn 18-il sena fl-elezzjonijiet ġenerali.

Il-Presidenti ta' Malta Repubblika kienu dawn:

Sir Anthony Mamo (qabel sar President kien ukoll Gvernatur Ġenerali)

Dr. Anton Buttiġieġ (1976-1981)

Is-Sinjorina Agatha Barbara (1982-1987)

Is-Sur Pawlu Xuereb – Aġent President (1987-1989)

Dr. Ċensu Tabone (1989-1994)

Dr. Ugo Mifsud Bonniċi (1994-1999)
Dr. Guido De Marco (1999-2004)
Dr. Edward Fenech Adami (2004-2009)
Dr. George Abela (2009-2014)
Dr. Marie-Louise Coleiro Preca (2014 - )

## Il-35 sena Anniversarju ta' Jum il-Ħelsien

Kienet il-ġurnata tal-31 ta' Marzu 1979, ħames snin wara li Malta saret Repubblika li mmarkat il-ħelsien tal-gżejjer Maltin, ħielsa minn kull qawwa barranija għall-ewwel darba fl-istorja tagħha. Minn dakinhar '1 hawn ma kien hawn ebda bażi militari ta' xi nazzjon ieħor f'Malta, u b'hekk wara eluf ta' snin bħala bażi militari u navali, il-Maltin kellhom fl-aħħar is-sovranità totali ta' arthom.

Dan l-avveniment seħħ meta l-bażi militari Ingliża ngħalqet wara li r-Renju Unit irrifjuta li jħallas iċ-ċens dovut lil Malta fl-1979 u peress li l-kuntratt kien jagħlaq fl-1 ta' April, il-forzi Ingliżi telqu minn Malta ġurnata qabel.

Iċ-ċerimonja ta' dan l-avveniment kienet saret fil-lejl tal-31 ta' Marzu 1979, eżattament quddiem il-Knisja ta' San Lawrenz il-Birgu fejn biex tibqa' titfakkar din l-okkażjoni ġiet mibnija għolja artifiċjali b'monument fuqha xoghol tal-iskultur Anton Aguis. Din l-għolja, hi magħrufa aħjar bħala l-Għolja tal-Ħelsien. Iċ-ċelebrazzjonijiet uffiċjali laħqu l-quċċata f'nofsillejl tal-31 ta' Marzu, 1979, fejn eluf ta' Maltin sfidaw il-kesħa u inġabru lejn il-Kottonera biex jassistu għaċ-ċerimonja li fiha il-Prim Ministru Dom Mintoff telgħa l-għolja u assista ghall-inżul tal-bandiera Ingliża minn baħri Ingliż David Gilchrist ta' 23 sena, *signal man* fuq l-HMS London u t-tlugħ tal-bandiera Maltija minn ħaddiem Malti ċertu Alfred Xuereb ta' 45 sena minn Bormla, li kien welder it-tarzna fost ċapċip kbir, kaxxi infernali u daqq tal-qniepen tal-knejjes.

Ftit wara il-Prim Ministru Dom Mintoff flimkien mas-segretarju ġenerali tal-General Workers Union, Ġorġ Agius xegħlu t-torċa kommemorattiva mat-tokki tal-qniepen ta' nofsillejl fost il-ferħ u l-għajat tal-pubbliku preżenti, l-isparar tal-murtali, id-daqq tal-marċi mill-baned u d-daqq ta' qniepen tal-knejjes kollha ta' Malta. Dak il-lejl, l-aħħar t-truppi Ingliżi baqgħu abbord l-H.M.S. London, li ħalliet Malta l-għada filgħodu, bil-President tar-Repubblika, Dott. Anton Buttigieg ixejjer lill-bastiment minn fuq is-swar tal-belt Valletta faċċata tal-Port il-Kbir.



It-tluq tal-Ingliżi minn Malta kien ukoll ifisser it-tmiem tal-assistenza finanzjarja mill-Ingilterra. Minn dakinhar, Malta kellha tiddependi biss minnha nnifisha għall-għixien.

"*Huwa minnu li fuq spallejna jaqgħu responsabbiltajiet akbar. Imma Alla jgħin lil dawk li jħobbu u li jaħdmu għall-paċi. 'Imberkin dawk li jaħdmu għall-paċi, qal Kristu, 'għax huma jissejħu ulied Alla'. Niżżu ħajr lill-mistednin barranin tagħna talli ngħaqdu magħna llum u ngħidulhom: aqsmu*

*magħna l-ferħ tagħna! Fuq kollox ngħidulhom: kunu xiehda għal din il-ħalfa li għamilna, li qatt iżjed ma jkun hawn bażi militari barranija fuq artna u li Malta tibqa' għal dejjem Repubblika demokratika ħielsa għal kollox, immexxija mill-Maltin għall-Maltin."*

(Silta mid-diskors li kien għamel il-President tar-Repubblika Anton Buttigieg nhar il-31 ta' Marzu 1979, diskors li xxandar dirett fuq Xandir Malta, radju u televiżjoni.)

## L-10 Anniversarju mid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea

Mit-tifrik tat-tieni gwerra dinjija twieldet tama ġdida. Nies li rreżistew it-totalitarjaniżmu matul il-gwerra kienu determinati li jġibu fi tmiem il-mibegħda internazzjonali u r-rivalità fl-Ewropa biex jibnu paċi dejjiema bejn l-għedewwa antiki. Bejn l-1945 u l-1950, għadd ta' statisti qalbiena fosthom Konrad Adenauer, Winston Churchill, Alcide de Gasperi u Robert Schuman bdew jikkonvinċu lill-popli tagħhom biex jibdew era ġdida.

Robert Schuman (Ministru tal-Affarijiet Barranin Franċiż) ħa l-idea li kellu qablu Jean Monnet u fid-9 ta' Mejju 1950, ippropona li jwaqqaf il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA). Fil-pajjiżi li qabel kienu ġġieldu lil xulxin, il-produzzjoni tal-faħam u l-azzar tpoġġiet taħt awtorità komuni – 'l-Awtorità Għolja'. Hija ħaġa prattika imma wkoll simbolika ħafna, li l-materji primi tal-gwerra jinbidlu fi strumenti ta' rikonċiljazzjoni u paċi. Dan il-pass sod u ġeneruż kien suċċess kbir. Kien il-bidu ta' iktar minn nofs seklu ta' kooperazzjoni paċifika bejn l-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropej. Bit-Trattat ta' Maastricht fl-1992, l-istituzzjonijiet tal-Komunità issaħħew u ngħataw responsabilitajiet usa u b'hekk twieldet l-Unjoni Ewropea (UE).

Kien ppru fl-1 ta' Mejju tal-2004, meta Malta flimkien ma' disa' pajjiżi oħra Ewropej saret membru tal-Unjoni Ewropea. Malta ssieħbet wara li fis-sena 2003, il-poplu Malti f'referendum b'maġġoranza vvota favur is-sħubija. Ir-riżultat ta' dan ir-referendum kien ta' 54% favur l-Unjoni Ewropea. Kienet id-data tas-16 t'April 2003, meta l-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. Eddie Fenech Adami flimkien mal-Ministru tal-Affarijiet Barranin Joe Borg iffirmaw it-trattat għas-sħubija biex flimkien mal-kumplament tal-pajjiżi ġodda disgħa b'kollox jidħlu membri sħaħ fl-Unjoni Ewropea nhar l-1 ta' Mejju, 2004. Fl-1 ta' Mejju 2004, il-bandiera Maltija ttellgħet għall-ewwel darba bħala membru tal-Unjoni Ewropea f'ċerimonja uffiċjali li kienet saret fl-Irlanda.

Illum Malta tifforma parti mit-28 pajjiż membru fl-Unjoni Ewropea, b'ħafna mil-laqgħat isiru fi Brussell filwaqt li s-sessjonijiet plenarji jitlaqqgħu fi Strasburgu.

F'dan l-artiklu tajna ħarsa ħafifa dwar l-erba' Anniversarji Nazzjonali li jfakkruna fl-istorja kbira li pajjiżna għandu, storja ta' poplu. Erba' Anniversarji li għandhom ikun t'ghan biex il-Poplu Malti u Għawdxi ikun u jibqa' maqgħud ghal dejjem. Iżda ma tistax ma tirringrazzjax dawk il-persuni kollha li taw l-involviment tagħhom biex il-ħolma tagħhom ssir r-realtà u li bis-saħħa tagħhom aħna qegħdin ngħixu f'soċjetà kif nafuha llum.




Nixtieq nawgura l-festa t-tajba lil Ħalluqin kollha.


TRY ELMO
and benefit from our multi product discount
Elmo
INSURANCE
Motor Insurance
Yacht and Pleasure Craft Insurance
Health Insurance
Home Insurance
B'KARA ✆ 2343 0322
COSPICUA ✆ 2343 0301
PAOLA ✆ 2343 0306
QORMI ✆ 2343 0311
RABAT ✆ 2343 0332
ST. PAUL'S BAY ✆ 2343 0310
ZEBBUG ✆ 2343 0326/7
VALLETTA ✆ 2343 0316
elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd., Abate Rigord Street, Ta' Xbiex XBX 1111 | Tel: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry out general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.


TOWELS
Gold Dollar
PERFUMES
LINGERIE
Barbells VALUE PACK
BODY JEWELLARY
SOCKS
Saffron LIPSTICK
MAKE-UP
EARRINGS
GUTZ fashion
FASHION FOR ALL THE FAMILY
27239090
TOPS & DRESSES
UNDERWEAR
HAMRUN
LUQA
FGURA
RELAX ITEMS



# L-Istorja tal-istrumenti tar-ramm u l-manifattura tagħhom

**Eric Camilleri**

Meta nħarsu lejn banda Maltija mixja fit-triq ħafna mill-istrumenti li naraw huma magħmulin mir-ram, jew kif inhuma msemmija bl-Ingliż *brass instruments*. L-aktar żewġ kuluri komuni li nsibu li jintużaw fil-baned huwa l-kulur l-abjad u dak safrani. Strumenti tar-ram huma klassifikati bħala strumenti tan-nifs fejn il-mużiċist jonfoħ fil-bukkin li jkun imwaħħal mal-istrument sabiex joħloq in-noti li jkunu qegħdin jinqraw.

Il-filosfu Grieg Pythagoras kien wieħed minn tal-bidu li analizza t-tonalità tal-istrumenti fejn bażikament jgħid li korda jew arja li qiegħda tivvibra, fil-kas tal-istrumenti tar-ram, għandha t-tendenza li toħloq ċertu frekwenzi ibbażati fuq it-tul tal-korda jew tat-tubu.

Meta tħares lura fiż-żmien fejn strument kien ikun magħmul minn tubu tar-ram biss, dan kien iħalli ħafna spazju bejn nota u oħra, għalhekk mhux in-noti tal-iscala mużikali kollha kienu setgħu jinstemgħu. Eżempju ta' dan hija l-*bugle* fejn tixxibaħ ħafna mal-kurunetta. Il-kumpaniji li jipproduċu dawn it-tip ta' strumenti llum il-ġurnata rnexxielom joħolqu sistema ta' valvi, fejn meta l-mużiċist jagħfashom ikun jista' jdoqq in-noti kollha tal-iscala mużikali.



Mod ieħor ta' kif tista' toħloq noti differenti fuq strumenti tar-ram huwa s-*slide*. Eżempju ta' dan huwa t-trumbun, li sallum il-ġurnata għadna narawh fil-baned tagħna u huwa wieħed mill-aktar metodi antiki li kienu jintużaw sabiex tinbidel it-tul tal-istrument u b'hekk jinstemgħu noti differenti.

L-istrumenti tar-ram ilhom għal numru kbar ta' snin jintużaw, fil-fatt joħduna lura fiż-żmien ir-Rumani u r-Rinaxximent. Ftit mill-eżempji huma l-kurunetta dritta li kienet magħmula mill-injam, bronż jew tal-fidda, li kienet magħrufa bħala *salpinx*.



L-aktar li kienu jużawha kienu l-Griegi. Eżempji oħra kienu t-*tuba* Rumana, *littus* u *buċċina*.

Aktar kmieni kien hemm strumenti li kienu magħmulin mill-qrun tal-annimali, wieħed minn dawn


Lamb brand
since 1931
cook & exchange
gift scheme
cook your favourite recipes
with Lamb Brand products & exchange
empty packets with great gifts.
more gifts to choose from
10 packets
75 packets
50 packets
Find us on Facebook
natural healthy food
Exchange proof of purchase or packets* with these gifts
from C. Cini Mfg. Ltd., 30 New Street, Qormi.
*Both old and new packets are exchangable.
Terms and conditions apply.
t: 2144 4324 | m: 9945 4324 | e: info@ccini.com
Register on www.lambbrand.eu to receive more recipes and updates.





l-eżempji huwa l-*lur* li konna nsibuh fl-Iskandinava, kif ukoll il-*cornu* Ruman.

Matul iż-żmien tar-Rinaxximent l-istrumenti tar-ram bdew jevolvu aktar għal dak li nafuhom illum. Madwar is-sena 1400 dehret l-ewwel kurunetta forma ta' S, fejn wara dehret il-kurunetta mitwija u kif ukoll il-kurunetta *slide*. It-trumbun *slide* fil-fatt kienet idea li ttieħdet mill-kurunetta *slide* madwar is-sena 1450. Strument ieħor li kien għadu qiegħed jiġi żviluppat fl-istess żmien kien il-kurnu, fejn ma kienx jintuża bħala strument mużikali iżda kien jintuża mill-kaċċaturi.

Matul is-seklu sbatax il-kwalità u d-disinn ta' kif isir strument tar-ram beda jinbidel. Fil-fatt fis-sena 1600 kumpanija ġewwa Nuremberg bdiet tipproduċi strument tar-ram b'disinn differenti sabiex l-istrument ikun jista' jaħdem aħjar. Din il-kumpanija rnexxielha tevolvi l-kurunetta fejn irnexxielha ddaħħal is-sistema ta' pompi fl-istrument, u kif ukoll it-tul tar-ram li kien jintuża kiber, iżda nstab il-metodu kif dan ir-ram għandu jkun mgħawweġ b'mod li l-kurunetta tidher l-istrument li nafuh illum. Barra minn hekk dawn l-istrumenti setgħu jintonaw, permezz tat-tubi differenti tar-ram li kienu jitwaħħlu mal-bukkin. Irridu niftakru li s-sistema tal-valvi kienet għadha ma' bdietx tintuża u dawn it-tip ta' strumenti kienu jissejħu *clarino*.





Matul l-aħħar snin tas-seklu sbatax kienu jsiru ħafna kunċerti għall-*clarino*. Fil-fatt kompożizzjonijiet ta' Maurizio Cazzati, Guiseppe Torelli u Domenico Gabrielli għadhom jindaqqu sallum.

It-trumbuni kienu jintużaw ħafna wkoll matul l-istess żminijiet. Fil-fatt strument li dak iż-żmien kien jissejjaħ *sackbuts* kien jintuża ħafna f'kunċerti u baned muniċipali ta' dak iż-żmien fejn kien komuni li kienu jiġu kkumbinati ma' strument bl-isem ta' *shawm*.

Is-sackbut kien jiġi użat ukollma' strumenti aktar kwieti u l-iktar sitwazzjoni li kien jiġi użat frekwentament kien fil-knejjes peress li l-kompożituri kienu jkunu jridu jisimgħu żewġ vuċijiet fil-kompożizzjoni tagħhom.

Il-kurnu ma' kienx għadu jiġi wżat f'kunċerti u knejjes dak iż-żmien iżda kien jintuża waqt opri sabiex joħolqu atmosfera fejn kien ikun hemm xena tal-kaċċa.

# MARK's GARAGE

*Mechanical Service & Repairs*

Sales of Second Hand Parts

**Agent for Cepsa Lubricants & PBR Filters**

Tel: 2168 9456

Mob: 9947 6370, 7922 5926

**Cepsa Motor Oil PBR Filters**

# JERRY'S SILENCER REPAIRS



**CO2 Welding**

## For Welding & Silencer Repairs

**Teddy's Garage, Siġġiewi Road, Mqabba**

**Tel: 2164 0750 – Mob: 9944 9237**

Fis-seklu tmintax, il-kurnu beda jiġi żviluppat b'mod li kien kapaċi li jilħaq espresjoni mużikali għolja ħafna. Bejn is-snin 1700-1710 Michael Leichnambschneider li kien manifattur tal-istrumenti ġewwa Vjenna kien l-ewwel pesuna li rnexxielu joħloq is-sistema tal-pompi fuq il-kurnu u għalhekk kien seta' jindaqq f'tonalità differenti.



Wara din il-qabża fil-kwalità f'dan l-istrument fl-1750 ġewwa Dersen persuna li kien idoqq il-kurnu rnexxielu jiżviluppa teknika ġdida ta' kif jindaqq dan l-istrument. Din it-teknika għadha tintuża sallum il-ġurnata, fejn il-persuna li tkun qiegħdha ddoqq dan l-istrument tpoġġi jdejha minn fejn joħroġ il-ħoss u skont il-grad ta' kif tiċċaqlaq l-id tinbidel it-tonalità. Reinhard Keiser kien kompożitur li jista' jkun li kien l-ewwel wieħed li sejjaħ il-kurnu sabiex ikun parti minn orkestra fl-opra tiegħu Octavia miktuba fl-1705. Geirge Frederick Handel fl1717 kien daħħal żewġ kurni fil-kompożizzjoni bl-isem ta' *Water Music* u fl-1762 Franz Joseph Hydn kiteb l-ewwel kunċert għall-kurnu.

Fl-istess żmien bdew jinkitbu wkoll biċċiet tal-mużika għat-trumbun. Christoph Wagenseil, Johann Albrechtsberger, Michael Haydn, u Leopold Mozart kollha kitbu biċċiet li kienu jinkludu solijiet fuq it-trumbun alto li kien l-aktar trumbun preferut f'dak iż-żmien. Peress li dan l-istrument kif għedna qabel kien jintuża ħafna fil-knejjes, il-kompożituri tal-opra kienu jużaw dan l-istrument sabiex ipinġu atmosfera sagra f'xi xeni mill-opra, tnejn mill-aktar eżempji komuni huma kompożizzjonijiet ta' Wolfgang Amadeus Mozart, *Don Giovanni* u *The magic flute*.

F'nofs is-skelu tmintax kienet famuża ħafna l-kurunetta barokka fil-fatt J.S. Bach kien kiteb ħafna xogħlijiet għall-kurunettista bl-isem ta' Gottgried Reiche. Wara l-1760 l-istil ta' daqq fuq il-kurunetta beda jonqos, l-aktar minħabba li l-istili mużikali bdew jinbidlu iżda xorta kienu saru aktar xogħlijiet li kienu jinvolvu solijiet fuq il-kurunetta. Ernst Altenburg kiteb xogħol li jismu *Trumpeter's and Kettledrummer's Art* fl-1795 u Haydn fl-1796 kiteb kunċert għall-kurunetta għall-kurunettista minn Vjenna bl-isem ta' Anton Weidinger.

Is-seklu dsatax kien l-aktar żmien fejn rajna innovazzjoni fejn għandhom xjaqsmu l-istrumenti tar-ram fejn jidħlu disinni. Mhux ċert min kien ivvinta s-sistema tal-valvi f'dawn it-tip ta' strument, iżda kien madwar l-1826 meta kurunetta ġermaniża bil-valvi kienet ittieħdet ġewwa Pariġi fejn kienet ikkupjata u bdiet iżżid fil-fama.

Hector Berlioz kien l-ewwel kompożitur li uża dan l-istrument bil-valvi f'kompożizzjoni bl-isem ta' *Les frans-juges* fl-1826. Fl-1835 Halvey's La Juive kienet l-ewwel kompożizzjoni li seta' jindaqq il-kornu bil-valvi. Il-kurunetta f'dawn iż-żminijiet ħadet fama kbira għall-aġilità kromatika tagħha. It-trumbun bil-valvi kien ġie żviluppat madwar is-sena 1828 u kien jiġi l-aktar użat fil-baned. Fl-1835 l-ewwel baxx bil-valvi kien magħmul ġewwa Berlin minn kumpanija bl-isem ta' Wilhelm Wieprecht u Johann Gottfried Moritz. Il-baxx tenur kien magħmul għall-ewwel darba minn kumpanija





Tal-Familja

*Restaurant*

*. . . a typical Maltese family run restaurant,*
*serving fresh fish & shell fish*
*and Maltese dishes*

**Triq il-Gardiel, Marsascala, Malta**
**Tel: 2163 2161, 99473081**

PALAZZO PRECA
RESTAURANT
WHERE YOU MEET, EAT & GREET

54, STRAIT STREET VALLETTA
TEL: 2122 6777 - 9986 6640 - 9984 6866
EMAIL: info@palazzoprecarestaurant.com



OPEN TUESDAY TO SATURDAY FOR LUNCH & DINNER
SUNDAY: DINNER ONLY (SUMMER) - LUNCH ONLY (WINTER)

bl-isem ta' Moritz fl-1843 u l-efonju minn Sommer of Weimar fl-1843.

Madwar is-sena 1890 id-dehra moderna tal-orkestra fejn fiha naraw il-kurunetta sar aktar komuni. Fi Franza u l-Ingilterra u l-Istati Uniti kont tara l-kurunetta tal-valvi dritti iżda fil-Ġermanja, l-Awstrija u l-Italja l-aktar kurunetta komuni kienet dik bil-valvi ċatti.

Meta l-kompożituri bdew jaraw din il-qabża fil-kwalità fl-istrumenti tar-ram bdew jinkludu aktar dawn it-tip ta' strumenti fil-kompożizzjoni tagħhom u jagħtu aktar spazju għal sollijiet fuq dawn l-istrumenti. Ludwig Van Beethoven kien l-ewwel kompożitur li nkluda t-trumbuni f'xogħlijiet kbar fejn kiteb xogħol għal tliet trumbuni fil-ħames u d-disa' sonfonija tiegħu. Wara dan ix-xogħol kompożituri oħra kienu qegħdin jinkludu dan l-istrument fix-xogħlijiet tagħhom. Fl-1800, Beethoven kien ukoll kiteb Sonata bl-isem ta' Il-*Horn Sonata, Op. 17* għal Giovanni Punto. Carl Maria von Weber kiteb il-*Concertino for Horn* fl-1806 u fl-1873 Ferdinand David kiteb il-*Concertino for Trombone*. Richard Wagner u Hector Berlioz it-tnejn li huma kienu bdew jinkludu aktar il-baxx fil-kompożizzjonijiet tagħhom.

Fl-1864 il-kumpanija J.B. Arban's kienet ippublikat ktieb tat-tagħlim għall-kurunetta bl-isem ta' *Complete Conservatory Method*. Dan il-ktieb illum il-ġurnata nqaleb għal strumenti kollha tar-ram.

Fis-seklu għoxrin saru aktar innovazzjonijiet fil-qasam tal-istrumenti tar-ram. Il-kumpanija Belġjana Mahillon ipproduċiet kurunetta bl-isem ta' Picollo Bflat trumpet fl-1905. Din il-kurunetta kienet ġiet magħmula sabiex tibda daqq flimkien mal-kurunetta li nafu llum matul il-kompożizzjoni ta' Bach bl-isem ta' Bach's 2$^{nd}$ Brandenburg Concerto u għal xogħol ieħor li kien intenzjonat għall-kurunetta clarino.

Aktar kompożituri bdew jiktbu biċċiet tal-mużika b'solijiet għal strumenti tar-ram. Richard Strauss ikkompona t-tieni kunċert għall-kurnu fl-1942 u fl-1954 Ralph Vaughan William ikkompona kunċert għall-baxx.

Mużiċisti li kienu jdoqqu l-istrumenti tar-ram lejn in-nofs tas-seklu għoxrin bdew jieħdu fama internazzjonali. Dennis Brian kien idoqq il-kurnu u kien ta' fama kbira lil dan l-istrument qabel ma' sfortunatament miet b'aċċident fatali tat-traffiku. Il-kurunettista Franċiż Maurice André kien ippopolarizza l-kunċett ta' solo fuq dan l-istrument u Christion Lindberg kellu karriera ta' suċċess bħala artist solist bit-trumbun.

Lejn is-sena 1920 il-mużika jazz bdiet issir famuża ħafna, fejn il-kurunetta u t-trumbun kienu strumenti fundamentali għal dan l-istil. Il-kurunettista Louis Armstrong u Tommu Dorsey li kien idoqq it-trumbun kienu tnejn mill-ftit mużiċisti fix-xena jazz li l-abiltà tagħhom f'dawn l-istrumenti kienet impressjonanti.

Illum il-ġurnata dawk il-mużiċisti, kompożituri, diżinjaturi ta' dawn l-istrumenti tar-ram qegħdin ikomplu jaħdmu sabiex l-istrumenti tar-ram ikomplu jevolvu. Kull sena tara strumenti tar-ram ġodda u xogħlijiet ġodda jiġu miktuba għalihom. Il-mużiċisti qegħdin ikomplu bħal dejjem jesperimentaw u joħolqu xi ħaġa ġdida fuq dawn l-istrumenti.


Rosy's
UNISEX SALON
MOB: 99596769
Triq Leonardu Abela c/w
Triq il-Kurunell Mas
Tarxien
Steam pod: the new straightening and smoothing service,
for a sleek, shiny-looking finish.
Keratin Treatment from € 70
Full Maybelline makeup range in stock
Opening Hours:
Tuesday & Wednesday by appointment
Thursday 4pm till 7pm
Friday 4pm till 8pm
Saturday 9:30 am till 5:30pm


Your nails are like Jewels ,
Don't use them like tools !
Find us on
facebook
Elle's
NAIL BOUTIQUE
Professional Nail technician who works both with gels and acrylics.
Detailed HAND PAINTED nail art such as one stroke and micro-pittura.
GELISH . NAIL EXTENSIONS . GEL ON TOES . NAIL ART . MANICURES . PEDICURES . PARAFFIN WAX TREATMENT . OVERLAYS .
Eleonora Cauchi - 79248103
Elle's nail boutique, 2, Triq L-ahwa Vassallo, Luqa.



Nifirħu lil Dr. Joseph Sapiano
u lil Rev. Dun Raymond Cassar
*Ex-Viċi Parroku tal-Parroċċa ta' Ħal Luqa*
li ngħataw Ġieħ Ħal Luqa 2014 mill-Kunsill Lokali



# Paul's Store

CHURCH SQUARE, LUQA



*Under new Management*





*Free delivery*

**_Anton u l-mara jawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd_**



# Sant'Andrija

**Gertrude Gerada**

Waslet il-festa tagħna
ta' Sant'Andrija l-padrun
Festa kbira nagħmlulu
u bil-qalb aħna nsellmulu.

Aħna tal-Banda Unjoni
Sant'Andrija mkabbrin bih
Festa tixraqlu għax qaddis kbir
lilu jixraq kull tifħir.

Sant'Andrija l-ewwel appostlu
Ma' Ġesù mar minnufih
ħalla kollox u mar warajH
ix-xbiek telaq minn dirgħajh.

Sant'Andrija qaddis kbir
lilu jixraq kull tifħir
aħna l-Ħal Luqin ferħanin
bil-qaddis tagħna mkabbrin.

Sant'Andrija ħa l-martirju
għax miet fuq is-salib
ried imut bħal Mulej
u tagħna hu l-feddej.

Sant'Andrija dejjem għallem is-sewwa
il-Mulej riedu għaliH
ikkonverta ħafna nies
u mħabba nagħtuh bla qies.

Mela aħna tal-Banda Unjoni
festa kbira nagħmlulu
l-banda ddoqq marċi sbieħ
minn fejn jgħaddi jżejjen triq.

F'Sant'Andrija nagħmlu marċi brijużi
anki ndoqqu fuq il-planċier
ħafna nies jiġu għall-festa tagħna
anki turisti jgawdu magħna.

Sant'Andrija kkonverta ħafna bliet
dejjem ipprietka s-sewwa
nagħmlulu festa għax bih imkabbrin
hu l-patrun tal-Ħal Luqin.

Aħna tal-Banda Unjoni
għandna planċier sabiħ
u l-każin titpaxxa bih
anki bil-faċċata li fih.

Aħna għall-festa tagħna
nagħmlu nar kollu kuluri
kaxxa nfernali nagħmlu wkoll
u kollox nagħmlu bil-kontroll.

Malli joħroġ Sant'Andrija
l-banda tibda minnufih
iddoqq bl-innu tagħna
u kulħadd jifraħ magħna.

Il-banda tal-Unjoni tagħna
issebbaħ kull fejn tmur
imkabbrin ħafna biha
u tal-Ajkla msemmiha.

# Tislima lill-Baruni Kelinu Vella Haber S.O.S.J. (1913-2014)

## *Ex President Onorarju tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni*

**Neil Zammit**

F'Jannar li għadda, is-Soċjetà *L-Unjoni* tilfet lill-Baruni Kelinu Vella Haber S.O.S.J., meqjus bħala benefattur u ħabib tas-Soċjetà. Minkejja li ma kienx imwieled Ħal Luqa, sar midħla ta' din is-Soċjetà u żammha dejjem qrib tiegħu f'qalbu u f'kitbietu.



Il-Baruni Kelinu Vella Haber twieled ġewwa n-Nadur Għawdex nhar l-1 t'Ottubru 1913, iben Lucio C.J. Vella Haber u Anna neé Buttigieg Grima. Huwa studja fil-Kulleġġ San Alwiġi ta' B'Kara u aktar tard fil-Kulleġġ San Mark. Beda l-karriera tiegħu bħala għalliem tal-Malti fis-Seminarju Minuri u l-Liceo t'Għawdex. Fl-1945, ġie nganġat miċ-ċivil bħala *Information Officer* u serva wkoll għal ħmistax-il sena sakemm irtira fl-1973 bħala *Senior Information Officer* u Kap tal-Informazzjoni u l-Propoganda fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikultura u Sajd.

Tul ħajtu huwa serva wkoll fost l-oħrajn bħala Membru Akkademiku tal-Akkademja tal-Malti sa' mill-1942, kif ukoll fundatur tal-Moviment tal-Lingwa Maltija. Waqqaf numru ta' assoċjazzjonijiet għall-bdiewa f'Għawdex, kif ukoll kien promotur tal-Lingwa Maltija fi ħdan l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm sa' mill-1963.

Huwa żżewweġ lil Donna Carmen neé Camilleri fit-18 t'Awwissu 1945 u kellhom tliet itfal; Frances, Joyce u Michael.

Il-Baruni Kelinu Vella Haber kiteb u ppublika għadd ta' xogħlijiet, kemm storiċi kif ukoll tekniċi, fosthom:

(a) *The National Sactuary of Qala and the Hermit of Mosta*
(b) *The Calendar of Flowers*
(c) *The Calendar of Gardening*
(d) *Home-making of Wine*

(e) *Poultry Breeding*
(f) *Oratorium for S.S. Peter and Paul*
(g) *Folkdrama Naduriana*



Barra minn dawn, huwa kiteb għadd kbir ta' artikli, profili, poeżiji u kontrubuzzjonijiet letterarji oħra għall-istampa lokali. Kiseb dottorati fil-letteratura mir-Renju Unit kif ukoll mill-Istati Uniti. Tul is-snin huwa rebaħ numru ta' premjijiet, waqt li ngħata għadd ta' onorefiċenzi, fosthom fl-2007, meta nħatar bħala Membru Onorarju tal-Għaqda Poeti Maltin. Huwa serva wkoll bħala l-editur ta' għadd ta' rivisti lokali fosthom:
(a) *Il-Qawsalla*
(b) *Il-Bidwi*
(c) *L-Agrikoltura*
(d) *S.O.S.J. Observer*

Wara numru ta' snin bħala Kavallier tal-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm, huwa serva wkoll bħala Gran Prijur Internazzjonali u Kap tal-Kunsill Suprem tal-istess Ordni.

Il-Baruni Kelinu Vella Haber irċieva numru ta' unuri u medalji, fosthom mill-Istat ta' Puerto Rico, Medalja tad-Deheb mill-Academie de Lutece, Medalja tad-Deheb mill-Akkademja ta' Pontzen, kif ukoll irċieva ċ-Ċittadinanza Onorarja mill-Belt t'Assisi fl-Italja. Fl-1995 irċieva l-unur *Ordre Communitaire du Merite Europeen* mill-Parlament Ewropew, waqt li fl-1997 irċieva l-Medalja tal-Ordni Nazzjonali tal-Mertu minn idejn l-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, dak iż-żmien President ta' Malta. Il-Baruni Vella Haber ingħata wkoll *Ġieħ in-Nadur* fl-1998 mill-Prim Ministru ta' dak iż-żmien Dr. Alfred Sant. Sena wara, ingħata t-titlu ta' Konti ta' Mandracci mill-Prinċep Cesare d'Altavilla, waqt li fl-2003 kien l-ewwel Malti nominat għall-Premju Nobel.



Ir-rabta tal-Baruni Vella Haber mas-*Soċjetà Filarmonika L-Unjoni* ta' Ħal Luqa tmur lura għas-sena 1995, meta propju nhar it-12 ta' Marzu ta' dik is-sena huwa ġie maħtur unanimament bħala President Onorarju ta' din is-Soċjetà. Nhar l-20 ta' Mejju tal-istess sena, is-Soċjetà ħadet ħsieb torganizza Kunċert Sinfoniku kbir ġewwa t-Teatru tal-Istitut Kattoliku fil-Florja ad unur tal-Baruni Vella Haber. Dakinhar, il-Banda kienet immexxija mis-

Sumast Direttur il-Prof. Charles E. Zammit, li kien ħabib kbir tal-Baruni Vella Haber. L-istess Surmast Direttur tal-Filarmonika *L-Unjoni* kiteb *suite* f'seba' movimenti bl-isem *Nostalgia* b'dedika lill-Baruni Vella Haber. Dan ix-xogħol mużikali kien ġie esegwit għall-ewwel darba mill-Banda *L-Unjoni* nhar id-9 ta' Marzu 1996 ġewwa t-Teatru tal-General Workers Union fil-Belt Valletta, taħt il-patroċinju tal-E.T. Dr. Ugo Mifsud Bonnici, President tar-Repubblika, flimkien mal-Baruni Kelinu Vella Haber innifsu.

Il-ħbiberija bejn il-Baruni Vella Haber, is-Surmast Zammit u s-Soċjetà *L-Unjoni* kompliet tissaħħaħ tul is-snin, tant li mhux l-ewwel darba illi l-Baruni Vella Haber kien jiddedika xi poeżija minn tiegħu lis-Soċjetà tagħna. Fost dawn insemmu żewġ poeżiji miktuba fl-2004, waħda ddedikata lill-Ex Surmast tal-Banda Joseph Abela Scolaro, u l-oħra miktuba f'għeluq il-25 sena mill-ħatra tal-Profs Charles E. Zammit bħala suċċessur tiegħu. Kien benefattur u ammiratur kbir tal-Banda L-Unjoni, tant li sakemm kienet tippermettilu saħħtu, dejjem attenda għall-Kunċerti li tellgħet il-Banda f'tejatri u postijiet oħra magħrufa.




Ftit tas-snin ilu, il-Baruni Vella Haber kiteb u rregala lis-Soċjetà biċċa xogħol letterarja kbira bl-isem *Fid-Dverna ta' Ħal Luqa* li tittratta l-ħajja soċjali ta' raħal tipiku Malti. Minnufih, din ġiet immużikata mis-Surmast Direttur ta' dak iż-żmien Prof Charles E. Zammit fil-forma ta' Kantata-Folk ta' 'l fuq minn sagħtejn, bil-ħsieb li tiġi esegwita ġewwa teatru ewlieni ġewwa teatru ewlieni f'pajjiżna. Iżda minħabba xi ntoppi li nqalgħu fl-aħħar ħinijiet, dan ix-xogħol uniku kellu jintrefa' fuq l-ixkaffa.

F'Ottubru tal-2013, il-Baruni Vella Haber iċċelebra għeluq il-mitt sena tiegħu. Minkejja li saħħtu bdiet sejra lura, huwa dejjem kien jiftakar fil-membri tal-Kumitat u s-soċi, waqt li kien jara kif jagħmel biex ikun ta' għajnuna għas-Soċjetà *L-Unjoni*.



Huwa ħalla din id-dinja nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar 2014. Il-funeral tiegħu sar jumejn wara ġewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Gżira, fejn għalih attendiet folla kbira ta' nies, fosthom qraba u ħbieb. Magħhom ingħaqdu wkoll rappreżentanti tas-Soċjetà *L-Unjoni*, b'turija ta' rispett u gratitudni lejn dak kollu li għamel tul ħajtu b'risq il-kultura mużikali ta' raħalna.

Grazzi ta' kollox Baruni.



*100 Sena f'Palazz Sant'Andrija*

*1914 - 2014*

# Obitwarju

## *Membri u Familjari li Ħallewna mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn*



Peter Vassallo
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fl-2013



Lewis Grima li mar jiltaqa'
mal-Mulej
fil-5 ta' Settembru 2013
fl-età ta' 77 sena



Joseph Sammut
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fis-27 ta' Novembru 2013
fl-età ta' 69 sena.



ĠanMarì Schembri
li mar jiltaqa'mal-Mulej
fl-24 ta' Diċembru 2013



Baruni Kelinu Vella Haber
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-28 ta' Jannar 2014
fl-età ta' 101 sena.



Jessie Aquilina née Darmanin
li marret tiltaqa' mal-Mulej
fl-1 ta' Frar 2014
fl-età ta' 67 sena.



John Camilleri
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fis-7 ta' Marzu 2014
fl-età ta' 71 sena.



George Vassallo
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-13 ta' April 2014
fl-età ta' 74 sena.



Emanuel Fenech
li mar jiltaqa' mal-Mulej
fit-8 ta' Mejju 2014
fl-età ta' 50 sena.



Marija Zammit
li marret tiltaqa'
mal-Mulej
fl-10 ta' Ġunju 2014
fl-età ta' 80 sena.



# Min irreklama

A & A Stone & Interiors ... 166
Alfred Baldacchino Ltd ... 92
AndrewÆs Garage ... 64
Andrew Vassallo Ltd ... 29
Atomic Garage ... 46
B & G Hardware Store ... 6
Bar tas-Soċjetà Filarmonika L-Unjoni ... 21
Barman tal-Luqa Shooters Club ... 92
Beauty Elegance ... 36
Bernard ta' Twanny Tal-Ħaxix ... 82
Big Save Footwear ... 90
Borg Bros Furniture Transport ... 112
BOV ... 172
C & H Bartoli ... 160
Carly's Stationery, Gifts and Toys ... 76
Carmel Caruana Furniture ... 94
Carmel's Fruit & Vegetable ... 34
Centre Stage ... 25
Cheveux Classique ... 110
Computer Bargains ... 31
Construct Furniture ... 33
D.M.S. Import/Export Co. Ltd ... 44
Daniel Woodworks ... 142
Dar Services ... 29
Dimples Pet Shop ... 133
Dione Mini Market ... 10
Discount Depot Cash & Carry ... 20
Dragon's Center ... 58
Easy Come Store ... 168
Elle's Nail Boutique ... 184
Elmo Insurance ... 176
Emmanuel Gatt Petrol Service Station ... 78
Emtes Stationery ... 80
Eretric Ltd ... 19
Evergreen Fruit & Veg/Dexter's Fruit & Veg ... 156
Executive Transport Cooperative Ltd ... 32
FGP Ltd ... 88
Flower Touch ... 146
Frankie Green Grocer ... 76
Funerals Undertaker ... 60
G. Darmanin Service Station ... 10
Gauci Borda & Co. Ltd ... 64
Gori Butcher ... 12
Gutz Fashion ... 176
Horace Spiteri Tan-Newwes ... 24
Husyl Household & Giftware ... 14
Hygrade Butcher ... 80
International Auto-Centre ... 48
J & S Store ... 142
J. Cassar Aluminium ... 116
J.B. Glass Work ... 56
J.I.T. International Forwarders ... 16
James Agius Woodworks Ltd ... 138
Jane's Hair Salon ... 83
Jerry's Silencer Repairs ... 180
Josef Penza Refrigeration & Air Conditioning ... 40
Kenda Ltd ... 62
Lamb Brand ... 178
Lawrence Cassar Ltd ... inside front
Lorenza Bazaar ... 73
Luqa St Andrew's FC Youth Nursery ... 45
Luqa St Andrew's Football Club ... 45
M. Cauchi Hardware Store ... 60
Magri Autocare ... 66
Malcom Mifsud Funeral Service ... 40
Marindex Trophies ... 122
Mark's Garage ... 180
Massimo Cassar ... 52
Muxi Clothing ... 98
Nardu tal-Ħaxix ... 120
Naxos Car Centre ... 137
Newwes Garage ... 8
Ninja Store ... 110
O.K. Bar ... 134
Oasis Restaurant ... 120
Pac Man's Take Away ... 54
Palazzo Preca ... 182
Paperway Stationery ... 166
Paul Scorfna ... 28
Paul's Store ... 186
Phoenicia Bar & Take Away ... 88
Phone Booth ... 21
Rons Restaurant ... 150
Rosy's Unisex Salon ... 184
S & L Import & Export Ltd ... 161
Santa Marija Service Station ... 158
Siljoe Garage ... 34
Silvercraft Products Ltd ... 168
Starting Point ... 38
Stephen Mini Market ... 42
Style Design Bathroom Centre ... 42
T. Spiteri Mini Ready-Mix ... 25
Ta' Lela Petshop ... 94
Ta' Matti ... 90
Tahabel Ltd ... 122
Take Off Bar & Restaurant ... 82
Tal-Familja Restaurant ... 182
Tal-Grazzja Bakery ... 134
Tal-Parrina ... 22
Telstar Butcher ... inside back
Tesor Jewellery & Gifts ... 37
The Gallery Hair Studio ... 46
Thermaseal Limited ... 146
Thomas Smith ... 41
Two 9 Six ... 73
V. Spiteri & Sons Ent. Ltd ... 162
Vigo Menswear ... 158
Vision 2000 ... 12
Welcome Bar/Snackbar ... 32
Zneiber Confectionery & Pastizzeria ... 56



Telstar Butcher
Sebastian Saliba Str, Luqa
2189 7927 / 7920 2630
FREE DELIVERY
Specialising in Chicken Bragoli
Stuffed with Minced Beef & Gammon
Filling or Spinach & Bacon Filling
ONLY €6
100% FRESH LOCAL CHICKEN
4KG Chicken Breast
ONLY €20
5KG Whole Legs
ONLY €11
Fresh Boneless Chicken Tighs
ONLY €6

Soċjetà Filarmonika L-Unjoni
90, Palazz Sant'Andrija
Triq Sant'Andrija, Luqa - Malta
Tel: 21 676 583 • www.unionbandmalta.org